# Werrej


Il-Kunsill Dejjem Kien ta' Spalla għall-Għaqdiet Lokali . . . . . . . . . . 4
L-Imġarr – Festa Waħda… Banda Waħda . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 5
Kulħadd Jaħdem Flimkien . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 8
Sena ta' Ħidma, Impenn u Pjanar . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 12
Il-Festa Dejjem qed Tikber . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 13
Tislima mill-Qalb lill-Imġarrin Kollha . . . . . . . . . . . . . . . . . . 16
Opportunità Biex Inkabbru l-Għaqda . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 17
L-Għaxar Sena Tiegħi . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 20
Il-Ġublew tat-Tama . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 28
Bejn Festa u Oħra . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 32
Ingħaqad mal-Banda . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 39
Tancred Grech – 10 Snin Imexxi l-Banda Tagħna . . . . . . . . . . . . . . 40
Il-Laptu tal-Madonna tal-Karmnu . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 46
Żewġ Knejjes Famużi Barra minn Gżiritna Ddedikati lil Santa Marija . . . 48
L-Imġarr fit-Tieni Gwerra Dinjija . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 52
Baned Militari . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 56
The Jubilee Esplanade . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 60
Mġarr Primary School is 100 Years Old . . . . . . . . . . . . . . . . . . 64
L-Imġarrin fil-Gwerra . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 67
50 Sena Ilu Qaddist l-Ewwel Quddiesa ż-Żebbiegħ . . . . . . . . . . . . 79
Servizzi Mużikali, Sena 2024 . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 80
Programm tal-Festa 2024 – Festi Interni . . . . . . . . . . . . . . . . . Insert
Sehem il-Banda fil-Festa . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . Insert
Lista tar-Reklami . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . Insert
Żewġ Antifoni Marjani . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 97
"KAJBOJS" . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 102
Il-Fortizza ta' Binġemma . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 108
L-Inbid Isir Ħall… u Mhux il-Ħall Isir Inbid . . . . . . . . . . . . . . 111
Storja ta' 'l Fuq Minn Mitt Sena . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 129
Road to my Mġarr . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 132
Fid-Dell tal-Kampnari . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 133
Il-Ħila tar-Reżiljenza . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 136
Id-Divorzju . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 139
Oreste Kirkop (1923-1998) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 142



Pubblikazzjoni tas-
**Soċjetà Filarmonika**
**"Marija Mtellgħa s-Sema",**
**tal-Imġarr A.D.2011**

Fl-okkażjoni tal-Festa Titulari
ta' Santa Marija, Awwissu 2024
www.bandamgarr.com
info@bandamgarr.com
VO/0577
VAT MT 2606-2606

Editur:
Joseph Caruana

Qari tal-provi:
Chris Giordano

Ġbir tar-reklami:
Joseph Caruana
Giovanni Gatt
Maria Vella
Martin Scerri

Ritratti:
Awturi tal-artikli
Arkivji
Joseph Caruana
Clive Pace

Ħajr: Lill-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà, lil dawk li ġabru r-reklami, lill-kontributuri bl-artikli u bir-ritratti, lid-ditti u lill-kumpaniji li rreklamaw u lilkom li tapprezzaw din il-pubblikazzjoni.



Ħadd ma jista' jikkopja jew juża parti minn din il-pubblikazzjoni mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà.

L-artikli kollha li qegħdin jiġu ppubblikati f'dan il-ktieb huma propjetà tal-awturi rispettivi. Is-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa s-Sema", tal-Imġarr, mhix responsabbli mill-fehmiet imfissra fl-artikli ppubblikati f'din il-ħarġa. Għalhekk kull awtur huwa responsabbli ta' dak li jikteb.

Kull reklam li jidher f'din il-pubblikazzjoni huwa donazzjoni lis-Soċjetà Filarmonika "Marija Mtellgħa S-Sema", tal-Imġarr.

Din il-pubblikazzjoni qed titqassam bla ħlas.

Kull donazzjoni tiġi apprezzata.



Disinn: Massimo Schiavone

Stampat
**Best Print Co. Ltd, Qrendi**
**21649012, 99499084**


1912
AVE RE
LORVM
1948



## Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr AD 2011

*Kumitat Eżekuttiv 2024*

| | |
|---|---|
| Presidenti Onorarji | It-Tabib Godfrey Farrugia |
| | L-Onor. Dr Ian Borg MP |
| | L-Onor. Kav. Louis J. Vella MQR |
| | Is-Sur Raymond Muscat BSc, EFIAP, MPS |
| | Is-Sur Michael Attard |
| | Is-Sindku s-Sur Paul Vella |
| | Is-Sur Paul Camilleri |
| | Is-Sur Antoine Azzopardi |
| | Is-Sur Giancarlo Sopetti |
| | L-Onor. Dr Alicia Bugeja Said MP |
| | Is-Sur Charlie Polidano |
| | Is-Sur Clayton Gauci |
| Membri Onorarji | Is-Sur Nazju Schembri |
| | L-Inġinier Mario Sammut |
| | Is-Sur Martin Scerri |
| President | Is-Sur Giovanni Gatt |
| Segretarju Ġenerali | Is-Sur Joseph Caruana |
| Kaxxier | Is-Sur Mark Edward Mifsud ACCA, MIA |
| Viċi President | Is-Sur Colin Falzon |
| Ass. Segretarja | L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D |
| Ass. Kaxxiera | Is-Sinjura Angela Muscat |
| | Is-Sinjura Maria Vella |
| PRO | Is-Sinjura Maria Vella |
| Delegat Briju u Spettaklu | Is-Sur Christian Vella |
| Delegat tal-Banda | Is-Sur Joseph Caruana |
| Membri | Is-Sur John Bugeja |
| | Is-Sinjura Sharon Azzopardi |
| Surmast Direttur u għalliem tar-ram u l-perkussjoni | Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE |
| Assistent Surmast u għalliem tat-teorija | Mro Mauro Spiteri A (Mus.) LCM, ALCM |
| Għalliem tal-istrumenti tal-qasba | Is-Sur Charlie Pace |
| Konsulenti Legali | L-Avukat Dr Sonia Consiglio LL.D |



# Il-Kunsill Dejjem Kien ta' Spalla għall-Għaqdiet Lokali

**Paul Vella**
*Sindku*

Ħuti Mġarrin,

M'għandix fomm biżżejjed biex nirringrazzjakom talli għad-disa'darba konsekuttiva tajtuni l-fiduċja tagħkom u eleġġejtuni fil-kunsill lokali ta' raħalna, waqt li għas-seba' darba se nkun qed inservikom bħala s-sindku. Flimkien mal-viċi sindku u l-kunsilliera eletti nwegħedkom li se nkompli naħdem għall-ġid ta' raħalna.

Il-kunsill dejjem kien ta' spalla għall-għaqdiet lokali, u hekk se nibqgħu fiż-żminijiet li ġejjin. Kif jaf kulħadd, sa mit-twelid tagħha lill-banda tagħna tajnieha s-sapport meħtieġ u bil-permess tagħna din l-għaqda tuża l-binja u l-faċilitajiet tal-kunsill biex tibqa' topera. Dan nagħmluh mill-qalb u b'impenn u nieħdu pjaċir naraw li din l-għaqda tul iż-żminijiet qed tikber u tkun ta' ġid u servizz għall-komunità Mġarrija.

Il-kunsill jikkollabora ferm ma' din l-għaqda. Fil-fatt il-banda Mġarrija matul is-sena tipparteċipa f'diversi avvenimenti. F'din is-sena kurrenti l-banda ħadet sehem fl-attività annwali L-Epifanija fl-Imġarr kif ukoll fis-serata finali ta' Ġieħ l-Imġarr. Barra minn hekk, kif tistgħu taraw f'dan il-programm, se tieħu sehem ukoll fil-jum tal-inawgurazzjoni tal-isem il-ġdid tal-misraħ ewlieni tagħna, li issa se jibda jissejjaħ Misraħ l-Assunta, isem ferm xieraq għar-raħal u l-pjazza maestuża tagħna.

Qabel nagħlaq nixtieq nirringrazzja lil dawk il-kunsilliera li taw sehemhom għall-ġid tal-Imġarr tul iż-żmien, u nħeġġeġ lil sħabi l-kunsilliera biex inkomplu naħdmu flimkien bla ebda distinzjoni għall-ġid tal-lokal kollu.

F'isem sħabi l-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill nawguralkom il-festa t-tajba.

**M.A.V. SUPPLIES**

**Shop 5, Triq Magħkuba, Mġarr**
**Tel: 2157 4794**



# L-Imġarr Festa Waħda… Banda Waħda

**Giovanni Gatt**
*President*

Ħuti Mġarrin, il-festa waslet. Il-festa tiġi darba fis-sena, imma x-xogħol tal-festa jkun matul is-sena kollha. Kull għaqda taħdem għall-ġid tal-parroċċa. Il-parroċċa għandha bżonn dawn il-voluntiera. Hemm bżonn li nkunu ta' kuraġġ għal xulxin u għal ta' warajna.

Il-festa, biex tiġi organizzata, tirrikjedi ħafna fondi. Il-banda Mġarrija hija ta' kull Imġarri. Għalhekk hemm bżonn li nieħdu ħsiebha flimkien. Uliedna qed jitgħallmu l-mużika bla ħlas u hemm bżonn li ta' warajna jkollhom din l-opportunità wkoll. Aħna fi tfulitna ma kellniex din l-opportunità, imma issa bis-saħħa ta' din il-banda l-Imġarrin ukoll, bħall-irħula madwar Malta u Għawdex, għandhom il-banda tagħhom.

Imġarrin, kunu wara l-banda. Fil-festa din hija l-pedament tal-futur tat-tfal tagħkom. Tlettax-il sena bil-banda fl-Imġarr dejjem morna tajjeb ma' kull kappillan li kien hawn fil-parroċċa tagħna. Il-bieb tal-banda huwa dejjem miftuħ għal kulħadd. Fil-festa kunu magħna, wara din is-Soċjetà mużikali.

Dawk kollha li tawna donazzjoni ngħidilhom grazzi. Lill-emigranti li ngħaqdu magħna f'dawn il-jiem ngħidilhom biex jaħsbu ħalli jkunu parti mill-banda tul il-festa.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-banda tax-xogħol li nagħmlu flimkien: lis-Surmast u lill-għalliema kollha, lil dawk li daqqew mal-banda, l-allievi kollha u l-ġenituri. Nirringrazzja lis-sindku u lill-kunsilliera sħabi, li dejjem għenuna fejn setgħu. Nifraħ lill-kunsill il-ġdid u nittama li jibqa' miexi fuq il-passi ta' qablu u jagħti sostenn lill-banda tagħna l-Imġarrin.

Grazzi lil kull Imġarri li jgħin lil din il-banda: l-għaqdiet kollha li dejjem ikkoperaw ma' din is-Soċjetà, lill-kor Regina Coeli, lil tan-nar u tal-armar tas-sagrifiċċji li jagħmlu għall-festa, lill-kappillan u l-kleru, lill-Pulizija u kull min jaħdem għall-festa u fil-festa. Nixtieq nirringrazzja lis-Segretarju tax-xogħol li jagħmel, speċjalment f'dan il-ktieb, u lill-kumitat li dejjem kien numeruż.

Issa nistennew ftit ieħor u se jkollna l-każin li tant ilna nixtiequ. Grazzi lil kull min kien parti biex din il-ħolma titwettaq u nappellalkom biex tibqgħu tgħinu ħalli dan il-proġett jitlesta.

Nawguralkom il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija!








# Festa 2023











AVE REGINA CŒLORVM









# Kulħadd Jaħdem Flimkien

**Joseph Caruana**
*Segretarju Ġenerali*

Għeżież Imġarrin,

Wasal l-isbaħ żmien tas-sena, dak li fih niċċelebraw il-festa tal-patruna tagħna Santa Marija Mtellgħa s-Sema. Żmien ta' ċelebrazzjonijiet, memorji u tradizzjonijiet. Fuq kollox, żmien li jgħaqqad lill-parroċċa kollha u flimkien naħdmu biex ikollna festa sabiħa.

Din is-sena forsi ma kinitx impenjattiva daqs dik li għaddiet, però nista' naċċertakom li sar ħafna xogħol importanti li l-frott tiegħu se jitgawda fiż-żminijiet li ġejjin. Nibda mill-ewwel biex ngħid li issa veru qegħdin fil-qrib biex jibdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-proġett tal-każin. Kienu ħafna li avviċinaw lili u lil sħabi tal-kumitat u anke kien hemm min ħaseb li din il-wegħda mhux se tiġi onorata. Però nista' naċċertakom li dak li wegħedna se jseħħ u ma jdumx ma jkollna s-sede tagħna. Irridu nifhmu u napprezzaw li proġett ta' din l-iskala jġib miegħu ħafna impenn u għalhekk iż-żmien ta' stennija jkun ftit twil, però issa qegħdin fuq l-għatba li jibdew ix-xogħlijiet. Hawn nixtieq nirringrazzja lil kull min kien strumentali biex din il-ħolma titwettaq.

Il-proġett tal-pedestall tal-vara tad-dimostrazzjoni ġie deċiż li jkun iktar għaqli li jitkompla meta jkollna l-kostruzzjoni tal-każin lesta. Dan peress li l-ħsieb hu li jibda jintrefa' hemm, u għalhekk biex nevitaw li ssir il-ħsara rajna li aħjar inkompluh meta jkollna l-post fejn jintrefa' lest.

Matul is-sena komplejna bit-tagħlim tal-mużika bla ħlas. Permezz ta' proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ erġajna organizzajna sessjonijiet ta' tagħlim u logħob għat-tfal. Dawn is-sessjonijiet interessanti ħafna qed jitmexxew mis-Surmast Andrew Calleja. L-iskop hu li filwaqt li jkattru l-kultura tal-arti mużikali jħajru lit-tfal biex jissieħbu mal-banda tagħna u jitgħallmu xi strument. La semmejt it-tagħlim tal-mużika u l-banda tajjeb ukoll li ngħid li għall-festa ta' din is-sena se jiddebutta mal-banda bandist ġdid. Dan hu Lee Bezzina, li jdoqq is-sax alto. Aħna ninsabu kuntenti ferm li qed naqtgħu l-frott u li l-bandisti tagħna qegħdin dejjem jiżdiedu. Minn qalbi nawgura lil Lee kull suċċess fil-karriera mużikali tiegħu.

Tul is-sena organizzajna diversi attivitajiet soċjali. L-iskop kien ta' fundraising però jservi wkoll biex niltaqgħu flimkien. L-aspett soċjali hu ferm importanti, l-iktar għalina li għad m'għandniex każin fejn niltaqgħu u għalhekk permezz ta' dawn l-attivitajiet niltaqgħu u naqsmu l-opinjonijiet tagħna. B'sodisfazzjon kbir ngħid li għall-ewwel

darba organizzajna ikla flimkien mas-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta tal-Imġarr. Din saret biex inġabru fondi għall-ispettaklu li jsir wara l-marċ tal-Ġimgħa. Kienet attività sabiħa, b'attendenza numeruża, u ħdimna tajjeb flimkien għal għan wieħed. Inħares 'il quddiem li norganizzaw iktar attivitajiet simili flimkien.

Din is-sena qed infakkru ukoll l-għaxar anniverarju minn meta is-Surmast bravu tagħna Tancred Grech ħa f'idejh it-tmexxija tal-banda tagħna. Għaxar snin ta' ħidma kbira biex il-banda tagħna għamlet isem. Ħidma li ħaditna f'żewġ okkażjonijiet barra minn xtutna u ninsabu viċin ukoll li s-sena li ġejja nimpenjaw ruħna fit-tielet safra tal-banda. Surmast, f'isem sħabi tal-kumitat, il-bandisti u l-Imġarrin nirringrazzjak ta' dak kollu li twettaq fi ħdan din l-għaqda tant għażiża għalina.

Kulma jsir ikun hemm warajh impenn kbir, ħafna sagrifiċċji u l-ħtieġa tas-sostenn u r-rispett. Minn qalbi nħeġġiġkom biex tibqgħu tkunu ġenerużi u fl-istess waqt tagħtuna s-sapport kollu tagħkom. Hemm bżonn li nirrispettaw u ngħożżu dak kollu li hu Mġarri. Meta wieħed juri nuqqas ta' rispett lejn kwalunkwe ħidma Mġarrija ma jkunx qed jagħmel ġieħ lil raħalna. Hemm bżonn li nkunu iktar magħqudin u naħdmu flimkien. Ninsab ċert li kapaċi nkunu l-għira ta' kulħadd u għalhekk inħeġġeġ iktar għaqda bejn l-għaqdiet u l-voluntiera tagħna. Hemm bżonn kultura li nħossuna tim wieħed, kulħadd jaħdem flimkien. L-esperjenza wrietna li meta ħdimna flimkien gawda kulħadd u l-parruċċani iktar attendew u taw sapport. Għalhekk ejjew inkomplu ningħaqdu u naħdmu flimkien. Aħna ferm ixxurtjati li għandna festa waħda. Ejja nżommuha ħielsa minn kull pika u b'hekk nevitaw il-firda. It-teorija ta' "Ifred u saltan" m'għandha qatt kun il-prassi tagħna, anzi rridu nemmnu fl-għaqda. Jekk inkunu kapaċi naħdmu flimkien is-suċċess se jkun ferm iktar milli mistenni.

Inħeġġeġ iktar voluntiera jingħaqdu magħna. Biex inwettqu l-ħolm tagħna neħtieġu iktar voluntiera u għajnuna. Billi ngergru u ngħidu li hawn m'għandna xejn mhux se nkabbru l-festa, anzi iktar hemm ċans li ndejqu lil dawk il-voluntiera li qed jaħdmu għall-festa u l-Imġarr. Għalhekk ejja kulħadd jagħti sehmu, bil-mod li jista'.

Għall-festa titulari ħejjejna programm sabiħ bħas-soltu, biex niċċelebraw flimkien kif inhu xieraq. Il-banda għandha diversi impenji u servizzi mużikali. Dan minbarra s-servizzi mużikali li kellna matul is-sena, meta anke ħadna sehem f'diversi festi ċċelebrati f'lokalitajiet oħra. Il-banda ħadet sehem ukoll fl-attivitajiet organizzati mill-kunsill lokali tal-Imġarr, L-Epifanija fl-Imġarr u Ġieħ l-Imġarr, żewġ okkażjonijiet li sabu posthom fil-kalendarju tal-impenji mużikali tal-banda tagħna.

Minn qalbi nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-ħidma li wettaqna flimkien matul is-sena, lis-Surmast, l-Assistent Surmast, l-għalliema u l-bandisti tal-impenn u d-dedikazzjoni tagħhom, lis-Sindku u lill-kunsilliera tal-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom, lill-amministratur parrokkjali u lill-kleru kif ukoll lill-Korp tal-Pulizija, li flimkien naħdmu biex il-festa tiġi ċċelebrata kif mixtieq.

Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.

Viva Santa Marija, patruna tal-Imġarrin!

# Dimostrazzjoni bl-Istatwa

## Il-Ġimgħa, 16 ta' Awwissu 2024
## mit-8.15 pm 'il quddiem



*Mistiedna Speċjali*

***Sara Said u Adrian ir-Russu Brincat***





*Il-Marċ mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr jibda minn Pjazza l-Assunta*

*Ikun hemm il-ħruq tan-nar mis-Soċjetà Spettaklu Marija Assunta tal-Imġarr*




*Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr*

# PROGRAMM
## *Vokali u Strumentali*

*Fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija, u f'għeluq l-10 anniversarju mindu Tancred Grech inħatar surmast direttur tal-banda*

*Is-Sibt, 17 ta' Awwissu 2024*

*fid-9.00 pm*

*f'Misraħ l-Assunta*

*taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro Tancred Grech*
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*

*Mistieden Speċjali – Mike Spiteri*
*Compère: Claudine Muscat*



# Sena ta' Ħidma, Impenn u Pjanar

**Mark Edward Mifsud**
*Kaxxier*

Nixtieq nibda dan il-messaġġ billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat tal-opportunita li tawni u tax-xogħol li jagħmlu matul is-sena.

Waslet festa oħra u bħas-soltu aħna tal-kumitat ħdimna qatigħ biex intellgħu festa kif jixraq lil Santa Marija, u ta' dan nirringrazzjahom. Din is-sena, għalkemm ma kellniex proġetti kbar bħas-snin l-imgħoddija, il-kumitat xorta għamel l-attivitajiet tiegħu biex ikun jista' jħallas l-ispejjeż rikorrenti u dawk li kien baqgħalna bħala soċjetà miż-żminijiet l-imgħoddija. L-attivitajiet huma s-sors ewlieni tad-dħul għas-Soċjetà u għalhekk b'wiċċi minn quddiem inħeġġeġ lil ħuti l-Imġarrin biex ikomplu jattendu bi ħġarhom.

Il-kumitat iħares 'il quddiem biex ikompli jagħmel proġetti ġodda li minnhom igawdu kemm is-Soċjetà tagħna kif ukoll l-Imġarrin matul il-jiem tal festa. Infakkar li biex inkunu nistgħu ntellgħu l-festa, flimkien mal-għaqdiet l-oħra Mġarrin, dawn jirrikjedu sena ta' ħidma, impenn u pjanar.

Dawk in-nies li jixtiequ jingħaqdu magħna fuq livell ta' kumitat nitlobhom ikellmu lis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana jew lil xi membru ieħor tal-kumitat.

Biex il-banda tkun tista' topera, toffri tagħlim b'xejn u l-briju fil-festa, fost ħafna attivitajiet oħra għandha bżonn il-finanzi, biex intaffu l-ispejjeż. Għalhekk nitlobkom biex tagħtu donazzjoni lill-banda tal-festa tant għażiża għalina. Min jixtieq jagħmel dan, javviċina lili jew lil xi membru ieħor tal-kumitat.

Grazzi u tislijiet.

Viva Santa Marija!

Stitch by Stitch

*Fr. Edgar Street, Mġarr*
*Mob: 9989 1105*
**Outerwear, Underwear, Footwear, Accessories,**
**Household Goods & Home Furnishings.**



# Il-Festa Dejjem qed Tikber

**Colin Falzon**
*Viċi President*

Awwissu reġa' wasal u dan ifisser li waslet il-festa tant għażiża għalina l-Imġarrin. Huwa żmien li fih ir-raħal jingħaqad biex jiċċelebra festa sabiħa u xierqa lill-patruna Santa Marija mtellgħa s-sema. Kulma jmur din il-festa dejjem qed tikber, u anke jekk tiġi fi żmien ma' festi oħra, dejjem tattira ħafna nies. Dan l-iktar għax il-festa tagħna baqgħet iżżomm it-tradizzjonijiet uniċi tagħha kif ukoll għax hija ħielsa minn piki żejda u attivitajiet mhux denji tal-festi tagħna.

Is-sena li għaddiet kienet sena speċjali peress li minn dik is-sena bdejna nagħmlu dimostrazzjoni bl-istatwa tal-Assunta fl-aħħar jum tat-tridu. Din l-idea ntlaqgħet tajjeb ħafna u l-kwantità kbira ta' nies li żaruna f'dan il-jum kienet kbira. Dan kollu mliena b'sodisfazzjon u n-nies baqgħet sal-aħħar. Kien jum storiku li se jibqa' mfakkar.

Minn qalbi nawguralkom il-festa t-tajba u jalla Santa Marija tkompli tbierek il-familji tagħna.

Viva Santa Marija!



In-Nutar

# Dr Sam Abela



*jawgura kull suċċess*

*lis-Soċjetà Filarmonika*

*Marija Mtellgħa s-Sema*

*tal-Imġarr*

*u jitlob li ningħaqdu*

*u nagħtuha sapport tassew.*

**T: 2145 4008**
**M: 9948 6565**
**E: sam@samabela.com**
**A: 13, Wesgħat il-Ġublew, Mġarr**
**4, Museum Road, Rabat**



# L-Ikla l-Kbira tal-Festa

*B'risq l-ispejjeż tal-Banda fil-Festa*



**Mistiedna speċjali:**
**Marisa D'Amato**

**Għall-Kbar:**
Ftira Maltija + Timpana +
Għażla bejn Ribeye jew Chicken Breast +
Kontorni u Deżerta
**Prezz:** Chicken €22, Ribeye €25

**Għat-Tfal:**
Ftira Maltija + Beef Burger + Insalata + Chips + Deżerta
**Prezz:** €12 (+ Timpana: €15)

**Bookings u dettalji: 79391306, 99265409**

Open Air fit-Triq ta' Maġenb il-Knisja, Mġarr

Nhar it-Tlieta, 13 ta' Awwissu 2024

Mit-8.00 pm 'il Quddiem



# Tislima mill-Qalb lill-Imġarrin Kollha

**Onor. Kav. Louis J Vella MQR**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*
*President Onorarju*

Tislima mill-qalb lill-Imġarrin kollha, huma fejn huma. Insellem ukoll lil dawk kollha li jżuru l-villaġġ pittoresk u għażiż tagħna. Wara ċ-ċentinarju memorabbli li ċċelebrajna sentejn ilu bħala tifkira ta' meta daħlet f'darna għall-ewwel darba l-vara maestuża tagħna ta' Santa Marija f'dan ir-raħal żgħir b'qalb kbira, din is-sena nkomplu ntejbu l-festa f'dan iċ-ċentinarju ġdid u għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Nixtieq ukoll inwassal l-isbaħ u l-egħżeż awguri għan-nom tal-komunità Maltija ta' California u b'mod partikolari ta' dawk il-familji Mġarrin li joqogħdu hawn. Il-ħsieb tagħna lkoll jingħaqad ma' dak tagħkom li se tkunu qegħdin tiċċelebraw fir-raħal sabiħ tagħna. Xewqat mill-isbaħ għal festa ferrieħa, devota, sabiħa, qaddisa u 'l boghod minn kull periklu.





# Opportunità Biex Inkabbru l-Għaqda

**Dun Noel Vassallo**
*Amministratur Parrokkjali*

Għeżież parruċċani

Il-festa ta' Santa Marija hija mument importanti ħafna għalina li noqogħdu l-Imġarr kif ukoll għal dawk li huma Mġarrin u joqogħdu barra mir-raħal tagħna. Il-festa parrokkjali trid tgħaqqadna flimkien filwaqt li ngawdu dak kollu li jiġi organizzat kemm ġewwa fil-knisja kif ukoll il-festi ta' barra. Żgur li wieħed irid japprezza l-ħidma tal-organizzaturi kollha li bil-għajnuna tal-benefatturi kollha joħolqu ambjent ta' festa magħmula skont ir-riżorsi umani u finanzjarji fis-sitwazzjoni li ninsabu fiha bħala parroċċa.

Filwaqt li jeħtieġ li ngawdu dak kollu li jiġi organizzat, nappella biex inżommu l-valuri umani u Nsara f'dak kollu li ngħidu u nagħmlu. Kull festa hija opportunità biex inkabbru l-għaqda bejnietna, u din l-istess għaqda trid twassalna biex inkunu aktar qrib tal-Madonna u ta' Binha Ġesù.

Nawgura festa li biha verament nagħtu ġieħ lil Marija mtellgħa s-sema, festa li tħalli frott spiritwali f'kull persuna li tieħu sehem fil-festi ta' ġewwa u anke f'dawk ta' barra.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.



# Viva Santa Marija Mtellgħa s-Sema






Deputat Parlamentari


Flokk tal-Festa
Santa Marija 2024
Grazzi lill-isponsors
Donazzjoni: €12
Sizes: Sena sa 3XL Ċempel: 79674678, 79391306


PAVALJUN
Narmaw djarna għall-festa ta' Santa Marija
Ordna l-pavaljun tiegħek Stokk limitat
QIS
Materjal Suf
200cm x 140 cm
€55
250cm x 180cm
€65
info u ordnijiet
79391306
79674678
Il-pavaljun jinkludi l-frenza u pocket.



# L-Għaxar Sena Tiegħi

**Tancred Grech**
*FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE*
*Surmast Direttur*

Awwissu reġa' magħna u dan ifisser li wasal iż-żmien li niċċelebraw il-festa tant għal qalbna, il-festa ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema.

Għalija din is-sena hija xi ftit speċjali għax hija l-għaxar sena tiegħi minn meta lħaqt surmast direttur ta' din il-banda ferm għal qalb l-Imġarrin kif ukoll għal qalbi. Minn qalbi nirringrazzjakom ta' dan il-vjaġġ sabiħ ta' 10 snin illi fihom ġejt fdat bit-tmexxija ta' din il-banda hekk żagħżugħa wara li kont diġà nservi bħala assistent surmast.

F'dawn l-għaxar snin, kemm ilni surmast, rajt il-banda tikber u anke tnaqqax isimha fl-istorja kemm ta' dan ir-raħal kif ukoll barra minn xtutna. Fil-bidu, meta ngħatajt it-tmexxija, il-banda kienet tieħu sehem f'xi ġranet biss tal-festa. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-banda qed tkun aktar attiva, mhux biss fi żmien il-festa imma anke f'attivitajiet li jsiru matul is-sena, fosthom il-programm li jsir fuq iz-zuntier fl-Epifanija, f'Ġieħ l-Imġarr u okkażjonijiet oħra matul is-sena. Apparti dawn, il-banda tagħna tkun mistiedna biex tagħti s-servizz tagħha anke f'festi oħrajn madwar Malta.

Matul dan iż-żmien mhux il-banda biss kibret, imma anke jien ħassejt li akkwistajt esperjenzi li komplew għenuni matul il-karriera. Dan għaliex kelli ċans li nagħmel diversi recordings ta' CDs, ikkomponejt diversi marċi u innijiet għal din is-Soċjetà, u kelli l-opportunità li nidderieġi l-banda f'kunċerti barra minn xtutna.

Wieħed mill-anniversarji importanti għal din is-Soċjetà, fejn jien kont qed immexxi din il-banda, kien fl-għeluq l-10 anniversarju tagħha. Dakinhar għamilna akkademja u ndaqq għall-ewwel darba l-innu l-kbir *Imbierka s-Sema*, kompożizzjoni tas-Surmast Ray Sciberras.

Ma jistax jonqos li f'dawn is-snin kellna wkoll mumenti diffiċli li għaddejna minnhom, bħal meta kellna naddattaw għal ċirkostanzi ġodda u sfidi differenti. Iżda bis-sapport tal-membri kollha tal-banda u l-komunità rnexxielna nilħqu għanijiet kbar u komplejna nsaħħu l-għaqda tagħna.

Fl-aħħar ta' dan il-messaġġ nixtieq nenfasizza l-gratitudni tiegħi lejn il-membri kollha tal-banda, il-kumitat ċentrali u l-komunità tal-Imġarr, li dejjem tawni l-appoġġ u l-inkoraġġiment tagħhom. Huma l-passjoni u d-dedikazzjoni tagħkom li għamluha possibbli li nibnu dan is-suċċess flimkien. B'mod speċjali nirringrazzja lis-Segretarju s-Sur Joseph Caruana, lill-Assistent Surmast Mro Mauro Spiteri, lill-għalliem is-Sur Charles Pace u lill-familja tiegħi – Katya, Ema, u Matthias – tas-sapport kontinwu

li nsib mingħandhom. Fl-aħħar imma mhux l-inqas nirringrazzja lill-istudenti u l-bandisti li qed jistudjaw mas-Soċjetà. Dawn kollha jagħmluna kburin!

Nispera li nkomplu naħdmu flimkien b'qalb waħda biex inkomplu nġibu aktar unuri lil din il-banda għażiża. Nara futur sabiħ quddiemna, li fih il-banda Marija Mtellgħa s-Sema tkompli tikber u tiffjorixxi. L-għan tagħna huwa li nkomplu nkunu xempju ta' eċċellenza u dedikazzjoni fil-mużika u li nkomplu nressqu l-ferħ tal-mużika lill-komunità tagħna u lil hinn.

Ma nistgħux ninsew is-sapport kbir tal-familji tal-bandisti, li dejjem ikunu hemm biex jagħtu l-appoġġ tagħhom. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li jikkontribwixxu biex il-banda tagħna tkompli tkun suċċess, mill-iżgħar studenti sal-aktar veterani.

Nittama li t-tradizzjoni u l-passjoni għall-mużika jkomplu jgħaddu minn ġenerazzjoni għal oħra biex il-banda tagħna tkompli tkabbar l-isem tagħha f'Malta u lil hinn minn pajjiżna. Il-kisba ta' għanijiet kbar tiddependi mill-għaqda u l-kollaborazzjoni tagħna lkoll.

Viva Santa Marija mtellgħa s-sema!



# DISCOVER
## A NEW LEVEL OF TASTE








BEACH
BAR
RESTAURANT

For Bookings
Call +356 22895000
Email info@portolounge.com.mt

PORTO lounge



Minn qalbi nawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd
filwaqt li nixtieq
iktar suċċessi
lis-Soċjeta' Filarmonika
Marija Mtellgħa s-Sema

**Dr. Sonia Consiglio**
Avukat u
Konsulent Legali

Uffiċċini 12, Triq ix-Xagħra tal-Knisja, Mgarr - MGR 1424
92, Triq il-Ferrovija l-Qadima, St. Venera - SVR 9015
Mobile 9940 6207
Email avukat.consiglio@gmail.com

# *Innijiet u marċi proċessjonali li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2024*

| | |
|---|---|
| Innu tal-banda - **Marija Mtellgħa s-Sema** | Mużika: Mario Testa<br>Lirika: Kav. Ġorġ Bianchi |
| Innu popolari - **Infaħħruk Dejjem** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joseph Caruana |
| Innu popolari - **L-Imġarr Iben Marija** | Mużika: Vincenzo Ciappara<br>Lirika: Ġanni Cilia |
| Innu marċ - **Sultana tal-Imġarr** | Mużika: Tancred Grech<br>Lirika: Joe Julian Farrugia |
| Innu marċ - **F'Jum il-Festa** | Mużika: Mary Cauchi<br>Arr. Victor Zammit<br>Lirika: Joe Sammut |
| Innu popolari - **Xbieha Ħelwa** | Mużika: Chris Sciberras<br>Lirika: Joseph Caruana |
| **Auxilium Christianorum** | Neville Pace |
| **Marcia Processionale N. 1** | Ray Sciberras |
| **Marcia Processionale N. 2** | Ray Sciberras |
| **Marija Omm l-Imġarrin** | Ray Sciberras |
| **Regina del Cielo** | Ray Sciberras |
| **Sultana tas-Sema** | Andrew Calleja |
| **Warda tal-Imġarr** | Daniel Vella |
| **L-Assunta** | Alex Caruana<br>Arr. Simon Farrugia |
| **In Assumptione Beatae Mariae Virginis** | Adrian Sciberras |
| **Sultana tal-Ħolqien Kollu** | Tano Monseigneur |
| **Bl-Imħabba Tiegħek, Marija** | Tanya Schembri |
| **Assumpta Est Maria** | Luke Vella |
| **Lill-Patruna tal-Imġarrin** | Chris Sciberras |
| **F'Dik Ħarstek Ħanina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fil-Ħlewwa ta' Mejju** | Arr. Ray Sciberras |
| **Fis-Santwarju tal-Madonna** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Innu ta' Fatima** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ismagħha l-Għanja** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Lil Marija Reġina** | Arr. Ray Sciberras |
| **Madonna Sbejħa Tagħna** | Arr. Ray Sciberras |
| **O, Kemm Nixtieq Naraha!** | Arr. Ronnie Debattista |
| **Angelus** | Arr. Ray Sciberras |
| **Ave Maria** | Arr. Ronnie Debattista |

# *Marċi brijużi li se jindaqqu mill-Banda Marija Mtellgħa s-Sema fil-festa ta' Santa Marija 2024*

| | |
|---|---|
| Karl | Tancred Grech |
| Martina | Mauro Spiteri |
| Stella Blu | Wayne Bartolo |
| Suona la Fanfarra | Willie Attard |
| 10 Snin Anniversarju | Chris Sciberras |
| Mgarrio | Daniel Vella |
| Un Danse Orientale | Luke Vella |
| Tal-Lumu | Hertian Gauci |
| Maria Assunta | Christopher Tanti |
| Caserta | Shaun Mifsud |
| Leah u Jake | Joe Miceli |
| Binġemma | Andrew Calleja |
| Sharon | Tancred Grech |
| Taħbit ta' Qalbi | Tanya Schembri |
| Queen of Queens | Andrew Coleiro |
| Xibi l-Pa | Ray Sciberras |
| Valley of Roses | Charles Zammit |
| Millennium | Andrew Coleiro |
| Nigel | Mario Testa |
| Victory | Vincenzo Ciappara |
| Leona | David Caruana |
| Il-Bożen | Maġ. Anthony Aquilina |
| Santos | David Agius |
| Coronation | Joseph Azzopardi |
| Sorrento | Orazio Cachia |
| The King | Archibald Mizzi |
| Kummissjoni Banda | Ray Sciberras |
| Moenchengladbach | David Caruana |
| Fiesta | Maġ. Anthony Aquilina |
| Giovanni l-President | John David Zammit |
| Antoine ċ-Ċavett | Elton Lee Abela |
| Lorenza | Hector Dalli |
| Golden Jubilee | Emanuel Bugeja |
| Coronation | Luigi Bongailas |
| Benjamin | Emanuel Bugeja |
| Marċi u Bandalori | Anthony Camilleri |
| Los Reyes | Carmel Borg |
| 100 Sena Fostna | Joseph Galea |
| Agrigento | Andrew Coleiro |

***Surmast Direttur***
***Mro Tancred Grech FLCM, LLCM, BA (Hons) Music, PGCE***


J. MICALLEF
SERVICE STATION
J.Micallef Service Station
Your one-stop shop
for your car care!
Professional Car Valeting ... Interior & Exterior • Car Wax & Polish • Engine Wash
Oudour Removal • Tyre Repairs • AC Refill Service • Car Accessories Shop
Top Brands Tyres & Alloy Wheels • BOV ATM Facilities • Roadside Cafè & Lounge Bar
24hrs Self-Service Carwash
CARwash
BOV
J.Micallef Service Station
Tal-Barrani Road, Żejtun, Malta
+356 2180 1493 • 9980 7932
zejtunss@jmicallefgroup.com.mt
Buqana Road, l/o Rabat, Malta
+356 2145 0853 • 7945 0855
rabatss@jmicallefgroup.com.mt
www.jmicallefgroup.com.mt
ATM
BOV
Cafeteria


Alicia
Bugeja Said
Nawgura
l-Festa t-Tajba
lill-Imġarrin kollha
info@aliciabugejasaid.com
+356 9985 7268

# Il-Ġublew tat-Tama

**Dun David Muscat**

Tiftakru meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku kien ipproklama s-Sena ta' San Ġużepp? Tabilħaqq ħareġ ġid kbir aħna u nimmeditaw kif il-glorjożissimu patrijarka jħares lejna mis-sema u jipproteġina kontra l-irwiefen li jqanqlu s-setgħat tal-infern. Minn dik is-sena 'l hawn mhux biss id-dell tal-gwerra u hemm ieħor ħabat fuq id-dinja imma saħansitra d-duħħan ta' denbu twil daħal fit-tempju ta' Alla, kif kien ipprofetizza l-kbir San Pawlu VI, il-Papa Montini. Inħarsu lejn il-familji tagħna u lejn ħajjitna u ġieli nibdew naqtgħu qalbna. Tabilħaqq il-ħajja tista' tkun wied tad-dmugħ, kif illissnu fis-*Salve Regina*. Inħarsu lejn xi wħud qrib tagħna u narawhom mitluqa għal riħhom bla tama u bla fidi.

Il-kbir Papa li għandna, magħżul minn Alla biex ikun il-Vigarju ta' Kristu fuq din l-art, imnebbaħ minn San Ġużepp u minn Ommna l-Verġni Mbierka, qed jgħidilna bħall-Appostlu Missierna San Pawl li "t-tama ma tqarraqx bina" *(Rumani 5, 5)*. In-Nisrani quddiem it-taħbit ma jaqtax qalbu. Hemm iżżommlu rasu merfugħa t-tama qaddisa ġejja mis-sema. Din it-tama tagħżlu mill-bqija tal-folla li ma tridx tisma' b'Alla u għalhekk taqta' jiesha li fid-dinja jista' jkun hemm paċi u sliem, li fil-ħajja tista' tibqa' titbissem minkejja t-tiġrib kollu. Għalhekk il-Ġublew il-Kbir li jmiss hu *il Giubileo della Speranza* – il-Ġublew tat-Tama.



*Il-kappella ddedikata lill-Madonna tal-Isperanza fil-knisja parrokkjali tal-Imġarr*

Fl-Imġarr ta' Malta għandna l-grazzja kbira li fil-knisja parrokkjali ddedikata lit-tlugħ fis-sema tal-Madonna nsibu artal iddedikat lill-Madonna tal-Isperanza. F'dan iż-żmien imwiegħer, imħabbar ukoll mill-veġġenti tal-Madonna f'Medjugorje, li tathom għaxar sigrieti, żgur li l-kappella tagħha taħt dan it-titlu se tipproteġi lill-Imġarr mill-kastigi li ġejjin fuq id-dinja, imħabbra f'Fatima. Kif nitolbu fid-disa' strofa tal-kurunella ta' Fatima: "Kastigi tal-biża' ġejt inti biex tħabbrilna, li mħabba ħtijietna lkoll jistħoqqilna."

It-tama mhux se tqarraq bina. Jeħtieġ ngħassu biex ir-reliġjożità tagħna ma tintużax minn min fil-festa jkun irid jikber u jidher hu u mhux Alla u Ommu l-Madonna. Fi żmien il-ġublew nistinkaw biex nikkonvertu. Aħna naħdmu n-nar u Ġesù jgħid: "Nar ġejt inqabbad fuq din l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!" (Luqa 12, 49). In-nar ta' Ġesù hu dak ta' qalbu, li jsaffik minn dnubietek u jagħmlek bniedem ġdid bil-qawwa tas-sagramenti.

# Preżentazzjonijiet Waqt il-Programm Vokali u Strumentali tal-Festa ta' Santa Marija tal-2023



*L-Onor. Ministru Julia Farrugia Portelli ppreżentat tanbur*



*L-Onor. Charles Azzopardi ppreżenta donazzjoni lis-Soċjetà biex jinxtara strument mużikali*



*L-Onor. Dr Alicia Bugeja Said, President Onorarju tas-Soċjetà, ippreżentat donazzjoni b'risq l-ispettaklu ta' wara l-marċ tal-aħħar tridu*



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech ingħata tifkira tal-okkażjoni*



*L-Assistent Surmast Mauro Spiteri ngħata tifkira tal-okkażjoni*



*Il-compère tas-serata Claudine Muscat ingħatat tifkira tal-okkażjoni*



*Is-sopran Claire Caruana ġiet ippreżentata bukkett fjuri*



*It-tenur Georg Zammit ingħata bukkett fjuri*

**Grazzi tas-sapport tagħkom**

il-Barri

Open for Lunch and Dinner
Tuesday to Sunday

21573235

www.facebook.com/ilbarrirestaurant
www.il-barri.com.mt



Eating, the Maltese Way!



MAIN IMAGE Hal Safi Dog Park.
INSETS Valletta Ditch 3d Wall, Benches and Hardstone Flooring.


**SPECIALIZING IN UNIQUE HAND SELECTED STONE FROM AROUND THE WORLD.**

Your complete source of natural and artificial stone products. Our extensive selection of the highest quality portfolio of marble, granite, travertine, hardstone, onyx, porfido and quartz makes J&J Gauci the leading importer of natural and artificial stone slabs in Malta.

J&J GAUCI GRANITE LTD

J&J Gauci (Granite) Ltd, Triq tal-Haddedin, Bingemma L/O Mgarr, Malta.
Tel: +356 2157 0540 Web: www.jjgauci.com Email: info@jjgauci.com

# Bejn Festa u Oħra

**Joseph Caruana**

Ħbieb, kif nagħmel kull sena meta toqrob il-festa, permezz ta' din il-kitba tiegħi f'din il-pubblikazzjoni annwali, inwasslilkom ftit ġrajjiet tal-għaqda tagħna, ġrajjiet li jkunu seħħew mill-festa tas-sena preċedenti sal-lum. B'hekk inkunu qed inħallu tifkira lil ta' warajna, djarju kulurit b'esperjenzi u memorji sbieħ li għexna flimkien intom u jien.

Il-festa kbira li ċċelebrajna fis-sena 2023 żgur se tibqa' mfakkra għall-fatt li f'dik l-istess festa l-għaqda tagħna żanżnet l-istatwa ta' Santa Marija tad-dimostrazzjoni, statwa artistika li bi prominenza u dominanza assoluta ssebbaħ l-isbaħ pjazza tal-gżejjer tagħna, pjazza li issa wkoll ġiet iddedikata lilha – lill-Assunta.

L-għada tal-festa filgħodu bdejna billi niżżilna l-istatwa minn fuq il-pedestall monumentali u żarmajna l-istess pedestall. Il-Ħallieq għoġbu jberikna billi bagħtilna wkoll ftit tax-xita waqt li konna qed inżarmaw il-pedestall. Bil-għajnuna tal-voluntiera u l-kumpanija JJ Gauci Granite, li provdewlna l-inġenji, żarmajna u rfajna kollox u



*L-istatwa ta' Santa Marija tad-dimostrazzjoni, xogħol l-iskultur Michael Cutajar Zahra*



*Il-Kappillan Dun George J. Schembri waqt it-tberik tal-istatwa tal-Assunta, fit-18 t'Awwissu 2023*



*L-għada tal-festa, waqt li kien qed jiżżarma l-pedestall*

mbagħad stajna mmorru ngawdu ftit ħin ta' mistrieħ mal-familja u l-ħbieb.

Fil-ġimgħat ta' wara l-festa konna impenjati biex nagħlqu l-proġetti u nippreżentaw ir-rapporti tal-fondi li ngħatajna b'risq il-proġett tal-istatwa u oħrajn. Mhux biss; kien ukoll iż-żmien li nissottomettu proposti ġodda biex ningħataw il-fondi ħalli nwettqu proġetti oħra.

Għall-grazzja t'Alla din is-sena rġajna ngħatajna fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ taħt l-iskema It-Taħriġ Mużikali fil-Każini tal-Banda. Permezz ta' dawn il-fondi qed inwettqu proġett li qed jitmexxa mis-Surmast Andrew Calleja. Bażikament dan jikkonsisti f'sessjonijiet ta' tagħlim tal-mużika permezz tal-logħob u d-daqq. L-attendenza hu inkoraġġanti ħafna u kull min jixtieq jattendi jista' jagħmel dan billi jikkuntattja lil xi ħadd mill-kumitat.




*Il-poster tal-lezzjonijiet marbuta mal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ*



*Il-President u s-Segretarju flimkien ma' rappreżentanti ta' għaqdiet oħra li bbenefikaw mill-fond tal-Kunsill Malti għall-Arti nhar it-23 ta' Mejju 2024 fi Pjazza San Ġorġ, il-Belt*

Proġett ieħor li se jitwettaq permezz ta' fondi mogħtija mill-Kunsill Malti għall-Arti huwa taħt l-Iskema għall-Wirt Artistiku. Permezz ta' din l-għajnuna qed inwettqu t-tieni fażi tal-mobile app li għandha s-Soċjetà tagħna. Din l-app hi għodda innovattiva li qed tkun ta' fejda kbira għall-amministrazzjoni u saħansitra għall-bandisti li jdoqqu magħna. Ta' min isemmi li sal-lum għadna l-unika għaqda li għandna mobile app ta' din ix-xorta.

Din is-sena ma konniex impenjati daqs is-sena li għaddiet. Dan għaliex filwaqt li s-sena li għaddiet kellna l-proġett tal-istatwa, din is-sena konna ftit iktar kwieti u komplejna naħdmu l-iktar biex inħallsu l-ispejjeż li saru fil-proġett tal-istatwa. Fil-fatt issa fadlilna l-aħħar ftit, u nitlobkom tgħinuna biex neħilsuhom sabiex inkunu nistgħu nibdew nikkonċentraw fuq proġett ieħor importanti, issa l-proġett tal-każin, li ninsabu fuq l-għatba biex nibdew ix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tiegħu.

Appuntament annwali li nżommu ta' kull sena hu dak tal-festa ta' Santa Ċeċilja, patruna tal-mużika. Għal dan l-appuntament il-President Giovanni Gatt u l-membru tal-kumitat Sharon Azzopardi jkunu ħerqana li jattendu.



*Il-President Giovanni Gatt bl-istandard waqt il-festa ta' Santa Ċeċilja*

Din id-darba Santa Ċeċilja ġiet iċċelebrata nhar is-Sibt, 18 ta' Novembru 2023. Wara quddiesa kkonċelebarata fil-Konkatidral ta' San Ġwann sar marċ brijuż fit-toroq tal-belt kapitali Valletta. L-għaqda tagħna attendiet bl-istandard tas-Soċjetà.

Il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru tellajna kunċert bil-bandisti u l-allievi tal-post tagħna. Kienet esperjenza u opportunità sabiħa li fiha f'sala mimlija daqs bajda fil-kunsill lokali tal-Imġarr il-bandisti u l-allievi wrew il-ħiliet tagħhom. Waqt din is-serata tajna tifkira lill-parteċipanti. L-Onorevoli Ministru Julia Farrugia Portelli u r-Reġjun tat-Tramuntana sponsorjaw dawn it-tifkiriet. Wara din is-serata memorabbli kellna timpana night flimkien.



*Il-parteċipanti flimkien mal-għalliema u membri tal-kumitat li ħadu sehem fil-kunċert tal-Milied*



*Is-Surmast Tancred Grech waqt il-home concert tal-Milied*

L-għada s-Sibt, 16 ta' Diċembru 2023 organizzajna buffet dinner fir-Riviera Hotel La Branda. Kellna attendenza numeruża u veru ħadna pjaċir flimkien niċċelebraw iż-żminijiet tal-festi tal-Milied.




*Il-poster li sar biex jippromwovi l-buffet dinner tal-Milied*

F'dan l-istess żmien kienu għaddejjin it-taħditiet dwar l-organizzazzjoni tal-festa u anke dwar is-servizzi u l-impenji mużikali tal-banda. Il-banda tibqa' l-prijorità tal-għaqda tagħna però ċ-ċirkustanzi jiddeterminaw x'impenji twettaq. Fil-fatt kontra qalbna din is-sena kellna nnaqqsu mis-servizzi li l-banda tagħmel barra raħalna. Dan sar għax rajna li mhux possibbli l-banda tibqa' titlef il-flus biex twettaq is-servizzi mużikali, u din id-deċiżjoni ttieħdet b'reponsabbiltà. Aħna meta ndoqqu nonoraw is-servizz li nagħmlu u dejjem preżentajna banda armata u kif għandu jkun, u għalhekk ħassejna li jkun aħjar li nillimtaw l-impenji tal-banda biex dawk li nagħmlu jibqgħu jkunu ta' unur għas-Soċjetà tant għażiża għalina. Minn qalbna nirringrazzjaw lil dawk l-għaqdiet li stednuna ndoqqu fil-festa tagħhom u niskużaw ruħna ma' dawk li m'aċċettajniex l-istedina tagħhom.

Il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar 2024 il-banda



*Il-banda waqt il-kunċert tal-Epifanija*



*Mro Tancred Grech jidderieġi l-banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt il-kunċert tal-Epifanija fl-Imġarr*

kienet impenjata biex tieħu sehem fl-attività organizzata mill-Kunsill Lokali tal-Imġarr, L-Epifanija fl-Imġarr. Dakinhar il-banda tellgħet kunċert mużikali. Flimkien mal-banda kien mistieden il-kantant popolari Mike Spiteri.




*Il-President waqt iċ-ċerimonja tal-għoti tal-fondi*

Fid-29 ta' Jannar 2024 il-President attenda għall-għoti tal-fondi tal-proġett tal-Aġenzija Żgħażagħ li semmejt qabel. Din iċ-ċerimonja saret f'Villa Blanche, iż-Żurrieq.




*Il-banda Mġarrija waqt is-serata ta' Ġieħ l-Imġarr*

Frar hu x-xahar li fih il-Kunsill Lokali jiċċelebra u jagħti ġieħ lil dawk li jkunu għamlu isem għall-Imġarr. Is-serata Ġieħ l-Imġarr 2024 ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 4 ta' Frar. Waqt din is-serata l-banda tagħna tellgħet kunċert mużikali. Waqt dan il-kunċert flimkien mal-banda kanta t-tenur Georg Zammit. Din is-sena l-membru tal-kumitat Christian Vella ngħata rikonoxximent tal-ħidma li jwettaq fl-Imġarr, l-iktar fl-armar tal-festa titulari ta' Santa Marija.



*Christian Vella jirċievi r-rikonoxximent għall-ħidma tiegħu*

Il-Ġimgħa 26 t'April il-banda ħadet sehem permezz ta' *piccola banda* waqt jum il-premjazzjoni fl-iskola primarja tal-Imġarr. Dakinhar il-banda tmexxiet mill-Assistent Surmast Mauro Spiteri.




*Il-poster tas-seduta ġenerali annwali*

Nhar l-Erbgħa, 8 ta' Mejju 2024 inżammet il-laqgħa ġenerali annwali tas-Soċjetà. Waqt din il-laqgħa ġew approvati l-minuti, ir-rapport amministrattiv u dak finanzjarju. Ġew approvati wkoll xi emendi għall-istatut.



*Membri tal-kumitat flimkien mal-President Onorarju Clayton Gauci wara l-laqgħa ġenerali annwali*

Dan sar biex l-għaqda tagħna tibqa' tiġġedded. Fl-istess seduta s-Sur Clayton Gauci nħatar president onorarju filwaqt li s-Sur Martin Scerri nħatar membru onorarju tal-għaqda.

Wasal Ġunju, u ta' kull sena l-jum li fih niċċelebra għeluq snini, is-16 ta' Ġunju, ikun il-jum li fih niddedika ruħi u ġismi biex illesti dan il-ktieb annwali. Din is-sena bħalma dejjem għamilna qed nippreżentawlkom ktieb ta' livell għoli mogħni b'kitbiet interessanti, ġrajjiet u memorji. Dan kollu ma kienx ikun possibbli li kieku ma sibniex il-koperazzjoni u s-sostenn tal-awturi u l-isponsors kollha li kkontribwew biex dan il-ktieb seta' jkun possibbli li llum ikun f'idejkom. Grazzi mill-qalb tal-sapport ġenwin tagħkom.

Naturalment l-attivitajiet soċjali kienu organizzati kontinwament, b'medja ta'




*Il-poster tal-bbq organizzat mas-Soċjeta Spettaklu Marija Assunta*

kull xahar. Però nixtieq insemmi l-attività li organizzajna flimkien mas-Soċjetà Spettaklu nhar is-Sibt 13 ta' Lulju. Din l-attività, li kienet ta' suċċess kbir, ġiet organizzata b'risq l-ispettaklu ta' wara l-marċ tal-aħħar jum tat-tridu. Nawgura li iktar attivitajiet simili jibqgħu jiġu organizzati. Fejn hemm l-għaqda hemm is-saħħa.

Nhar il-Ħadd 21 ta' Lulju l-banda kellha l-ewwel impenn tagħha barra raħalna. Dan kien fil-festa ta' San Ġużepp, il-Kalkara. Il-Ħadd ta' wara kien imiss li l-banda tagħmel servizz mużikali ieħor, din id-darba fil-festa ta' Santa Venera. F'dawn iż-żewġ servizzi l-banda ddoqq fil-purċissjoni, żewġ servizzi li nieħdu pjaċir nagħmlu.



*Il-bandist il-ġdid Lee Bezzina*

It-tagħlim tal-mużika ma qata' xejn. Dan jibqa' għaddej is-sena kollha, anke fis-sajf. Ma nistax ma nirrimarkax is-sagrifiċċju u l-impenn li jagħmlu l-għalliema tagħna u l-allievi kif ukoll il-bandisti. B'sodisfazzjon ngħid li din is-sena se jkun qed jingħaqad mal-banda bandist ġdid, Lee Bezzina bis-sassofonu Alto. Nawgura lil Lee kull suċċess u nħeġġiġkom tingħaqdu magħna intom ukoll u tħajru lil uliedkom u lil qrabatkom biex jiġu jitgħallmu strument mal-banda Mġarrija. Din is-sena nawgura wkoll kull suċċess lis-Surmast Direttur Tancred Grech, li propju din is-sena qed jiċċelebra l-għaxar sena minn meta ħa f'idejh it-tmexxija tal-banda tagħna.

Għall-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Marija ħejjejna programm sabiħ ta' ċelebrazzjonijiet. L-ewwel impenn se jkun nhar l-Erbgħa 7 t'Awwissu, meta l-banda se ddoqq fil-festa tat-tfal. Hawn nirringrazzja lill-President Giovanni Gatt, li ġabar donazzjonijiet b'risq dan is-servizz. Imbagħad nhar it-Tlieta 13 t'Awwissu se nagħmlu l-ikla l-kbira tal-festa, attività annwali li tgħinna niffinanzjaw l-ispejjeż tal-banda u fl-istess ħin niltaqgħu flimkien. Imbagħad il-Ġimgħa 16 t'Awwissu jkun imiss li l-banda tieħu sehem waqt id-dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Marija. L-għada s-Sibt 17 t'Awwissu se nagħmlu l-programm mużikali. Flimkien mal-banda se jieħu sehem il-kor tal-parroċċa u l-kantant Mike Spiteri. F'jum il-festa l-banda se ddoqq l-innu popolari u l-innu l-kbir waqt il-ħruġ tal-purċissjoni u wara takkumpanja l-vara titulari fl-aħħar parti tal-purċissjoni.

Il-festa hi l-vetrina tax-xogħol ta' matul is-sena, opportunità oħra biex ningħaqdu flimkien. Jalla l-festa ta'

Santa Marija sservi biex nersqu iktar lejn is-sagramenti. Il-festa tagħna hi festa unika. Ejjew inħalluha kif inhi, 'il bogħod minn kull firda u pika.

Dan ix-xogħol u l-opportunitajiet kollha qed jitwettqu grazzi għalikom, intom li dejjem sibniekom warajna u dejjem kontu ta' spalla għalina. Minn qalbi nirringrazzjakom, u sakemm nerġgħu niltaqgħu permezz ta' din il-kitba, jekk il-Ħallieq jislifni l-għomor is-sena d-dieħla, nitlobkom tibqgħu tgħinuna ħa nkomplu mexjin 'il quddiem.

Santa Marija tħarisna u tbierek il-familji tagħna.




*Posters ta' attivitajiet soċjali organizzati matul is-sena*


# ISABELLE'S

*Crafts, Haberdashery & Bazaar*

*Clothes Alterations, Laundy & Dry Cleaning & more*

**Opening Hours**
**Mon, Tue: 09.00 - 17.00**
**Wed: 16.00 - 19.00**
**Thu, Fri: 09.00 - 17.00**
**Sat: 09.30 - 13.00**

**20, Triq il-Kaħli,**
**St. Paul's Bay**
**Tel: +356 9905 1187**
**Find us on facebook**

# Ingħaqad mal-Banda
## Lee Bezzina - Sassofonu Alto



Jien jisimni Lee Bezzina, għandi sittax-il sena u ngħix l-Imġarr. Minn meta kont żgħir il-mużika interessatni ħafna. Filwaqt li inizjalment kont indeċiż indoqqx ma' banda "tal-festa", iddeċidejt li nipprova xorta u nara x'jiġri, u ma ddispjaċinix.

Għażilt is-sassofonu għax għalija huwa strument vera interessanti, partikolarment fil-ħoss tiegħu u fl-użu tiegħu f'bosta siltiet. Inzerta wkoll li missieri kien idoqq is-sassofonu fil-ħin liberu tiegħu imma kellu bżonn jieqaf minħabba x-xogħol. U b'hekk bdejt nitgħallem it-teorija u mbagħad wara mort biex nipprattika l-prattika, sakemm wasalt biex indoqq u nipprattika fuq l-istrument. Memorja mill-isbaħ matul dan kollu kienet meta daqqejt mal-banda tas-Soċjetà Marija Mtellgħa s-Sema, fl-iskola primarja lokali tal-Imġarr f'Jum il-Premjazzjoni. Dakinhar daqqejt l-ewwel darba quddiem folla nies. Filwaqt li kont anzjuż xorta daqqejt mill-aħjar li stajt, u għall-ewwel darba li daqqejt quddiem folla nies naħseb li ma mortx ħażin.

L-ikbar grazzi tmur għall-għalliem tiegħi Charlie Pace, li qatt ma għamel lezzjoni tad-dwejjaq u li bl-għajnuna, l-inkoraġġiment u s-sapport li jagħtini jgħinni sabiex niżviluppa l-ħiliet u nkompli nikber bħala mużiċist.

Nagħlaq billi nħajjar lilkom, qarrejja, biex tissieħbu mal-banda tagħna. Qatt mhu tard u bil-pass tiegħu kulħadd jasal.

Viva Santa Marija!

*It-tagħlim tal-mużika jkattar il-kultura.*

*Għalhekk ħajjar lil uliedek jitgħallmu strument mal-Banda Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.*

*Għal aktar dettalji kkuntattjana fl-indirizz elettroniku info@bandamgarr.com jew ibgħat messaġġ bil-WhatsApp lin-numru 79674678.*

# Tancred Grech – 10 Snin Imexxi l-Banda Tagħna

Joseph Caruana

Għalkemm ilni midħla sew tal-baned sa minn ċkuniti u dejjem immilitajt f'każin tal-banda, nistqarr li għal xi żmien qabel ġejt noqgħod l-Imġarr kont qtajt u ħriġt ftit mix-xena tal-baned. Però xorta bqajt inħaddan numru kbir ta' kuntatti u ħbieb esperti f'dan il-qasam, qasam hekk importanti li llum anke ġie rikonoxxut mill-UNESCO bħala wirt intanġibbli.

Sirt naf bis-Surmast Tancred Grech bis-saħħa tal-mibki l-Kavallier Ġorġ Bianchi. Kien fis-sena 2012 meta kont qed naħdem fil-ktieb ta' tifkira li l-għaqda tagħna ppubblikat għall-okkażjoni tat-tberik u l-inawgurazzjoni tal-banda, meta tkellimt ma' Ġorġ u tlabtu jissuġġerili lil xi ħadd biex ikun assistent surmast tal-banda tagħna. Ġorġ bla tlaqliq qalli, "Kellmu lil Tancred!" Jien għedtlu, "Tancred min hu, Ġorġ?" Qalli, "Tancred Naxxari u qiegħed assistent surmast mal-Banda Beland, fost l-oħrajn." Niftakar ftit wara kont ċempilt lill-ħabib tiegħi Julio Pace, membru fil-kumitat tal-Banda Beland u ex kollega tiegħi fil-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, u saqsejtu ftit dwar dan Tancred Grech. Julio qabel ma' Ġorġ u qalli, "Se tagħmlu għażla tajba."

Wara li għamilt kuntatt miegħu Tancred talabni ftit ħin biex jagħtini risposta. Wara ftit sigħat qalli li se jaċċetta u għalhekk ftehemna li niltaqgħu. Niftakar l-ewwel darba li ltqajna miegħu kien il-Ħadd filgħodu, u għedtlu, "Ejja liebes bis-suit għax irrid nieħu ritratt mal-allievi." Tancred kien ġie mal-mara tiegħu Katya, li dak iż-żmien kienet qed tistenna l-ewwel wild tagħhom Matthias.

Tancred beda jaqdi dmiru sew bħala assistent surmast u għalliem tal-istrumenti tar-ram u l-perkussjoni. F'jum il-festa 2013 il-banda kellha l-ewwel impenn tagħha mal-purċissjoni. Dakinhar is-Surmast Direttur ma setax jattendi peress li kellu impenn mal-banda li tagħha kellu l-ewwel preferenza. Tista' taħseb, banda ġdida f'jum il-festa mingħajr surmast! Veru li jien kelli esperjenza ta' baned, imma xorta ma bdejtx inħossni komdu. Għalhekk tkellimt ma' Tancred u



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech flimkien mal-membri tal-kumitat waqt is-servizz mużikali li l-banda kienet tagħmel fil-festa tas-Salvatur, Ħal Lija*

tlabtu jiġi mal-banda tagħna biex jieħu ħsieb il-banda. Hu qalli li f'dak il-jum ikollu servizz mal-banda l-oħra li kien qiegħed assistent surmast tagħha u li kellha preferenza qabel, però qalli li se jitlobhom permess jirrilaxxawh u jiġi magħna. Santa Marija kienet magħna u din l-għaqda aċċettat li jiġi mal-banda tagħna.



*Tancred imexxi l-banda Mġarrija waqt attività filantropika fl-Imġarr*

Din is-sitwazzjoni kienet se tibqa' tirrepeti ruħha kull sena, u filwaqt li nifhem u naċċetta d-deċiżjoni tas-Surmast Direttur ta' dakinhar, ħassejt li kien hemm bżonn nagħmlu xi ħaġa. Wara li saru diversi diskussjonijiet, il-kumitat iddeċieda li jaħtar li Mro Tancred Grech surmast direttur tal-banda, u b'hekk inħatar surmast direttur ta' banda għall-ewwel darba u għalhekk aħna ġejna l-ewwel preferenza tiegħu. Deċiżjoni u azzjoni f'waqtha li sal-lum għadna ngawdu l-frott tagħha. Għalhekk Tancred inħatar surmast direttur tal-banda Mġarrija f'Jannar 2014.

Minn hemm 'il quddiem il-banda bdiet tiġi mistiedna biex iddoqq f'diversi lokalitajiet madwar Malta. Fi żmien qasir isem is-Soċjetà tagħna beda jidwi mal-erbat irjieħ tal-gżira. Il-banda tal-Imġarr bdiet tirnexxi. Bdew idoqqu mal-banda l-ewwel bandisti Mġarrin u l-Imġarrin ferħu li l-banda tagħhom qed tagħmel isem.

Il-banda bdiet torganizza diversi attivitajiet bis-sehem tal-bandisti u l-allievi. Ipparteċipat f'diversi proġetti u anke bdejna ngħallmu t-teorija lill-allievi tagħna. Ir-riżultati dejjem eċċellenti. L-allievi ħadu l-lezzjonijiet b'serjetà kbira u l-banda, immexxija minn Tancred, dejjem issorprendiet. Il-livell tal-programmi mużikali dejjem baqa' tiela' 'l fuq.

Kien qed joqrob iż-żmien li l-banda tiċċelebra l-ħames anniversarju tagħha. Il-kumitat iddeċieda li għal din l-okkażjoni tiġi rrekordjata CD bil-marċi u l-innijiet tal-festa. Ġie deċiż ukoll li nirrekordjaw l-innu l-kbir lil Santa Marija, tas-Surmast Abela Scolaro. Tancred daħal għal dan ix-xogħol, kif ngħidu, bir-ras.

Jien minn dejjem kelli xewqa li nikteb il-lirika ta' xi innu lil Santa Marija. Rajt li dak kien l-aħjar żmien, peress li kien riesaq recording. Kellimt lil Tancred u għedtlu li nixtieq li nagħmlu innu popolari flimkien, hu jagħmel il-mużika u jien il-versi. Għall-ewwel qalli li ma konniex se llaħħqu sar-recording, imma wara li ssikkajtu qalli, "Nagħmluh." U hawn beda x-xogħol fuq l-innu popolari *Infaħħruk Dejjem*, innu li b'wiċċi minn quddiem ngħid li hu veru għal qalbi u għal qalb l-Imġarrin. Dan l-innu, propjetà tas-Soċjetà tagħna,



*Wara l-mawra ta' Mathi l-istess kunċert ittella' fl-oratorju tal-Imġarr għar-residenti Mġarrin*



*Tancred Grech jidderieġi l-Banda Marija Mtellgħa s-Sema waqt l-Akkademja 10 Snin Impenn Mużikali*

bil-permess tal-istess Soċjetà jindaqq ukoll fl-Awstralja għall-festa tal-Assunta. Fatt li ta' min isemmi wkoll hu li dan l-innu ndaqq ukoll mill-banda tagħna waqt il-programm vokali u strumentali li l-banda għamlet fil-Palazz Irjali ta' Caserta fis-sena 2020.

La semmejt lil Caserta xieraq li nsemmu ż-żewġ safriet tal-banda Mġarrija. Hekk hu, żewġ safriet. L-ewwel waħda tmur lura għas-sena 2018 f'Turin, l-Italja. Hawn il-banda, permezz ta' ġemellaġġ li jgawdi l-Imġarr mal-vilaġġ Mathi fil-Piemonte, daqqet f'dan ir-raħal flimkien mal-banda tal-lokal. Waqt din il-mawra l-banda daqqet ukoll waqt l-inawgurazzjoni tas-sede tal-Banda Principessa Yolanda ta' Mathi u wara tellajna programm mużikali flimkien. Il-banda kienet immexxija mis-Surmast Direttur Tancred Grech. Ftit xhur wara, fi Frar 2020, eżatt fuq l-għatba tal-pandemija tal-COVID-19, il-banda kellha t-tieni safra tagħna, din id-darba f'Napli. Hawn il-banda daqqet fil-Palazz Irjali ta' Caserta, għal darb'oħra flimkien mal-banda ta' Mathi. Is-Surmast Tancred Grech reġa' mexxa l-banda Mġarrija. It-tielet safra qed toqrob ukoll… fil-Polonja. Ibda aħseb, Surmast, għax fil-qrib!



*Is-Surmast u l-bandisti li daqqew waqt il-programm Binġemmafest fi żmien il-pandemija*

Wasal ukoll l-10 anniversarju tal-banda. Ridna li nagħmlu akkademja kif jixraq. Id-direzzjoni kienet waħda: kollox mill-aqwa. Il-preparamenti bdew xhur qabel. Għal din l-okkażjoni, li fiha żżanżan l-innu l-kbir *Imbierka s-Sema*, xogħol is-Surmast Ray Sciberras u versi tal-ħabib Joe Julian Farrugia, is-Surmast kellu wġigħ ta' ras mhux ħażin, u biex tgħaxxaq konna f'pandemija. F'dik l-istess sena Tancred kellu wkoll isib ma' wiċċu recording tal-marċi funebri, recording tal-marċi brijużi, recording tal-innijiet, inkluż l-innu l-kbir, u recording tal-marċi proċessjonali. Ħdimna flimkien u rnexxejna. Kulħadd għadu jiftakar l-Akkademja 10 Snin Impenn Mużikali, u kulħadd faħħar il-banda tagħna u d-dedikazzjoni tas-Surmast Tancred Grech. Ta' min isemmi wkoll li waqt din l-akkademja sirna l-ewwel banda li biex idoqqu magħha l-bandisti jaqraw il-mużika minn fuq tablet flok karti stampati, challenge ieħor mirbuħ.



*Is-Surmast Tancred Grech waqt waħda mill-provi għall-programm tal-festa. Dan il-kunċert kien sar fis-sala tal-knisja taż-Żebbiegħ*

10 snin surmast direttur. Lanqas naf kif għaddew, u kemm nixtieq li jgħaddu iktar snin flimkien. Tancred u l-familja sabiħa tiegħu, iktar milli hu s-Surmast tagħna, hu ħabib sinċier tal-familji tagħna, ġentlom umli u bravissimu. Il-kariżma tiegħu hi aspett addizzjonali mal-kwalitajiet tajbin li għandu, u s-sapport tal-familja tiegħu, l-iktar tal-mara Katya, huwa t-triq għas-suċċess tiegħu.



*Il-kumitat flimkien mas-Surmast Direttur waqt wieħed mis-servizzi tal-banda fil-festa tas-Sultana tal-Martri f'San Pawl il-Baħar*

Tancred illum il-ġurnata jmexxi wkoll il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li hu għalliem u assistent surmast ma' diversi baned lokali oħra. Hu jaħdem bħala għalliem fil-Kulleġġ Stella Maris, il-Gżira.



*Is-Surmast u l-parteċipanti ta' waħda mis-serati Flimkien għall-Banda li saru matul is-snin*

Bħala kompożitur Tancred għandu wkoll varjetà ta' marċi brijużi, funebri u innijiet. Fil-fatt hu kkompona 9 marċi brijużi, 6 marċi funebri u 3 innijiet.

Jien inħossni xxurtjat li ħdimt mill-qrib ma' Tancred. Kuntent immens li kont l-awtur ta' tnejn mit-tliet innijiet tiegħu.




*Il-banda taħt it-tmexxija tas-Surmast Tancred Grech fis-serata Ġieħ l-Imġarr 2019*

L-Imġarrin kuntenti ħafna bix-xogħlijiet tiegħu, u l-innijiet *Infaħħruk Dejjem* u *Sultana tal-Imġarr* żgur huma bandiera fil-festa Mġarrija.

Tancred, f'isem sħabi tal-kumitat nirringrazzjak tal-ħidma fejjieda tiegħek b'risq l-għaqda tagħna. Grazzi ta' dak kollu li għamilt u li tagħmel magħna, u kif għedtlek bosta drabi u int taf xi tfisser… I have a dream…

Grazzi, Surmast!





*Mro Tancred Grech imexxi l-banda Mġarrija waqt diversi programmi mużikali*

*Xogħlijiet tas-Surmast Tancred Grech*

| N. | Marċi Brijużi | Sena | Banda |
|---|---|---|---|
| 01 | 150 Sena ta' Suċċessi | 2011 | Għaqda Mużikali Beland |
| 02 | Matthias | 2014 | Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema |
| 03 | Katya | 2015 | Għaqda Mużikali Beland |
| 04 | Nathan | 2016 | Soċjetà Mużikali Peace, in-Naxxar |
| 05 | Ema | 2018 | Għaqda Mużikali Beland |
| 06 | Mid-Europe International Music | 2020 | Soċjetà Mużikali Santa Katarina |
| 07 | Karl | 2020 | Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema |
| 08 | Sharon | 2020 | Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema |
| 09 | Jurgen | 2021 | Soċjetà Filarmonika King's Own |

| N. | Marċi Funebri | Sena | Banda |
|---|---|---|---|
| 01 | Una Lacrima Sulla Tomba di Johnny Chircop | 2011 | Soċjetà Mużikali Peace, in-Naxxar |
| 02 | In Memory of Ċensu Grech | 2018 | Soċjetà Mużikali Peace, in-Naxxar |
| 03 | In Memory of my Grandparents Joseph & Gawdenza Saliba | 2015 | Għaqda Mużikali Beland |
| 04 | Ave Crux, Spes Unica | 2017 | Għaqda Mużikali Beland |
| 05 | In Manus Tuas (*b'dedika għażiża lin-nanna Maria Grech*) | 2020 | Għaqda Mużikali Beland |
| 06 | Mecum in Paradiso | 2023 | Soċjetà Filarmonika King's Own |

| N. | Innijiet | Sena | Awtur | Banda |
|---|---|---|---|---|
| 01 | Sultana tal-Imġarr (*Omm il-Banda Tagħna*) | 2014 | Joe Julian Farrugia | Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema |
| 02 | Infaħħruk Dejjem | 2016 | Joseph Caruana | Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema |
| 03 | Sliem Għalik, Ġużeppi | 2020 | Joseph Caruana | Każin San Ġużepp u Banda de Rohan |



*Is-Surmast Direttur Tancred Grech flimkien mal-mużiċisti wara l-programm vokali u strumentali tal-festa 2023*



*Is-Surmast Tancred Grech u l-kumitat waqt il-purċissjoni bl-istatwa titulari fil-festa tal-2023*



*Tancred waqt waħda mill-lezzjonijiet ta' matul is-sena*



*Tancred jagħti daqqa t'id waqt l-attività soċjali Maratonalbanda*



*Tancred imexxi l-banda waqt ir-recording tal-marċi funebri f'Montekristo fis-sena 2021*







*Tancred Grech u l-parteċipanti tal-Christmas Concert 2022*



*Tancred Grech jidderieġi l-banda waqt il-programm tal-Banda fil-Palazz Rjali ta' Caserta fi Frar 2020*



# Il-Laptu tal-Madonna tal-Karmnu

**Joe Chetcuti – preżentatur tal-programm *Marċi u Bandalori* fuq Net FM**



*Xbieha tal-Madonna tal-Karmnu bil-laptu f'idejha*

F'dan l-artiklu ta' din is-sena dwar il-laptu tal-Karmnu u l-medalji (domni) ħsibt illi jkun xieraq li nitkellem fuq żewġ aspetti, u dawn huma l-medalji mwaħħlin mal-laptu u l-medalji flok il-laptu.

Bosta Nsara li huma devoti tal-Madonna taħt it-titlu tal-Karmelu jilbsu il-laptu kannella ta' kuljum, u huma dawk id-devoti wkoll tal-Madonna taħt it-titlu tal-Medalja Mirakoluża. San Ġorġ Preca kien jagħmel propaganda kbira favur dawn iż-żewġ devozzjonijiet Marjani. Kien irid illi s-soċi tal-MUSEUM u anke t-tfal u ż-żgħażagħ tal-Preparatorja, il-Magħżulin u l-Kandidati jkunu devoti ta' dawn iż-żewġ armi tas-salvazzjoni. Dun Ġorġ kien persważ li kemm permezz tal-laptu kif ukoll permezz tal-medalja saru ħafna mirkali. Għalhekk mhix xi ħaġa rari illi ħafna devoti jridu jdendlu m'għonqhom kemm il-laptu kif ukoll il-medalja mirakoluża.

### *Nibda minn hawn: fiex jikkonsisti l-laptu?*

Il-laptu jikkonsisti f'biċċtejn ċarruta tas-suf, mhux tajjar, ħarir eċċ., ta' kulur kannella jew iswed. Dawn il-biċċtejn suf, jew kwadrati jew tawwalin, jiddendlu b'żewġ kurdiċelli ta' kwalunkwe kulur u materjal. Naturalment il-laptu għandu jintlibes mir-ras, hekk illi biċċa waħda tiddendel fuq is-sider u l-oħra tiddendel fuq id-dahar. Ma hemmx bżonn illi l-laptu jiddendel fuq il-laħam.

Issa ħalli nitkellem dwar id-domni li jitwaħħlu fuq il-laptu. Domna jew ornamenti oħra jistgħu jitwaħħlu fuq il-laptu, basta dawn ma jkunux hekk kbar illi jgħattu l-laptu. U meta ngħidu "jitwaħħlu mal-laptu" rridu nifhmu illi ngħidu "jitwaħħlu mal-kurdiċella tal-laptu u mhux mal-biċċiet tas-suf". U hawn nistgħu ngħidu wkoll illi l-laptu jista' jinkesa bil-borża tal-plastik minhabba l-għaraq. Importanti illi l-plastik ma jkunx meħjut mas-suf tal-laptu iżda mal-kurdiċella li tkun qed iżżomm mal-biċċiet tal-laptu. Mela allura jekk wieħed ikun irid iwaħħal domna mal-laptu jrid jagħmel domna żgħira li tgħatti biċċa biss, parti mill-biċċa ta'



*Il-Medalja Mirakoluża*

quddiem tal-laptu. Dina l-istruzzjoni ħarġet f'dokument ekkleżjastiku nhar it-8 ta' Mejju tal-1923.



*San Ġorġ Preca*

Ngħaddu issa għat-tieni konsiderazzjoni: "Tista' tintuża l-medalja (domna) flok il-laptu u jkollok l-istess benefiċċji u privileġġi qisek qed tilbes il-laptu? Ir-risposta hija iva. Infatti nhar is-16 ta' Diċembru tal-1910 l-Papa Piju X kien ħareġ dokument li permezz tiegħu ppermetta illi wieħed jista' juża domna tal-Madonna flok l-iskapular u jirbaħ l-istess indulġenzi u anke jgawdi l-istess privileġġi li jġib miegħu l-ilbies tal-laptu, anki l-privileġġ kbir singulari li jissejjaħ "il-Privileġġ tal-Bolla Sabatina". Il-Privileġġ Sabatin huwa wegħda tal-Madonna illi min jilbes il-laptu b'devozzjoni josserva ċerti kundizzjonijiet. Hi stess tinżel fil-Purgatorju fl-ewwel Sibt illi jiġi wara l-mewt tad-devot u teħilsu mill-Purgatorju (Bolla Sabatina, 3 ta' Marzu 1322).

Naturalment il-Knisja għamlet ċerti kundizzjonijiet konnessi mal-ilbies tad-domna flok il-laptu tal-Karmnu.

L-ewwel nett, min ikun miktub Terzjarju Karmelitan, bħalma kienu San Ġorġ Preca u eluf ta' terzjarji oħra, dawn ma jistgħux jilbsu domna flok l-iskapular. Dan id-digriet kien ħareġ nhar is-6 ta' Diċembru tal-1910.

It-tieni, meta persuna tkun qed tinkiteb għall-ewwel darba, dina trid tinkiteb bil-laptu u mhux bid-domna.



*Il-Papa Piju X*

It-tielet, il-medalja li tintlibes flok il-laptu trid tkun hekk: fuq naħa waħda turi l-immaġni tal-Qalb ta' Ġesù u fuq in-naħa l-oħra l-immaġni tal-Madonna. Ma hemmx bżonn illi x-xbieha tal-Madonna tkun dik tal-Karmnu.

Ir-raba', il-figuri fuq il-medalji jridu jkunu ċari. Il-medalja flok l-iskapular ma tibqax aktar tajba jekk il-figuri ma jibqgħux aktar jidhru.

Il-ħames, il-medalja li tintuża flok il-laptu trid titbierek kull darba li tinbidel. Dan mhux bħalma huwa l-laptu, li jitbierek għall-ewwel darba mbagħad jinbidel mill-ġdid. Meta wieħed ibiddel id-domna ma' waħda ġdida għandu jmur għand is-saċerdot biex ibirikhielu (dokument li kien ħareġ f'Mejju tal-1916).

Is-sitta, mhux kull saċerdot jista' jbierek id-domna li tintuża flok il-laptu. Din il-ħaġa jista' jagħmilha biss dak il-patri jew saċerdot illi jkollu permess speċjali li jikteb fl-iskapular.

Ħaġa tal-aħħar u interessanti ħafna hija li jekk wieħed ineħħi d-domna minn fuqu għax forsi teħel ma' ħwejġu, pereżempju biex jorqod, dan ma jitlifx il-privileġġi u l-indulġenzi konnessi mal-laptu, basta almenu d-domna tkun viċin tiegħu. Imma skont il-wegħda tal-Madonna jkun ħafna aħjar li jilbisha kontinwament.



# Żewġ Knejjes Famużi Barra minn Gżiritna Ddedikati lil Santa Marija

Kav. Mario Coleiro O.S.J.



It-titlu ta' Marija Assunta huwa wieħed mill-iktar titli li għandha l-Madonna li taħtu nsibu knejjes fid-dinja. Insibu diversi knejjes iddedikati lill-Assunta li huma famużi madwar id-dinja u li huma meqjusa bħala patrimonju tal-umanità u wirt storiku importanti ħafna. Fost dawn insibu l-bażilika katidral tal-belt ta' Firenze fit-Toscana, l-Italja, iddedikata lil Santa Maria del Fiore.



Id-*Duomo*, kif isejħulu l-Fjorentini, huwa binja importanti ħafna għall-arkitettura u l-arti fid-dinja. Din il-knisja importanti bdiet tinbena fl-1296. Dan ifisser li bdiet tinbena iktar min 700 sena ilu. L-arkitett kien Arnolfo di Combio, li fassal knisja fuq stil Romanesk imħallat mal-Gotiku u iktar tard daħal ukoll l-istil Rinaxximetali. It-taħlita ta' dawn l-istili tinsab f'armonija perfetta u għalhekk din il-knisja hija meqjusa bħala monument ta' arkitettura mondjali. Il-bini ħa madwar 100 sena u għalhekk kellhom jidħlu arkitetti oħra biex lestew din il-knisja.



Il-faċċata li naraw illum inbniet mill-arkitett Emilio De Fabris, li bena faċċata mill-isbaħ u mżejna ħafna, fejn naraw l-istil Romanesk imħallat ma' elementi Gotiċi.

L-artist Fjorentin Gotto bena l-kampnar, u hawn naraw ukoll taħlita ta' stil Romanesk imħallat ma' elementi Gotiċi. Dan it-torri, li hu importanti ħafna għall-arkitettura, huwa meqjus bħala wieħed mill-isbaħ kampnari fid-dinja. Fih insibu diversi livelli fejn insibu l-qniepen, u hemm post fejn wieħed jista' jitla' biex igawdi l-veduta tal-belt ta' Firenze.



Wara snin twal ta' xogħol fil-bini kien jonqos il-koppla. Il-bini tal-knisja sar mill-irħam u l-bricks tat-terrakotta. Il-problema fuq il-bini tal-koppla kienet li l-aħħar koppla li kienet inbniet kienet dik tal-Panteon ġewwa Ruma, u din kienet inbniet fi żmien ir-Rumani madwar 1,000 sena qabel, u għalhekk kienet intesiet it-teknika kif tibni koppla. Għal din il-biċċa xogħol tqabbad l-arkitett Filippo Brunelleschi, li ħabbel rasu mhux ftit biex irnexxielu jsib metodu kif jibni din il-koppla, li għadha

sal-lum waħda mill-ikbar tad-dinja. Meta wieħed iħares lejn din il-koppla jista' jilmaħ il-meravilja ta' arkitettura Romaneska mħallta ma' dik Rinaxximentali li għandha. Brunelleschi ma rnexxilux jaraha lesta għax meta miet il-lanterna kienet għadha mhix lesta. Biex inbniet il-lanterna daħal il-ħabib ta' Brunelleschi, li kien l-arkitett Fjorentin Michelazzo, li bnieha fuq il-pjanta ta' Brunelleschi. Id-*Duomo* kien lest għalkollox mill-bini fis-sena 1436, jiġifieri 140 sena wara li kien inbeda x-xogħol tal-bini.



Knisja oħra li se nitkellmu fuqha hija l-Katidral ta' Santa Maria, il- Catedrale Royal de la Almundena, li jinsab fil-belt ta' Madrid fi Spanja. Dan il-katidral pjuttost huwa bini riċenti għax beda jinbena fis-sena 1883 u ħa madwar 110 snin biex tlesta. Sas-sena 1561 il-belt kapitali ta' Spanja kienet il-belt ta' Toledo, imma fl-1561 Madrid saret il-kapitali Spanjola l-ġdida. Minkejja dan is-sede tal-Knisja Spanjola baqgħet xorta fil-belt ta' Toledo u fil-belt ta' Madrid ma kienx hemm katidral. Il-ħsieb li jinbena katidral mill-bidu kien fi ħsieb il-Madrileni, imma minħabba esiġenzi tal-imperu dan qatt ma seħħ. Kien iktar minn 300 sena wara li dan il-ħsieb beda jsir realtà, meta fl-1883 kien tqabbad l-arkitett Francisco de Cubas biex iħejji pjanta għal dan il-katidral il-ġdid.

Il-post li ntgħażel biex jinbena dan il-katidral kien propju biċċa art li tinsab quddiem il-palazz irjali ta' Madrid. Fuq din l-art ħafna qabel kien hemm wieqfa moskea li kienet importanti ħafna meta Spanja kienet għadha taħt id-dominju tal-Għarab. Kien ir-Re Alfonsu VI li meta reġa' rebaħ il-belt ta' Madrid minn taħt idejn l-Għarab kien qered kompletament din il-moskea. Dan kien fis-sena 1083 u minn dak iż-żmien din l-art dejjem baqgħet battala mill-bini. L-arkitett De Cubas għamel pjanta ta' knisja mill-isbaħ fuq stil Neo-Klassiku mħallat ma' stil Neo-Gotiku u Neo-Romanesk. Dawn it-tliet stili jmorru tajjeb flimkien u hawn naraw kombinazzjoni eċċellenti tagħhom.

Il-bini kien mexa ġmielu, u għalkemm l-arkitett laħaq miet xorta l-bini tkompla fuq il-pjanti li kien ħejja. Meta Spanja sfrondat fiż-żmien terribbli tal-gwerra ċivili l-bini tal-katidral kien abbandunat kompletament, u għalhekk tħalla mhux lest. Wara l-gwerra ċivili l-artijiet bil-mod reġgħu bdew ġejjin għan-normal u l-bini tal-katidral reġa' tkompla, u fis-sena 1993 kien lest kompletament. Kellu jkun il-Papa Ġwanni Pawlu II li kkonsagra solennement dan il-katidral iddedikat lil Marija Assunta fil-belt kapitali Madrid fi Sapnja meta kien fuq żjara f'din il-belt. Illum dan il-katidral sar wieħed mill-iktar importanti fi Spanja u meqjus bħala binja importanti f'dik li hija arkitettura artistika pjuttost moderna.



Dan l-artiklu ttratta żewġ knejjes li huma ddedikati lil Marija Assunta u li għandhom importanza kbira fejn tidħol arkitettura u opri artistiċi li jiġbru fihom. Kif semmejt fil-bidu t-titlu ta' Marija Assunta huwa wieħed diffuż ħafna fid-dinja Kattolika u kull fejn tmur issib knejjes mill-isbaħ li jfakkruna kif Ommna Marija Santissima telgħet is-sema bir-ruħ u l-ġisem.

# Your one stop shop for your swimming pool

We provide our clients with a hassle-free one-stop shop for pool & spa construction projects-from the excavation stages to the minute details of the finishing stages with our own skilled personnel, equipment & machinery.





Eco Select
Efficiency • Conservation
PENTAIR

These products save energy, save water, eliminate or reduce noise, or otherwise contribute to a more environmentally responsible equipment system. In every case, a product that earns the Eco Select brand is clearly our "greenest" and most efficient choice.





MUSCAT
POOL CONSTRUCTION

Muscat Building, Gammari Camilleri Street, Mgarr, Malta

Tel: +356 2158 2761 E-mail: info@muscatpools.com

Web: www.muscatpools.com

Find us on: facebook

PENTAIR | STA-RITE | innowater cloración salina, control y dosificación | AQA | ROSO GRES | ONIX mosaico

BALLUT BLOCKS

**Ballut Blocks Ltd.** Wied Filep, L/O Naxxar, Malta
Tel: (356) 21573093, 21572666,21576419, 21487738
Fax: (356) 21575562 E-Mail: ballut@ballutblocks.com

FROM STRENGTH TO STRENGTH
PROVIDING SERVICE TO THE CONSTRUCTION INDUSTRY

Ballut Blocks, formed in 1951, is one of the earliest to be established in the local building and construction industry and was amongst the very first to be registered as a limited liability company in 1964. Over the years the Company has expanded, from the production of concrete blocks to the manufacture of all types of prefabricated concrete products and to the formation of a comprehensive fleet of specialised equipment for earth-moving, rock cutting and other civil engineering works.


Precast Windows


Demolition Works


Trenching Works


Concrete Bricks


Excavation


Piles


Tunnelling


Precast Slab Roofing


Ready Mix Concrete


Piling Machine


Tunnelling Machine


Precast Walls

GPC Concrete Solutions

**General Precast Concrete Ltd** Hal Far Industrial Estate
Tel: (356) 21653802, (356) 21653005 Fax: (356) 21659536 E-Mail: info@generalprecastconcrete.com

www.ballutblocks.com



# L-Imġarr fit-Tieni Gwerra Dinjija

Joe Grima

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija l-Imġarr kellu l-ġrajjiet koroh tiegħu. Minbarra li kien hemm is-seba' vittmi tal-attakki mill-ajru tal-għadu, li isimhom imniżżel mal-faċċata tal-bini tal-Kunsill Lokali, kien hemm diversi ajruplani tal-ġlied, kemm tal-għadu kif ukoll Ingliżi, li ġġarrfu fl-inħawi tal-Imġarr.

Għalkemm it-Tieni Gwerra Dinjija bdiet uffiċjalment fl-1 ta' Settembru 1939, meta l-Ġermanja invadiet il-Polonja, għal Malta l-gwerra bdiet fl-10 ta' Ġunju tal-1940, meta Mussolini ddikjara gwerra kontra l-Ingilterra. L-attakki mill-ajru bdew l-għada filgħodu stess.

L-ewwel ajruplan li kien iġġarraf kien waqa' kmieni fil-gwerra. Dan kien *Fiat CR 42,* biplane Taljan li kien twaqqa' fis-17 ta' Settembru 1940. Kien hemm rejd fil-10.40 ta' filgħodu, meta resqu lejn Malta tużżana *Picchiatelli*, li kienu *Junkers 87 'Stuka'*, imma fis-servizz tal-forzi Taljani, akkumpanjati minn madwar żewġ tużżani fighters. Wieħed minn dawn, il-*Fiat CR 42*, pilotat mis-Sottotenente Francesco Cavalli, twaqqa' fil-wied bejn Forti Binġemma u l-Imġarr. Il-pilota, li dam nieżel bil-paraxut sitt minuti, salva u daru madwaru numru ta' Mġarrin irrabjati għalih, kif indunaw li kien Taljan, imma meta talabhom tazza ilma ħennew għalih u ġabulu waħda. Imbagħad poġġewh fuq stretcher u ħaduh l-Imġarr, minn fejn il-Militar ħaduh taħt idejhom.

Il-waqgħa ta' Cavalli ġiet attribwita għal Flying Officer "Timber" Woods, li kien wieħed mill-ewwel piloti tal-famużi *Gladiators*, imma li dakinhar kien qed itajjar *Hurricane*.

Ftit ġimgħat biss wara, fl-4 t'Ottubru, għall-ħabta tal-10.00 ta' filgħodu ġew fuq Malta madwar għoxrin *Macchi C.200,* li kienu fighters Taljani imma li dakinhar ġew fuq missjoni ta' tkixxif. Wieħed minnhom, dak pilotat mit-Tenente Mario Nasoni, kien imwaqqa' minn *Hurricane* u spiċċa fil-baħar viċin Fomm ir-Riħ. Il-pilota Nasoni tilef ħajtu.

Għadda ftit żmien mhux ħażin u fid-9 ta' Novembru 1941 kien imiss ajruplan Ingliż jiġġarraf bejn iż-Żebbiegħ u Ħal Dragu. Matul il-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Novembru kien hemm diversi attakki. Għall-ħabta tal-10.00 ta' billejl *Hurricanes* night fighters tal-Malta



*Macchi C.200 bħal ta' Nasoni*

Night Fighter Unit ittajru minn Ta' Qali. Dak pilotat mill-Flight Lieutenant Donald Stones, meta kien għadu kif daħħal ir-roti, intfietlu l-magna, u billi kien jaf li billejl ma kienx se jirnexxilu jniżżel l-ajruplan fl-għelieqi żgħar imdawrin bil-ħitan tas-sejjieħ, qabeż u mess l-art eżatt kif infetaħlu l-paraxut! Il-*Hurricane* spiċċa mhux bogħod wisq minn fejn niżel Stones, u beda jaqbad.

Bħas-soltu nġabret folla Mġarrin irrabjati għax ħasbuh pilota tal-għadu, u Stones tajjar il-life jacket minn fuqu biex jurihom l-arma tal-RAF. Dak il-ħin eżatt beda jisplodi l-munizzjon tal-ajruplan u l-Imġarrin inħasdu. Ftit wara wasal uffiċjal Ingliż responsabbli mid-difiża ta' Ta' Qali, li sa fl-aħħar ipperswadiehom li Stones kien "minn tagħna" u salvah.


*Junkers JU88, l-akbar ajruplan li ġġarraf l-Imġarr*

Dam ftit ma ġġarraf ajruplan ieħor fl-inħawi tal-Imġarr. Imma fis-6 ta' Lulju 1942 waqa' l-ikbar wieħed li kellu jaqa' fl-Imġarr. Dan kien bomber Ġermaniż, *Junkers JU 88*. Matul il-lejl kien hemm żewġ attakki, u fit-tieni wieħed, li kien wara t-3.30 ta' filgħodu, daħlu tużżana bombers jattakkaw individwalment. *Beaufighter* tal-89 Squadron, li kien nightfighter b'żewġ magni, irnexxielu jwaqqa' wieħed minnhom, li ġġarraf u spiċċa madwar 150 metru bogħod mill-Palazz ta' Zammitello. Il-membri tal-ekwipaġġ kienu mietu kollha.

Kien imiss li jiġġarraf ajruplan Ingliż fit-2 t'Awwissu 1942. Dakinhar kien hemm attakk ftit wara s-2.00 ta' waranofsinhar, meta resqu erba' bombers u numru ta' fighters lejn pajjiżna. Iżda l-bombers daru lura, u l-fighters, li kienu *Messerschmitt BF 109*, baqgħu deħlin. Telgħu għalihom 25 *Spitfire* imma minn dawn twaqqgħu tnejn. Dak pilotat mill-Pilot Officer James Guthrie spiċċa f'għalqa bejn iż-Żebbiegħ u l-Victoria Lines, viċin tal-Palazz ta' Charlie. Guthrie miet fl-*iSpitfire*.


*Spitfire Mk. Vb bħal ta' Guthrie*

L-aħħar ajruplan li ġġarraf fl-Imġarr kien wieħed Ġermaniż, *Messerschmitt BF 109*. Il-ġurnata kienet it-23 t'Ottubru, meta ħamsa u tletin fighter u fighter-bombers resqu lejna. Għalkemm uħud daru lura, oħrajn baqgħu jattakkaw u telgħu numru ta' *Spitfires* għalihom, u kien hemm ġlieda fl-ajru. Għalkemm l-*iSpitfires* waqqgħu wieħed u għamlu ħsara lill-ieħor, il-kanuni ta' kontra l-ajru waqqgħu tnejn. Wieħed minn dawn, il-*Messerschmitt BF 109* tal-pilota Unteroffizier Heribert Wagner, waqa' fiż-Żebbiegħ, sploda u waqqa' parti minn razzett. Il-pilota nstab mejjet viċin.

Wara l-aħħar attentat serju mill-Ġermaniżi, dak ta' Ottubru 1942, l-attakki mill-ajru kważi waqfu għalkollox. Dan minħabba li l-attenzjoni marret fuq il-battalja ta' El Alamein, li kienet bdiet fit-23 ta' Ottubru, u ftit wara l-Alleati żbarkaw fl-Afrika ta' Fuq fit-8 ta' Novembru.

Ovvjament il-Ġermaniżi iktar kellhom interess jippruvaw iwaqqfu lill-Alleati milli javvanzaw f'dawn iż-żewġ fronti ġodda, milli jkomplu jattakkaw lil Malta.




I.Ġ.T.
MALTESE
ISLANDS

EMMANUEL DELICATA WINEMAKER

enjoy responsibly; never drink and drive

/DELICATA WINERY

WWW.DELICATA.COM



Antoine's
BUTCHER
Free Delivery
Main Street, St. Paul's Bay
Mob: 7722 9904, 9945 5282   T: 2758 1500
Opening Hours:
Mon: 7.00-12.00 / 16.00-18.00
Tue-Fri: 7.00-12.00 / 16.00-19.00
Sat: 7.00-13.00




Needs&Treats
Needs&Treats
OPEN
emy
GO HEALTHY
Open Mon-Sat till 8pm
Sir Temi Zammit Street, Iż-Żebbiegħ L/O l-Imġarr
Mob: 99498197   Tel:27309239

# Baned Militari

Silvan Abdilla

Niftaħ dan l-artiklu billi niringrazzja lis-Segretarju tas-Soċjetà Mużikali Maria Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr, Malta, is-Sur Joseph Caruana, illi għall-ewwel darba tani l-opportunità nikteb artiklu fl-annwal tas-Soċjetà.

Grazzi ta' din l-opportunità. Nispera li jkollna ċans inkomplu niktbu u ntukom tagħrif fuq affarijiet varji tal-mużika minn sena għal oħra.

Kif jgħid it-titlu ta' dan l-artiklu, din is-sena għażilt li nitkellmu fuq il-baned militari. Dan is- suġġett ma tantx jiġi diskuss, u kelli nagħmel riċerka twila wkoll biex nasal għalih.



*Banda paramilitari*

Prattikament dawn it-tipi ta' baned jinqasmu fi tnejn. Eżempju ċar hawn Malta huwa l-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, li hija l-banda militari ta' pajjiżna. Għalhekk tieħu sehem f'ċerimonji uffiċjali tal-pajjiż. Imbagħad għandna l-Banda tal-Pulizija, li għalkemm hija fuq l-istess linja tal-banda militari, din tissejjaħ "banda paramilitari", għaliex f'pajjiżna għalkemm il-pulizija huma korp dixxiplinat, mhuwiex korp militari.

### *X'inhi banda militari?*

Banda militari hija grupp ta' persuni mużiċisti li jwettqu dmirijiet mużikali għal funzjonijiet militari, ġeneralment għall-forzi armati ta' kull pajjiż fid-dinja. Il-banda militari tikkonsisti l-aktar f'żewġ fatturi importanti – strumenti tan-nifs u sezzjoni tal-perkussjoni, li jsejħulha "drums corp". Id-direttur tal-banda normalment ikollu t-titlu ta' surmast tal-banda jew direttur tal-mużika, u jkollu wkoll id-drum major, li huwa dak il-mużiċist li narawh bil-bastun quddiem.



*Banda militari*

Ta' min jgħid ukoll li l-baned militari Ottomani huma maħsuba li huma l-eqdem

baned militari fid-dinja, li jmorru lura sas-seklu 13.



*Waħda mill-baned militari Ottomani - 1720*

Il-banda militari normalment tieħu sehem billi ddoqq u tagħmel parati f'dawk li huma ċerimonji uffiċjali tal-pajjiż u f'festi nazzjonali tal-pajjiż, inklużi anke f'funerali statali.

Ir-repertorju tal-baned militari jvarja minn mużika ċerimonjali, marċi militari, inklużi l-innijiet nazzjonali, u ħafna kompożizzjonijiet oħra bħall-mużika sagra, il-marċi funebri bħal ta' Chopin jew Beethoven, u mużika oħra, għaliex il-baned militari kemm f'Malta u anke f'pajjiżi oħra jieħdu sehem anke f'attivitajiet oħra, fosthom il-military tattoos, u jagħtu kunċerti varji.

Illum il-ġurnata wkoll il-baned militari bdew jieħdu anke xejriet differenti fejn tidħol l-istrumentazzjoni. Fil-fatt illum insibu l-bagpipes jew iċ-ċirimelli, kif insejħulhom bil-Malti, l-istring instruments bħaċ-ċello u d-double bass, il-keyboards u l-kitarri elettriċi wkoll, u strumenti oħra. Dan għaliex illum il-banda militari jkollha okkażjonijiet differenti li fihom iddoqq, u l-kompożizzjonijiet iridu jkunu adatti għalihom.




Hawn ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-mużiċisti li naraw idoqqu mal-Banda tal-FAM u l-Banda tal-Pulizija huma frott mill-każini tal-banda ta' pajjiżna.

Kif diġà għedna, hawn ħafna tipi ta' baned militari, fosthom il-banda tar-Royal Marines, Il-banda tal-Bersalieri u baned oħra li evolvew matul iż-żmien.

Nagħlaq dan l-artiklu billi nawgura l-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.

Viva Santa Marija!


Martin Grima Ltd
Import, Export & Distributors
Ghajn Astas, St. Paul's Bay, SPB 6930 Malta,
Tel : +356 21574474
Email: martin.g@martingrimaltd.com
Kubota


Marlene's
Daily Fresh Fish
Monday, Tuesday,
Wednesday, Friday and Saturday
7.00 - 12.00
Near Mgarr Church
Mob: 77994377
Free Deliveries



JULIA

FARRUGIA PORTELLI

**MINISTRU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT**

# Il-Festa t-Tajba

info@juliafarrugia.com 7999 9936



# The Jubilee Esplanade

Lina Deguara

Recently the local council informed us residents of Mġarr that the area around the church parvis, up to some days ago known as Jubilee Esplanade, has been renamed Misraħ l-Assunta (Assumption Square). Without going into the merits or otherwise of such a decision, I do, however, wish to give a historical perspective of our ex Jubilee Esplanade.

When Fr Edgar Salomone came to Mġarr in late 1920 he immediately fell in love with the village and its people. He promised himself to help them. Besides serving them in their spiritual needs he was always by their side when misfortunes, of any nature, struck. When he became parish priest in 1931 the *English Daily* commented: "The new pastor is one of the most popular priests we have, truly a man of the people and living entirely for the people. For ten years he has laboured among poor farmers in conditions quite abnormal, making himself truly like St Paul." Following this appointment Fr Salomone's work became even more tenacious and incisive.

***The Great Change in Central Mġarr***

As from December 1933 he began to persistently correspond with the Governor of Malta to have a complete overhaul of the Mġarr square and the church's parvis (zuntier). This meant the demolition of some old farmhouses in front of the church, the levelling of the parvis, two thirds of which was built on government land, and the demolition and straightening of the street on the upper side of the parvis, to link up with Palma Street, today Sir Harry Luke Street. Fr Edgar proposed the Public Works Department to take charge of this work. Being highly conversant in the English language, staunchly pro-British and an esteemed friend of the political elite, he succeeded in having all this done. Sir Harry Luke, then *Acting* Governor, was of particular support. The expense of this project amounted to £1,800 (€4,194).

Fr Edgar Salomone's dream, however, was not over yet. He planned to have the first *Municipio* in Malta. In October 1935 he wrote to the Governor to have a clinic, a resident medical doctor and a police station all housed in one building. In one year these premises were built and serving Mġarr parishioners. The cost of this project amounted to £1,500 (£3,495).

On 26th May 1935, being his Silver Jubilee, His Royal Highness King George V honoured Fr Salomone with the jubilee medal for the "Distinct Service in my Reign". It must be said that during World War I Fr Edgar was a volunteer in the British Army

as a military chaplain and earned the admiration of his superiors for his courage, strategy and energy in such difficult times.

On 11th June 1936 the Governor Sir Charles Bonham Carter, Lady Bonham Carter, Sir Harry Luke, Lady Luke and Admiral French and Lady French visited Mġarr to see and to inaugurate the new square. They were accorded one of the warmest receptions which they had so far received. In his diary Bonham Carter wrote: "On Thursday we visited Mġarr and had a wonderful interesting time. It was a warm welcome, given to us in a charming and simple way."

In his speech Fr Salomone asked leave to express his and the villagers' appreciation of the help and encouragement they had received from Sir Harry Luke, help which had taken material shape in this grand square. On his part Sir Harry Luke put the blame on Fr Edgar and said "his indefatigable zeal and energy on behalf of his flock had won for him the esteem and support of the authorities." Fr Edgar Salomone wanted the square to be named Misraħ il-Ġublew tal-Fidda, to commemorate the Silver Jubilee of King George V, since then always known as Jubilee Esplanade.

Rev. Salomone always remained valiant in his demands for the betterment of his village. He invited dignitaries and wrote letters and articles in newspapers with the aim to make the needs of the village known and addressed. He managed to create Mġarr and to endow it with a unique identity. Were it not for the visionary acumen and strength of Fr Edgar Salomone, probably we wouldn't have had the esplanade!

The alley in this same area, which is to remain unchanged, Alley 1, Jubilee Esplanade (Sqaq Nru 1, Wesgħat il-Ġublew) will hopefully keep on taking us, and future generations, back where we came from. Let us not forget!

***The Evolution of the Jubilee Esplanade***














BLAU GRANA CERAMICS

*Importers of Tiles from Italy & Spain*

Specializing in Bathrooms and Floor Ceramics

- *Tile Laying*
- *Bathroom Accessories*
- *Mixers*

Johann Said
mob: 99728174

*90, Main Street, Mgarr, Malta*
*info@blaugrana.com.mt*
*www.blaugrana.com.mt*



**Mgarr Farmers Snack Bar & Bennej Restaurant**

*Home Made Food!*

Sir Temi Zammit Street, Mgarr - Malta

**Tel: 2157 1328, 7959 4938**




46, Triq Ġużepp Xuereb, Swatar, Birkirkara
2144 8658
7944 8658
www.avukatmuscat.com
dr.muscat@avukatmuscat.com



# Mġarr Primary School is 100 Years Old

Lina Deguara

The first attempt to have a school at the newly founded village of Mġarr[1] dates back to April 1904. It was after an incidental meeting with four boys at Żebbiegħ that Colonel Spence and Mr Laurence Magro, two high officials of the government of Malta, became aware of the dire need of the *Mġarrin* to have an educational institution operating at the heart of their village. Magro, in his capacity as the Director of Public Works, wrote the first recorded letter to the Governor of Malta asking him to open a school at Mġarr.[2] Reference was made to the National Government Census of 1901, which showed that the total population was 581 persons, of whom 139 were school-age children.[3] The request was acceded to and the choice fell on a newly-built house at 16, Strada Reale, today Fisher Road. Unfortunately this house was taken by the parish priest, Fr Ġlormu Chetcuti, and was not available. Many years passed by and many similar letters pleading for a school at Mġarr were sent to the authorities to no avail.



*Fr Edgar Salomone*

It was only in late 1920, with the advent of Fr Edgar Salomone, newly appointed vice parish priest, that the call to have a school at Mġarr assumed a much greater impetus. He made all efforts to exert influence on the members of the Self-Government, bestowed to Malta in 1921, in favour of a government primary school for Mġarr. His hard work came to fruition and, in less than three years since his arrival, a school consisting of eight large classrooms with three other service rooms was inaugurated on September 19, 1923 by Lord Plumer.[4] The then Education Minister Enrico Dandria, the Director of Education Captain A.V. Laferla and other dignitaries were also present.

The new beginning was, understandably, difficult for both teachers and taught. With very little resources and seriously lacking any pedagogical training the teachers found it extremely hard to domesticate the children of Mġarr and to instil in them the love for learning.[5] Gradually, however, the inculturation

1 *Mġarr was declared a parish on 11th October 1898 (Deguara, A. L-Imġarr, il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sa Llum. Malta, Colour Image, 1999: 112*

2 *NAM, MPW 1404/1901. Opening of a Government School at Miġiarro*

3 *National Population Census 1901*

4 *Annabilium Scriptor, Mġarr – Malta A Retrospect from Records, 1946*

5 *Cilia, Ġ.A. Speech on the occasion of the 50th Anniversary of the school. 1973*

process gathered momentum and by 1946, when primary education became compulsory for all children aged 6 years, there were no more than 6 children who were not already attending school.[6] This was confirmed by Mr Brennan, the then Director of Education, who said that "Mġarr, in spite of having many scattered hamlets miles away from the school and without any means of transport available, had the highest percentage of children attending school".[7] The school population continued to grow, reaching a peak of 487 pupils in 1959.[8]



*Mr Ġanni A. Cilia served the school as headmaster for 37 years. Photo given to me by his daughter Sr M'Concetta Cilia*

The main emphasis of teaching was essentially utilitarian, skilling children in various aspects and to prepare them for life. As from 1923 the school was opened, after school hours, for the *Skola ta' Billejl* (Night School), giving the opportunity for the elder people to also acquire basic literacy skills. In 1946 the dress-making evening lessons for girls commenced, which were very well attended. It can therefore be said that in those first decades the school played a vital role for the emerging community of Mġarr as the only seat of learning.

In spite of the many difficulties, mostly socio-economic, which disrupted educational pursuits of the children of Mġarr, they grew up into hard working and responsible adults who very diligently raised their families as exemplary citizens, guided by Christian values. The many *Mġarrin* who had to emigrate to faraway lands equally led their lives with zeal and industry. They made a name for themselves and for their country.




*The book published by the local council to commemorate the 100 years of Mġarr Primary School*

In the past 50 years the school has evolved in a much-changed Mġarr. Improved communication channels, very low emigration prospects, better educational and employment opportunities, higher aspirations of the *Mġarrin* and, in the last two decades, the influx of new settlers in the village – these factors have all affected the school and added a new dimension to its mission.

One of the 20 headteachers who ran Mġarr Primary in these 100 years was Ġanni A. Cilia. In 1926 he came to Mġarr and led the school for 37 years. Generation after generation the children of Mġarr received their education under his hands. The school was rightly named after this headmaster in March 1998.

The Mġarr Local Council celebrated the 100th anniversary of Mġarr Primary School by various activities involving the school children and by the publication of a book which outlines the history and the memories of Mġarr Primary School.

---

6 *Cilia, G.A. Speech on the occasion of the Diamond Jubilee. 1986, par. 2*

7 *Ibid.*

8 *Cilia, Ġ.A. Annual Speech, 1960*


MAR ANTHEA
EVENTS
79804203
99804203


Panorama Bar
Snacks • Takeaway • Restaurant
Burmarrad Road,
Burmarrad
T: 2158 0015



# L-Imġarrin fil-Gwerra

**Danica Abela**

It-Tieni Gwerra Dinjija kienet perjodu li għadu jmiss il-qlub ta' diversi nies, speċjalment dawk illi għexuh. Wieħed ikun żbaljat jekk jaħseb illi l-Imġarr ma kienx milqut jew affettwat fil-gwerra, hekk kif ħarsa ħafifa fl-arkivji ta' pajjiżna turi l-attività li kienet qiegħda tiġri f'raħalna kif ukoll l-involviment tal-Imġarrin f'dak iż-żmien. Dan l-artiklu jagħti stampa ċara u konċiża ta' dak illi wieħed jista' jsib, b'mod speċjali f'okkorrenzi (rapporti) tal-pulizija, kif ukoll mill-memorji ta' Mons. Alwiġi Deguara u s-Surmast Ġanni A. Cilia. Kull għassa kienet iżżomm Rough Occurrence Book, li fih kienu jinkitbu l-ġrajjiet u r-rapporti kollha. Kull ġimgħa, bejn wieħed u ieħor, dan il-ktieb kien imur fil-headquarters tad-distrett biex l-okkorrenzi jiġu kkupjati fil-logbook uffiċjali. L-Imġarr, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, il-Marfa u l-Mosta kienu jiġu kkupjati l-Mosta HQ fil-Main Occurrence Book, illum ippreservati fl-Arkivji Nazzjonali, ir-Rabat.

## *Il-Ġografija tal-Imġarr u l-Gwerra*

Id-diversi postijiet għoljin madwar l-Imġarr servew bħala post strateġiku sabiex jinbnew kmamar tad-difiża (pillboxes), fortifikazzjonijiet u saħansitra kamp għas-suldati. Barra l-Forti ta' Binġemma u l-Victoria Lines, fuq l-għolja tan-Nadur intramat fortizza oħra b'ħames kanuni kbar kontra l-ajruplani. Mal-kosta tal-Imġarr intramaw beach posts u land posts b'kanuni żgħar, li kkumplimentaw sewwa d-Dwejra Lines, il-Qortin u Għajn Tuffieħa, kif ukoll it-torrijiet illi kienu nbnew mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Deguara[1] jistqarr ukoll illi r-raħal kollu kien imdawwar bil-barbed wire bħala lqugħ kontra l-inżul tal-għadu. Bejn Tar-Ragħad u l-Iskorba nbena post għal search light biex jgħin fid-difiża, speċjalment matul il-lejl.

L-Imġarr, sinonimu mar-raba' u l-kampanja, minn dejjem kellu komunità agrikola bi bdiewa, nies bl-irziezet, sajjieda u nies oħra li jaħdmu bil-materja prima. Matul dan l-artiklu jidher biċ-ċar is-sehem illi taw dawn in-nies illi kienu jissupplixxu ammonti kbar ta' ikel lill-popolazzjoni Maltija illi kienet bil-ġuħ. Hekk kif l-ewwel suldati bdew jiġu stazzjonati fl-inħawi tal-Imġarr, l-aktar tal-Manchester Regiment u r-Royal Irish Fusilliers, bdew jidħlu bosta lmenti minn bdiewa Mġarrin. Dan għaliex waqt is-sessjonijiet ta' taħriġ ħafna suldati kienu jidħlu fl-għelieqi u jagħmlu

---

1 *Deguara, A. 1999. L-Imġarr: Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sa llum.*

l-ħsara, b'detriment għall-bidwi. Fost dawn insibu lil Karmnu Camilleri Tal-Mitalla[2] u l-għelieqi tiegħu fl-Iskorvit u lil Spiru Bezzina Ta' Frenċ[3] fl-għelieqi f'Ta' Torri , fejn ir-Royal Irish Fusilliers ħarbtu l-għelieqi tagħhom, qatgħu xi frott, bħal għeneb u tin, u fil-każ ta' Bezzina tefgħulu ġebel u fliexken tal-ħġieġ. Sfortunatament anke l-ħitan tas-sejjieħ kienu jkunu fil-mira ta' dawn is-suldati.

Il-kunflitti bejn il-bdiewa Mġarrin ma kinux jonqsu wkoll, bħal meta Feliċ Bezzina Ta' Żepp,[4] ta' 60 sena, irrapporta lil Grezzju Micallef ta' 12-il sena Ta' Żagħet, illi daħallu fl-għalqa tiegħu l-Ġnejna bil-mogħoż u n-nagħaġ u dawn kielu l-lanġas kollu illi kellu.

***Bombi u ajruplani***

Sfortunatament, meta wieħed isemmi l-gwerra, mill-ewwel jiġuh f'moħħu l-bombi u l-ajruplani neżlin. Bejn l-1940 u l-1942 waqgħu sitt ajruplani fl-Imġarr minn madwar 1,000 ajruplan tar-Royal Airforce (RAF), Taljani u Ġermaniżi illi ntilfu waqt il-battalja għal Malta. L-ewwel air raid u bombi illi niżlu f'Malta, kif ukoll fl-Imġarr, kienu l-għada illi Mussolini ħabbar gwerra kontra l-Alleati, jiġifieri fil-11 ta' Ġunju 1940. Fis-6.25 am[5] il-Kappillan Edgar Salomone kien qiegħed iqaddes meta nstemgħu l-ewwel air raid u bombi. Ħafna ħarbu lejn l-Għar ta' Gerbulina lejn il-Ħawlija u oħrajn lejn l-Għar tar-Ragħad. Kien hemm għar ieħor ħdejn Villa Brunswick (għal tliet familji) u żewġ għerien oħra: il-Palma u Ta' Ximmu. Dakinhar kien hemm tmien sinjali ta' attakki mill-ajru, l-aħħar wieħed fis-7.25 pm. B'xorti tajba ma kienx hemm sparar jew bombi fuq l-Imġarr, imma kulħadd ra l-ajrupani għaddejjin. Dakinhar is-Surmast Ġanni A. Cilia u Dun Ġużepp Micallef qabdu r-rota u marru dawra mal-għerien fejn staħbew ħafna familji.

B'mod regolari ħafna mill-bombi illi waqgħu fuq raħalna niżlu fl-għelieqi, fejn b'xorti tajba ma weġġa' ħadd. Fl-air raid tad-29 ta' April 1941 waqgħu żewġ bombi f'għalqa lejn il-Bajja tal-Ġnejna. Waħda splodiet fl-għalqa ta' Joseph Galea Ta' Xaroll u l-oħra f'ta' Anġlu Vella Tal-Ħniena.[6]

Fis-17 ta' Settembru 1940[7] il-pilota Sottotenente Francesco Cavalli[8] kellu jabbanduna l-ajruplan Fiat CR42 illi kien qiegħed isuq wara li dan intlaqat. Is-Sottotenente Cavalli niżel lejn it-Tramuntana ta' Forti Binġemma waqt illi l-ajruplan bin-nar niżel f'għalqa qrib l-Imġarr, ta' Ġużeppi Vassallo Ta' Miju,[9] u sploda. Hekk kif il-pilota mess mal-art ġie milqugħ minn grupp ta' Mġarrin illi rrabjaw kemm felħu miegħu, speċjalment wara li qalilhom illi kien Taljan. Però l-Imġarrin u tal-madwar

---

2 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 24.04.1940.*
3 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 28.04.1940.*
4 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 31.03.1940.*
5 *Deguara, A. 1999.*
6 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 30.04.1941.*
7 *Rodgers, A. 2000. Battle over Malta: Aircraft losses and Crash sites 1940-42*
8 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 17.09.1940.*
9 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 17.09.1941.*

ma weġġgħuhx. Tawh tazza ilma kif kien qalilhom, tefgħuh fuq stretcher u niżżluh fiċ-ċentru tar-raħal, fejn ġie interrogat mis-Servizzi Militari taħt Flight Lieutenant Wyndham Grech. Jidher illi l-ajruplan żviluppawlu xi ħsarat fit-tank taż-żejt, il-pilota beża' u ħalla l-ajruplan għal riħu.

F'każ ieħor, fl-4 ta' Ottubru 1940,[10] madwar tużżana ajruplani Taljani tal-għamla Macchi C.200 għamlu raid fuq in-naħat tal-Imġarr. L-anti-aircraft guns fetħu n-nar fuqhom u rnexxielhom jisparpaljaw l-iskwadra. Wieħed mill-ajruplani, misjuq mit-Tenente Mario Nasoni, spiċċa għereq fil-Bajja tal-Ġnejna iżda nstab aktar tard nofs kilometru 'il bogħod mill-kosta tal-Bajja ta' Fomm ir-Riħ.

Ajruplan ieħor illi mess l-art Imġarrija kien dak misjuq mil-Logutenent Donald Stones, illi niżel bejn Ħal Dragu (San Pawl il-Baħar) u ż-Żebbiegħ. Fis-9 ta' Novembru 1941[11] Stones, pilota mal-Malta Night Fighter Unit, kien wieħed minn dawk illi ġew mgħajta sabiex jinterċettaw l-għadu. Fir-rakkont personali tiegħu jgħid illi l-magna tal-ajruplan waqfet u ma setax jinnaviga fid-dlam tal-lejl. Għalhekk Stones ħalla l-ajruplan tiegħu u niżel b'paraxut f'għalqa bejn ix-xewk. L-ajruplan tiegħu sploda madwar 50 jarda 'l bogħod minnu. L-Imġarrin ħasbu illi l-pilota kien Ġermaniż, hekk kif bdew ixejru l-istikek u l-qasab, iżda hekk kif raw l-uniformi tal-RAF ikkonvinċew ruħhom illi Stones kien wieħed minnhom. Ftit wara l-munizzjon tal-ajruplan, inklużi l-fliexken tal-ossiġnu, beda jisplodi. Il-Maltin beżgħu u ħarbu, u ħadu wkoll il-paraxut ta' Stones.

F'Ġunju tal-1941 f'wieħed mill-attakki niżlu 26 bomba bejn iż-Żebbiegħ u Tas-Salib, bl-iskop illi jinqered il-battaljun stazzjonat f'Tas-Salib, iżda fortunatament ħadd ma weġġa'.[12] L-agħar sena għall-Maltin fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija kienet l-1942, meta f'April biss waqgħu aktar minn 6,700 tunnellata ta' bombi fuq Malta. L-Imġarr ma ħelishiex ukoll, b'air raids wieħed wara l-ieħor billejl u bi nhar. Fl-20 ta' Jannar 1942, 15-il bomba splodew fl-għelieqi f'Binġemma.[13] Jumejn qabel 12-il bomba splodew u kkaġunaw ħsarat fil-wires tat-telefown u b'hekk l-Imġarr spiċċa maqtugħ aktar minn qatt qabel mill-kumplament tal-pajjiż, sakemm dawn ġew irranġati. Kien hemm ħafna aktar ġranet meta l-Imġarr kien il-mira ta' diversi attakki mill-ajru tal-għadu, iżda t-tul tal-artiklu hu dak li hu.

F'attakk f'Lulju 1942 iġġarraf il-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani, fejn l-istess sorijiet kellhom joqogħdu fiċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika. Wara l-attakk Dun Orazju u Dun Ġużepp irnexxielhom joħorġu lil Ġesù Sagramentat minn tieqa żgħira tal-kappella fil-kunvent, bis-saqaf imdendel.[14]

Sfortunatament wieħed mill-agħar attakki illi rat il-lokalità tagħna kien dak ta' jum

---

*10 Rodgers, A. 2000.*

*11 Ibid.*

*12 Farrugia, M. 2017. "L-Imġarr fi Żmien il-Gwerra", Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema tal-Imġarr.*

*13 Air raid 1344 (15.31 – 17.54 hrs), 20/01/1942.*

*14 Deguara, A. 1999.*

il-Ġimgħa l-Kbira tal-1941.[15] Waqgħu xi bombi bejn Triq Fisher u Triq San Pietru, li ħallew tliet persuni mejta u tlieta oħra mweġġgħin. Il-mejta kienu Salvu Vella (60 sena) u t-tifla tiegħu Marija (36 sena), u Giuseppa Borg (48 sena). Magħhom weġġgħu Ġanni Vella (35 sena) Tal-Forn u martu Teresa u Teresa Muscat (40 sena). F'dal-attakk saru ħsarat fid-djar numri 6 u 7 fi Triq San Pietru u twaqqgħu d-djar numri 5, 12, 13 u 14 ta' Triq Fisher. Aktar djar spiċċaw b'xi ħsarat kawża tal-ishrapnel illi ħareġ mill-bombi.

Fl-istess lejl xi bombi niżlu lejn il-Kastell Żammitellu u l-Abbatija, fejn ħadd ma weġġa'. Jidher illi waqgħu xi bombi fl-għelieqi ta' Karmnu Galea Ta' Rambaba u ta' Luqa Bezzina Ta' Żepp. Ir-rapport juri wkoll illi nħarqu ambulanza (numru 299) u xarabank.

Kien hemm ukoll każijiet fejn Imġarrin mietu hekk kif messew xi bombi mhux sploduti u splodew f'idejhom. Carmelo Bezzina ta' 73 mill-Mosta[16] kien qiegħed jaħrat ir-raba' tiegħu f'Ta' Vnejza (il-Mosta) fejn sab anti-personnel bomb u rmieha. Ftit wara Saverio (Saviour) Bugeja t'10 snin mill-Imġarr ġabarha u ħadet in-nar f'idu, u korriet gravi lilu u lil Bezzina. Huma mietu ftit wara fl-Isptar Vincenzo Bugeja. Każ simili ħasad il-ħajja ta' Santu Abela ta' 14-il sena,[17] li flimkien ma' sieħbu Andrew Galea ta' 11-il sena esperimentaw b'bomba b'konsegwenza illi splodiet f'wiċċhom.

F'każ ieħor, bi tmiem aktar pożittiv, Salvatore Said ta' 18 minn Fomm ir-Riħ,[18] waqt illi kien qiegħed jistad fuq id-dgħajsa tiegħu, induna b'mine f'wiċċ il-baħar qrib il-ġebel ta' Ras il-Pellegrin. Suldati mill-Manchester Regiment ġew informati u minesweeper ġie mgħarraf biex ineħħi l-bomba, iżda din ma nstabitx. Aktar tard matul il-ġurnata reġgħet tfaċċat qrib il-post imsemmi imma ma setgħu jagħmlu xejn għax kien beda jidlam. Il-bomba tneħħiet mill-ibħra l-għada filgħodu mill-Ġnejna. Każ simili ġara wkoll lil Piju Bezzina Ta' Bekkuk,[19] illi ra mine fil-Bajja ta' Għajn Tuffieħa lejn l-Irdum tal-Mejjiesa.



*Il-Kappillan Edgar William Salomone*
*Ritratt tal-Passaport tiegħu*
*NAM_MFA01_1506/1935*

### *Il-Ħajja fl-Imġarr*

Flimkien mal-Kappillan Dun Edgar Salomone (1882-1969), persuna oħra strumentali f'raħalna kienet is-Surmast tal-iskola, Ġanni A. Cilia (1904-1999), raġel minn Ħaż-Żebbuġ illi fis-snin disgħin issemmiet l-iskola primarja għalih. Barra li baqa' surmast tal-iskola, f'dal-perjodu kien ukoll il-Protection Officer tal-Imġarr u kien katalist ta' bidla f'komunità illi kienet għadha maqtugħa għaliha.

---

15 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 11.04.1941.*
16 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 16.09.1942.*
17 *Air raid 2992: Supplement 29.09.1942 – Sammut, J. 2024. 1942: Malta on the Brink. BDL Books.*
18 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 09.10.1940.*
19 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 23.04.1941.*

L-Imġarr fis-snin tletin kien maqtugħ sew mill-bqija tal-pajjiż u għalhekk baqa' xi ftit jew wisq lura mill-iżviluppi politiċi u soċjali illi kienu qegħdin isiru fin-naħat tal-Belt Valletta fl-ewwel snin tas-seklu għoxrin. L-Imġarr kien bla tobba u posta, wisq anqas komunikazzjoni tat-toroq, radjijiet jew Redifussion, u l-iskola kienet għadha fil-bidu tagħha. Bit-taħbit ta' Dun Edgar fl-1934 l-Imġarr kiseb l-ewwel tabib distrettwali. Flimkien mal-Aġent Gvernatur Sir Harry Luke, Salomone waqqa' l-griebeġ li kienu jkerrhu d-daħla tar-raħal għall-knisja u rnexxielu jieħu mingħand il-gvern żona magħrufa bħala Jubilee Esplanade (illum Misraħ l-Assunta) għal £200.[20] Mingħand Sir Harry Luke, Salomone u l-Imġarrin kisbu l-ewwel muniċipju ta' Malta, fejn kien hemm l-għassa tal-pulizija, telefown, berġa u dar għat-tabib. Ir-radjijiet baqgħu skarsi tant illi fi żmien il-gwerra kellu biss Dun Ġużepp Micallef, illi kien jittrażmetti aħbarijiet barranin.

Fl-Imġarr, bħal f'kull raħal ieħor fi żmien il-gwerra, il-Gvernatur Bonham-Carter talab lill-kappillan sabiex iwaqqaf kumitat distrettwali biex jieħu ħsieb il-bżonnijiet tar-residenti, pereżempju t-tħaffir tax-xelters u t-tqassim tal-maskri għall-kbar u ż-żgħar.[21] Għan ieħor ta' dan il-kumitat kien li jsib persuni kapaċi bħala voluntiera, imsejħa "air raid wardens", biex jieħdu ħsieb ix-xelters u jagħtu l-ewwel għajnuna lil kull min kien jeħtieġ. Il-kunsill distrettwali tal-Imġarr kien magħmul mill-President il-Kappillan Salomone, illi kien ta sehem attiv fl-Ewwel Gwerra, u għażel lis-Surmast Cilia bħala segretarju u lit-Tabib Frans Pullicino u lil Randu Galea bħala membri. Meta fl-Imġarr waslu l-maskri għall-poplu l-Imġarrin beżgħu. Xħin ra hekk il-Kappillan Salomone kien l-ewwel wieħed illi ppruvaha u daħal bil-karozza biha. Hekk kif it-taħriġ fl-ilbies tal-maskri tal-gass beda jirranka, it-tqassim tal-maskri beda jsir mill-uffiċju tal-Protection Office fil-pjazza filwaqt illi Cilia kien idur fl-irziezet iqassamhom.

Mal-ewwel ftit laqgħat ta' dan il-kunsill ġie maqbul illi l-għerien qrib ir-raħal jitnaddfu u jsiru xelters għan-nies tal-madwar. Fl-Imġarr kien hawn xi kantini li l-ħaddiema tal-gvern biddluhom f'xelters għall-pubbliku billi rifdu x-xorok bit-twavel miżmumin mis-serratizzi f'għamla ta' T.[22] Salomone offra l-kantina tal-knisja, illi kien iħalliha miftuħa, f'każ ta' xi attakk. Tħaffru żewġ xelters fit-truf tar-raħal – lejn il-Kastell Żammitellu u f'Ta' Mrejnu, u kull wieħed kellu t-tabella "Kenn mill-Attakki tal-Ajru". Xi xelters illi tħaffru matul Triq il-Palma (illum Triq Sir Harry Luke) u fi Triq Fisher ingħaqdu ma' xulxin sabiex jakkomodaw aktar nies. Iżda Cilia nduna illi l-Imġarr ma kienx hawn elettriku sabiex tindaqq is-sirena. Għalhekk qabbad lil Pawlu Abela u lil ħuh Wiġi, tnejn mill-voluntiera, biex malli jsiru jafu bit-telefown tal-għassa li kien ingħata air raid warning, jisparaw tliet maskri bil-porvli. Xħin l-attakk jgħaddi kienu jdoqqu l-qanpiena tal-knisja.[23]

Għalkemm ħafna kellhom jinkitbu, ma jfissirx illi kull raġel inkiteb mal-lieva. Dan

---

20 *Camilleri, A. 1997. Mons. Dun Edgar Salomone (1882-1969).*

21 *Deguara, A. 1999.*

22 *Ibid.*

23 *Ibid.*

għaliex is-sistema ma kinitx tħalli bdiewa rreġistrati jabbandunaw l-għelieqi tagħhom sabiex jagħtu servizz militari. Hawnhekk l-amministrazzjoni tal-pajjiż kienet toħroġ ktejjeb lill-bidwi jismu Continuous Service Booklet, illi jagħti permess lil sidu sabiex ikompli jaħdem xogħlu fi żmien il-gwerra. Għaldaqstant ħafna Mġarrin, illi kienu bil-bosta bdiewa, baqgħu jaħdmu r-raba' tagħhom. Min ma kienx bidwi kien jispiċċa bil-lieva jew voluntier. F'Mejju 1941 Karmnu Bezzina Ta' Żepp u Pawlu Galea Ta' Baxxi[24] ġew irrapportati illi ma marrux għax-xogħol bħala trunċiera għal tliet xhur sħaħ.

Hekk kif il-gwerra bdiet tiħrax il-Gvernatur Ġenerali William Dobbie waqqaf l-iSpecial Constables Unit. Fil-pront is-Surmast Cilia talab numru ta' ġuvintur Imġarrin sabiex jingħaqdu fiha; kellhom jilbsu faxxa m'idhom b'"SC" fuqha u ngħataw elmu tal-azzar.[25] Kien hawnhekk illi Cilia sar il-Protection Officer tar-raħal. Dawk illi kellhom senter tal-kaċċa jew kienu jafu jużaw l-armi kellhom jinkitbu fil-Home Defence Force u bdew jissejħu u jitħarrġu bħala voluntieri wkoll. L-għassa kien imexxiha l-Perit Joseph Manduca, refuġjat. Il-black out, jiġifieri t-tifi ta' kull tip ta' dawl jew nar mal-lejl, kien jiġi rregolat b'serjetà kbira, tant illi diversi Mġarrin kienu jirrapportaw lill-ġirien tagħhom meta kienu jixegħlu xi dwal. Karmena Galea ta' 48 sena Tal-Palmier[26] irrapportat lil Lorenzo Galea illi ħalla lil ibnu James ta' disa' snin joħroġ fil-bitħa tagħhom b'fanal illi seta' deher mill-ajru. B'mod simili kienu jiġu rrapportati dawk il-persuni li ma jistkennux waqt xi air raid. Vittorja Zammit Tal-Għarus u Assunta Saliba Ta' Ballok[27] weħlu ċitazzjoni wara li ma stkennewx f'xi post pubbliku jew privat waqt air raid.

B'konsegwenza tal-gwerra f'Mejju 1940[28] parti mill-iskola primarja ttieħdet mill-Militar u twaqqfet bħala sptar immexxi mill-Manchester Regiment. Kamra minnhom ittieħdet bħala decontamination centre għal każijiet urġenti.[29] Għalkemm xi ftit jew wisq maqtugħin mill-bqija tal-pajjiż, il-mard kien jinxtered malajr, speċjalment dak trażmess mill-ilma maħmuġ u ikel mhux sustanzjuż. Skont Mons. Deguara[30] waħda mill-kmamar ta' taħt il-knisja nbidlet fi klinika tal-maternità u tpoġġa wkoll blast wall sabiex jilqa' mill-istorbju tal-bombi. Din kienet biss temporanja, hekk kif infetħet il-klinika fi Triq Fisher. Meta wieħed jagħti ħarsa lejn ir-rapporti tal-pulizija f'dak iż-żmien jinduna illi xi Mġarrin li kienu jaħdmu lil hinn mir-raħal sfortunatament weġġgħu u marru f'dal-isptar żgħir immexxi mill-Medical District Officer Dr F. Pullicino. F'wieħed mill-każijiet Pawlu Vassallo Tal-Vaxxell,[31] ħaddiem Imġarri f'St Andrew's, waqa' u weġġa' idu l-leminija. Pullicino rah, dewwieh u tah ċertifikat. Ġanni Schembri ta' 24 sena, minn Ta' Fattar,[32] kien qiegħed jaħdem it-Tarzna meta sfortunatament ittajjar minn karozza.

---

24 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 20.05.1941.*

25 *Deguara, A. 1999.*

26 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 01.04.1941.*

27 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 07.03.1941.*

28 *Ebejer, P. 2021. A Study in Local History since 1800: Mġarr.*

29 *Deguara, A. 1999.*

30 *Ibid.*

31 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 31.05.1940.*

32 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 07.04.1940.*

Iżda kien ġara każ partikolari immens fir-raħal tagħna illi ftit li xejn nafu fuqu llum il-ġurnata. Fl-24 ta' Frar 1942,[33] hekk kif Dun Ġużepp Micallef, ta' 26 sena mill-Imġarr, ħareġ mir-residenza tiegħu, sab xeba' ċraret imgeżwrin quddiem il-bieb tiegħu. Irriżulta illi kienet tarbija, tifel. Dr F. Pullicino eżamina t-tarbija u ma sab l-ebda sinjal ta' vjolenza fuqha. It-tarbija ngħatat lil Margherita Abela mill-Imġarr, il-qabla tar-raħal. Qbiela minn madwar Malta ġew interrogati biex jaraw jekk xi ħadd minnhom attendiex għal xi ħlas, iżda ħadd ma kien jaf b'dan il-każ. L-omm tat-tarbija, Pawla Borg ta' 24 sena minn Binġemma,[34] instabet ftit wara.

Peress illi l-iskola ngħalqet l-istudenti baqgħu jieħdu l-edukazzjoni tagħhom tliet darbiet fil-ġimgħa iżda ċċaqalqu lejn klassijiet taħt il-knisja parrokkjali (illi kienet qiegħda tinbena), fil-bini taċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika u fil-Kastell Żammitellu – sistema illi baqgħet sentejn sħaħ.[35] Apparti minn hekk, is-Sorijiet Franġiskani bdew jidħlu minflok għalliema matul il-gwerra, speċjalment għat-tfal iż-żgħar (tal-Kindergarten), xi ħaġa illi baqgħet sas-snin disgħin. Bejn l-1940 u l-1941 ħafna tfal tar-refuġjati ġew irreġistrati mal-iskola tal-Imġarr sabiex l-edukazzjoni tagħhom ma tiġix interrotta.[36] Mill-banda l-oħra studenti illi kienu ġejjin minn postijiet imbiegħda, bħas-Santi, Binġemma, iż-Żebbiegħ u l-Iskorvit, telqu mill-iskola, għaliex il-vjaġġ bejn dawn iż-żoni u ċ-ċentru tar-raħal spiċċa ftit jew wisq perikoluż.

Qabel ma faqqgħet il-gwerra fl-Imġarr kienet qiegħda tinbena l-knisja parrokkjali, illi tant hi għażiża għall-Imġarrin. Iżda bil-ħbit tal-għadu l-proġett kellu jieqaf. Madankollu Dun Edgar baqa' jfaddal ħalli malli jkun possibbli jitkompla x-xogħol. Xi benefatturi nstabu minn fost ir-refuġjati, bħas-Sur Alex Portanier, illi ħallas għal żewġ irħamiet kommemorattivi, il-familja Debono, li offriet sett tal-ħaġar prezzjuż għall-isfera tas-Sagrament, u Rosa, oħt il-kappillan, li offriet ħaġra prezzjuża għall-istess sfera. Salomone offra r-rużetta tiegħu tad-djamanti għall-isfera wkoll.[37] It-timpanu tal-mużajk illi juri t-tlugħ



*Waqt il-bini tal-knisja parrokkjali*

33 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 24.02.1942.*
34 *NAM. Pol Occ Mosta HQ, 24.02.1941.*
35 *Farrugia, M. 2017.*
36 *Ebejer, P. 2021.*
37 *Deguara, A. 1999.*

ta' Ommna Marija, xogħol Guido Reni, illum fil-fontispizju tal-faċċata tal-knisja, ġie rregalat minn Salomone stess u baqa' miżmum f'kuritur fil-knisja fil-perjodu tal-gwerra.

Qabel il-gwerra Dun Ġużepp Micallef, flimkien ma' Dun Orazju, beda jorganizza xi lezzjonijiet tal-mużika għal min xtaq jitgħallem strument u jsir parti mill-orkestra u l-kor tar-raħal. Dawn il-lezzjonijiet kienu jsiru fiċ-Ċirkolu tal-Azzjoni Kattolika, fejn ħafna mużiċisti kienu wkoll membri ta' din l-għaqda. Kienu jġibu b'xi vann lis-Surmast Anthony Azzopardi minn Ħal Lija għal-lezzjonijiet u jwassluh lura meta jispiċċaw. Fil-bidu kien hemm Carmelo Caruana (vjolinċell u kitarra), Salvu Galea u Pawlu Deguara (vjolin), Santu Abela (klarinett), Xandru Muscat (flawt), Piju Vella (saxophone) u ħuh Franġisku (klarinett). Meta bdiet il-gwerra l-lezzjonijiet kienu jsiru fis-sagristija u stiednu lil Salvu Mifsud mill-Mosta biex idoqq il-kuntrabaxx. F'dal-perjodu ngħaqdu wkoll xi refuġjati, bħal Ġilardu Attard minn Ħaż-Żabbar bil-klarinett, Fredu Urpani, Żabbari, bis-saxophone, Mary Dimech minn Tas-Sliema bil-vjolin u Salvinu Aquilina mill-Imsida bil-vjolin.

Mill-banda l-oħra l-kor ta' Dun Ġużepp kien jikkonsisti minn tfal abbatini u żgħażagħ ġuvintur taċ-Ċirkolu, bħal Ġużepp Muscat u Ġakbu Vella. Ingħaqdu magħhom ir-refuġjati u Dun Orazju bħala baritonu. L-orkestra daqqet l-ewwel darba fil-festa tal-1940, meta mexxew ukoll l-Għasar fuq il-mużika tal-ewwel surmast, Mro Anthony Azzopardi. Għall-Milied organizzaw programm fuq iz-zuntier, bil-bibien tal-knisja bil-blast walls tal-gwerra. Flimkien mal-kant u l-mużika kienu saru xi reċti mit-tfal tal-iskola, immexxija minn Cilia. Ftit wara Ġanni Zammit, is-sagristan tar-raħal miġjub mill-Mosta, tgħallem l-orgni u kien jieħu ħsieb il-kunċert tal-kant ħalli Dun Ġużepp jgħallem lill-orkestra. Wara l-gwerra baqgħu jieħdu sehem fil-festi kollha biex iżommu l-moral għoli tan-nies.


*Il-grupp tal-kor mal-orkestra flimkien ma' Dun Orazju waqt ikla għand il-kappillan (Deguara, A. (1999))*

Kif ġa ngħad qabel, ir-Redifussion u r-radjijiet fl-Imġarr kienu skarsi. Għalhekk is-Sur George Zarb tal-Information Office talab lill-kappillan jissuġġerilu lil xi ħadd li jkun jista' jaqra l-aħbarijiet tal-gwerra lill-poplu. Hu ssuġġerixxa lil Alwiġi Deguara, ta' 12-il sena (li wara sar monsinjur). Dan is-servizz kien qiegħed jingħata wkoll il-Mellieħa, Ħal Għargħur, iż-Żurrieq, il-Qrendi u Ħal Kirkop. Wara l-funzjoni tal-knisja tal-Ħadd filgħaxija t-tifel kien jaqra l-aħbarijiet mill-parapett tal-Protection Office, u f'każ ta' maltemp, bejn il-kolonni tal-knisja biex in-nies jibqgħu miġburin. Kien ikollu mapep tal-gwerra u kien jimmarka bil-bandieri żgħar fejn kienu jinsabu

l-armi tal-Alleati jew tal-Assi.[38]

Madankollu l-ħajja kompliet u xi Mġarrin sabu xogħol fi rħula lil hinn, anke fit-Tarzna u fit-tħaffir tax-xelters f'lokalitajiet oħra. Peress illi l-vera ftit kellhom il-karozza privata tagħhom, ħafna kienu jirkbu tal-linja. Iżda l-Imġarr kienet tiġi karozza tal-linja fis-5.45 am u fit-8.30 am biss. Dawn kienu jieqfu b'mod frekwenti u b'hekk il-passiġġiera kien ikollhom jimbuttaw. Oħrajn kienu jispiċċaw imdendlin peress illi l-karozza tal-linja kienet tkun mimlija aktar minn bajda.[39] F'każ partikolari Alexander Portanier[40] irrapporta kif waqt illi kien qiegħed jistenna Birkirkara għal tal-linja ta' Għajn Tuffieħa għamel sinjal lix-xufier, Lawrence Xuereb mill-Mellieħa, biex jieqaf. Iżda Xuereb qabad u ħalla lil Portanier Birkirkara. Kien hawn żewġ Imġarrin illi kienu jaħdmu mal-Militar u kienu jwasslu lil xi erbgħa fuq it-trakkijiet tagħhom huma u neżlin lejn Ħal Luqa. Dak li jkun kien jarma b'rota sabiex jaqdef sal-Mosta mbagħad jaqbad tal-linja minn hemmhekk. F'każ partikolari Piju Camilleri t'20 sena minn Tal-Aħmar (miż-Żebbiegħ)[41] irrapporta illi xi ħadd għamel ħsara konsiderevoli fuq ir-rota tiegħu sakemm dan mar sal-knisja tal-Imġarr. Hu ma kellux suspetti min seta' kien.

F'inċident ieħor irrapportat fir-rapporti tal-pulizija nsibu kif Ġanni Calleja Ta' Gejtu[42] ntlaqat minn Karmnu Vassallo Ta' Miju waqt illi dan tal-aħħar kien qiegħed isuq ir-rota, ma daqqx il-qanpiena u tkellem kliem pastaż. Fil-21 ta' April 1940 kien hawn inċident ikrah tat-traffiku fl-Imġarr illi sewa l-ħajja tal-Gunner numru 4915 Carmel Deguara Tal-Biebru. Waqt illi kien qiegħed isuq il-mutur Deguara u l-passiġġier tiegħu, Piju Gauci Tal-Qaħ, ġew milquta minn karozza numru 3267 misjuqa minn Emmanuele Mizzi mill-Imsida. Mizzi ddeċieda illi jieħu shortcut fil-kantuniera bil-konsegwenza illi ħabat f'Deguara u Gauci. Deguara miet mal-impatt filwaqt illi Gauci nbeżaq fl-ajru u fortunatament kellu biss ftit grif ma' rkopptu.

### *L-ikel u l-Victory Kitchens fl-Imġarr*

Fil-bidu tal-gwerra, sewwasew fis-16 ta' Ġunju 1940, Dun Orazju Vella waqqaf kumitat żgħir, Pro Pauperibus, u beda jiġbor il-fondi għall-għajnuna tal-foqra. Bżonnijiet oħra kien jaħseb għalihom Cilia bħala protection officer mill-uffiċċju tiegħu fil-pjazza. Sab l-għajnuna ta' Philip Preziosi, Joseph u Salvinu Aquilina mill-Imsida.[43]



*Dun Orazju Vella*
*Ritratt tal-Passaport tiegħu*
*NAM_MFA01 61497/1950*

---

38 *Deguara, A. 1999.*
39 *Ibid.*
40 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 05.12.1940.*
41 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 04.01.1940.*
42 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 30.11.1941.*
43 *Deguara, A. 1999.*

Il-bdiewa Mġarrin kienu jkabbru l-aktar il-qamħ, kif kien wara kollox issuġġerit mill-awtoritajiet Maltin f'dal-perjodu. F'raħalna kien hawn xi mtieħen tal-qamħ, illi kellhom jiġu liċenzjati u rregolati mill-awtoritajiet, speċjalment fi żmien il-gwerra meta kważi kollox ikun ta' kulħadd. Nhar l-4 ta' Settembru 1942[44] fis-1.15 am il-Kaptan E. A. Wairsh innotta illi l-mitħna tal-qamħ fiż-Żebbiegħ kienet qiegħda tintuża. Il-Pulizija għamlet tfittxija fil-post, fejn sabet il-qamħ qiegħed jintaħan għad-dqiq. 14-il xkora dqiq, 3 xkejjer pollard u 43 xkora qamħ ġew ikkonfiskati. It-taħħan kien arrestat għal xahrejn. Dan ma kienx każ uniku, hekk kif bosta Mġarrin kienu jmorru jitħnu l-qamħ lejn Tas-Salib jew f'din l-imsemmija fiż-Żebbiegħ. Iżda b'xorti tajba l-Kappillan Salomone kien jirnexxilu jeħles lill-membri tar-raħal minn xi ċitazzjoni jew sentenza iebsa ta' ħabs.

Il-Victory Kitchen fl-Imġarr kienet f'remissa fi Triq Barbara, u minn Ġunju 1942 kienu jieħdu ħsiebha s-sorijiet Franġiskani. B'kollox dil-kċina kienet tipprepara l-ikel għal 500 persuna, b'menù ta' ikel iffissat mill-Uffiċċju Ċentrali. L-ikel kien dak li kien, iżda bil-qalb kbira tal-Imġarrin kulħadd kien jaqsam ma' dak li ma kellux, speċjalment prodotti agrikoli.

Matul il-gwerra diversi pulizija kienu jagħmlu r-rondi fuq il-ħwienet, kemm ħabba l-prezzijiet iżda biex ukoll jaraw illi ma kienx qiegħed ikun hemm lok għal xi logħob tal-azzard. F'waħda mill-ewwel spezzjonijiet l-Ispettur Bonello u PC 382 Bartolo[45] ressqu diversi sidien ta' ħwienet l-għassa wara li nqabdu b'minuri fil-ħwienet tax-xorb tagħhom u talli kien hemm xi logħob tal-azzard. Is-sidien kienu Karmnu Sammut Tal-Barri, Mikiel Mifsud Tat-Trilla, Ġanni Muscat Ta' Grezzju, Pawlu Abela Ta' Żuba, Ġużeppi Caruana Ta' Bisognin, Pawlu Bugeja Ta' Borġu u Karmnu Calleja Ta' Neifa minn Binġemma. Dan tal-aħħar tressaq ukoll wara li xi pulizija kienu jmorru fil-ħanut tiegħu jixorbu u jilagħbu. Matul is-snin tal-gwerra kienu saru ħafna aktar spezzjonijiet ta' dix-xorta, imma dejjem sabu ordni u kooperazzjoni mis-sidien. Kien hemm inċidenti separati fejn xi sidien tal-ħwienet reġgħu spiċċaw l-għassa, bħalma ġralu Karmnu Sammut Tal-Barri, li fit-30 ta' Jannar 1941[46] serva xi birra lil xi suldati meta l-ħanut tiegħu ma kienx liċenzjat għal dawn l-affarijiet.

### *Serq f'mumenti ta' għaks u ġuħ*

Is-serq kien, huwa u jibqa' preżenti f'ħajjitna. Sfortunatament f'perjodu bħal dan, meta l-familji huma kbar iżda l-ikel huwa ftit, il-prezzijiet ikunu m'ogħla s-smewwiet, u f'mumenti ta' disperazzjoni wieħed jispiċċa jisraq. Spiru Bezzina rrapporta fis-27 ta' Ġunju 1941[47] illi meta rritorna lura d-dar induna illi xi persuna jew persuni mhux identifikati kienu żgassaw il-bieb tal-bitħa u serqu mill-kexxun tal-gwardarobba £18 u ħafna ġojjellerija. Ħadu wkoll 12-il sapuna tal-ħasil, ratal kafè u 25 ratal zokkor. It-tfittxijiet mill-pulizija u l-inkjesta mill-Maġistrat Vella rriżultaw fin-negattiv. Tliet xhur wara Dun Ġwann Micallef mar id-dar ta' Bezzina bid-deheb illi nsteraq u £10 mill-flus misruqa.

---

*44 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 04.09.1942.*
*45 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 11.01.1941.*
*46 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 30.01.1941.*
*47 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 20.08.1942.*

Fl-okkorrenzi tal-Pulizija nsibu diversi każijiet fejn xi persuni ngħataw xi servizzi u ndunaw illi ġew misruqa. Carmelo Borg ta' 30 sena[48] rrapporta illi mastrudaxxa mill-Imġarr talbu għoli għal tebut bla ornamenti – talbu £4.15. Borg stqarr illi għall-istess tebut intalab £2 minn deffiena f'Ħal Lija. F'rapport ieħor Pawlu Bugeja Ta' Fixxu[49] xtara l-ħobż mingħand Karmnu Zerafa Tal-Galletti mill-Mellieħa, li talbu ħafna flus filwaqt illi ma kienx liċenzjat sabiex ibigħ. Separatament Vincent Abela Ta' Feliċjan[50] irrapporta kif Ġużeppi Mifsud Ta' Bożnin miż-Żejtun talbu £1.10 għal vjaġġ minn Ħaż-Żabbar għall-Imġarr bi tliet passiġġieri u żewġ balal ċarruta.

F'raħal agrikolu bħall-Imġarr materjal bħall-ixkora jiswa mitqlu deheb, speċjalment f'perjodu meta kollox kien skars. Il-Logutenent J. Booth tal-Manchester Regiment[51] kien qiegħed jispezzjona l-military post fi Triq iż-Żebbiegħ u nduna illi 8 xkejjer mimlija ħamrija kienu nsterqu. 15-il xkora oħra, li jiswew madwar -/5 l-waħda, sparixxew mill-post tad-difiża fil-Ġnejna. F'każ separat Marianna Vella Tal-Laflafett[52] irrapportat kif nhar it-23 ta' Diċembru 1940, għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija, xi persuni mhux magħrufa daħlu fir-razzett tagħha f'Binġemma u ħadu magħhom erba' tiġiġiet kollha b'kuluri differenti.

Każ interessanti ieħor huwa dak tal-Kaptan P.G. Kent, li f'Lulju tal-1940[53] iddeċieda illi jieqaf ftit mill-attakki u jgawdi l-Bajja tal-Ġnejna. Ħalla ħwejġu fuq il-bajja u niżel jgħum, iżda kif tela' nduna illi spiċċa ta' fuqu senduqu.

Fis-7 ta' Diċembru 1941 il-Kappillan Dun Edgar Salomone informa lill-pulizija illi xi suldati mhux magħrufa vvandalizzaw niċċa żgħira inti u dieħel lejn l-Imġarr. Ftit taż-żmien wara r-Rev. Salvatore Sammut tal-Mosta wkoll irrapporta illi serqu l-kaxxa tal-flus taħt niċċa u serqu madwar £2.

### *Refuġjati f'raħalna*

Ħafna Maltin, speċjalment dawk illi kienu joqogħdu lejn in-naħat tal-portijiet u n-Nofsinhar ta' Malta, kellhom jemigraw lejn it-Tramuntana tal-pajjiż sabiex jeħilsuha mill-attakki. Kellhom iġorru dak kollu li setgħu u jibnu ħajja ġdida, iżda temporanja, qalb il-kampanja illi joffru dawn il-partijiet ta' gżiritna. Madwar 700 individwu sab ir-refuġju fl-Imġarr, ħafna minnhom minn Ħaż-Żabbar, Tas-Sliema, il-Ħamrun u l-Mosta.[54] Dawn kienu jiġu rreġistrati mill-Air Raid Precaution Committee.[55]

Filwaqt illi għall-bidu ħafna refuġjati kienu joqogħdu ma' familji Mġarrin, mas-sorijiet jew mal-kappillan, oħrajn raw l-Imġarr bħala d-dar tagħhom u b'hekk bdew jaħsbu sabiex jibnu futur hawnhekk, lil hinn mill-gwerra. Iżda mhux kollox kien

---

*48 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 20.08.1942.*
*49 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 06.05.1941.*
*50 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 25.01.1941.*
*51 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 27.08.1940.*
*52 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 08.01.1941.*
*53 NAM. Pol Occ Mosta HQ. 02.07.1940.*
*54 Cilia, Ġ. 1998. L-Imġarr Matul iż-Żminijiet; X'Naf u x'Niftakar Dwaru. Colour Image, l-Imġarr.*
*55 Farrugia, M. 2017.*

dejjem ward u żahar. Carmelo Fenech Cefai[56] ta' 50 sena minn Birkirkara nduna illi b'maltempata kienet waqgħet parti mill-faċċata tad-dar tiegħu fi Triq il-Kbira, illi kienet għadha qiegħda tinbena. Fortunatament ħadd ma weġġa' hekk kif lavrant, Luigi Sacco ta' 60 sena minn Birkirkara wkoll, irnexxielu jaħrab mill-post.

Bosta refuġjati, kif jidher matul dan l-artiklu, taw kontribut siewi fil-komunità Mġarrija f'dan iż-żmien iebes. L-aktar illi kienu jidhru fiċ-ċar huma dawk il-mużiċisti u kantanti illi ngħaqdu mal-Imġarrin fl-orkestra u l-kor sabiex iferrħu u jgħollu l-moral tal-komunità illi kienu jgħixu fiha. Sabiex jgħin fil-provvista tal-ilma nadif id-Dipartiment tas-Saħħa ħatar lil Tonio Debattista, żagħżugħ minn Tas-Sliema u Sależjan sekulari, bħala l-Ispettur Sanitarju tal-Imġarr.[57]

Refuġjati oħra komplew bin-negozju tagħhom f'raħalna. Ċikku Attard minn Ħaż-Żabbar fetaħ negozju ta' ironmongery f'remissa fi Triq il-Kbira. Refuġjat ieħor rama ta' landier u Karmenu Abela kien jirranġa xi mwejjed u siġġijiet.

### *Il-George Cross fl-Imġarr*

Fil-25 ta' Ottubru 1942 il-George Cross wasal fl-Imġarr biex jintwera lill-Imġarrin bħala ringrazzjament tal-qlubija u s-sehem tagħhom fil-gwerra. Iċ-ċerimonja saret fuq iz-zuntier, fejn kien preżenti s-Supretendent J. Xuereb, akkompanjat mill-banda tal-Militar (KOMR), li daqqet l-innu nazzjonali fost il-kant tat-tfal tal-iskola taħt il-gwida tas-Surmast Cilia.[58]

### *Konklużjoni*

Fit-8 ta' Mejju 1943 il-qniepen daqqew mill-ġdid għall-ewwel darba mill-bidu tal-gwerra, b'mota ferrieħa għar-rebħa fuq l-għadu fl-Afrika. Fl-Imġarr kienet qiegħda ssir il-quddiesa bis-supplika tal-Madonna ta' Pompei fil-knisja mżejna bil-kwadru tal-Madonna u ward mal-presbiterju meta l-Kappillan Salomone, kollu entużjażmu, ta din l-aħbar lin-nies li kienu miġburin fil-knisja u kulħadd irringrazzja lill-Madonna.

Matul l-aħħar jiem ta' Ġunju u l-bidu ta' Lulju l-Imġarr ra ħafna mill-qawwiet Alleati miġburin fuq iz-zuntier, fit-toroq u fl-għelieqi bl-armamenti Amerikani, lesti għal invażjoni fl-Afrika. Għall-4 ta' Lulju, festa tal-Qalb ta' Ġesù, Salomone talab 'l-Amerikani jirtiraw l-armamenti, kif għamlu, u bħala ringrazzjament stedinhom għall-funzjonijiet kollha li kienu qegħdin isiru fir-raħal. Fil-11 ta' Lulju l-forzi Alleati telqu l-armamenti kollha mill-Imġarr u bdiet l-invażjoni ta' Sqallija.

Fix-xahar ta' wara, fit-22 ta' Awwissu, ġiet iċċelebrata l-festa għażiża ta' Santa Marija, fejn intrama kollox malajr, inkluża l-knisja, illi kienet għadha mhux lesta kompletament, u l-istatwa ta' Santa Marija reġgħet żejnet il-pjazza u t-toroq tar-raħal, kif wara kollox se terġa' tagħmel fit-18 ta' Awwissu ta' din is-sena.

---

56 *NAM. Pol Occ Mosta HQ. 15.06.1941.*

57 *Deguara, A. 1999.*

58 *Deguara, A. 1999.*

# 50 Sena Ilu Qaddist l-Ewwel Quddiesa ż-Żebbiegħ

Mons. Kalċidon Vassallo

Kien f'Awwissu tal-1973 meta l-Arċisqof Mons. Mikiel Gonzi bagħatni kappillan l-Imġarr.

Waħda mill-ewwel tgergiriet li smajt kienet li r-residenti taż-Żebbiegħ xtaqu li jkollhom quddiesa. Kappella ma kienx hemm, u allura bdejt infittex fejn stajt insib xi garaxx imdaqqas biex inqaddes quddiesa mqar darba fil-ġimgħa.

Wara li fittixt u staqsejt sibt il-garaxx ta' Ġanni Muscat, illum mejjet – l-armla tiegħu Ġużeppa għadha ħajja – u fit-28 ta' Jannar 1974 qaddist l-ewwel quddiesa fiz-zona taż-Żebbiegħ. Kienet ġurnata ta' ferħ kbir għaż-Żebbigħin.

Pass wara pass iz-zona taż-Żebbiegħ żviluppat u llum tgawdi knisja sabiħa u kkurata bi mħabba kbira mir-Rettur Fr Jimmy Bonnici.



*Mons. Kalċidon Vassallo waqt il-quddiesa tat-tieni pussess tiegħu fl-Imġarr*



*Il-garaxx li fih Mons. Kalċidon Vassallo qaddes l-ewwel quddiesa fiż-Żebbiegħ fit-28 ta' Jannar 1974*




*Il-lapida li twaħħlet mal-faċċata tal-garaxx biex tfakkar il-post li fih saret l-ewwel quddiesa fiż-Żebbiegħ*

# Servizzi Mużikali mis-Soċjetà Filarmonika Marija Mtellgħa s-Sema, l-Imġarr A.D. 2011, Sena 2024

| Data | Attività | Lokal |
|---|---|---|
| 6 ta' Jannar | Programm tal-Epifanija | L-Imġarr |
| 4 ta' Frar | Programm Mużikali Ġieħ l-Imġarr | L-Imġarr |
| 21 ta' Lulju | Festa ta' San Ġużepp | Il-Kalkara |
| 28 ta' Lulju | Festa ta' Santa Venera | Santa Venera |
| 7 t'Awwissu | Festa tat-tfal | |
| | Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 16 t'Awwissu | Dimostrazzjoni bl-istatwa ta' Santa Marija Assunta | |
| | Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 17 t'Awwissu | Programm vokali u strumentali | |
| | Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |
| 18 t'Awwissu | Purċissjoni – Festa ta' Santa Marija | L-Imġarr |


PROGRAMM TAN NAR
FESTA 2024
SOCJETA' SPETTAKLU
Marija Assunta
Mġarr
L-Erbgħa 14 t'Awwissu, 2024
8:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
12:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
19.30 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
Il-Ħamis 15 t'Awwissu, 2024
8:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
12:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
19.30 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
Il-Ġimgħa 16 t'Awwissu, 2024
8:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
12:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
19.30 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
22.00 - Ħruq ta' Bomba, Murtali tal-Beraq, Murtali bil-Kulur, Ballen, Sfejjer u Kaxxa Infernali.
Is-Sibt 17 t'Awwissu, 2024
8:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
12:00 - Ħruq ta' Bomba u Murtaletti
18:45 - Waqt it-Tranzulazjoni jinħaraq Salut, Kaxxa Infernali, u Sett Murtali bil- logħob
21:45 - Bomba, Diversi tipi ta Murtaletti, Murtali tal-Kulur, Ballen, Sfejjer, Show piromuzikali u jingħalaq kollox b' kaxxa infernali.
23.15 - Logħob tan-Nar ta' l-art
Soċjetà Spettaklu Marija Assunta Mġarr




**Birkirkara** T: (+356) 2149 6235 | **Gżira** T: (+356) 2134 5123 | **Mellieħa** T: (+356) 2152 3672
**Mosta** T: (+356) 2713 5297 | **Paola** T: (+356) 2166 2815 | **Rabat** T: (+356) 2145 5523 | **Sliema** T: (+356) 2134 2211
**Qormi** T: (+356) 2148 7118 | **Mrieħel** T: (+356) 2778 8277 | **Valletta** T: (+356) 2123 2666

GASANMAMO INSURANCE LIMITED IS AUTHORISED UNDER THE INSURANCE BUSINESS ACT AND REGULATED BY THE MFSA | GASANMAMO.COM

# Sejħa għar-Reffiegħa




**Jekk tixtieq terfa' fl-istatwa ta' Santa Marija waqt il-marċ tal-Ġimgħa 16/8/2024 uri l-interess tiegħek billi tikkuntattjana fuq Whatsapp bin-numru 79674678 jew billi tibgħat email lil mgarrband2011@gmail.com.**











24HR EMERGENCY SERVICES

MV

Electrical & Plumbing
Installations Ltd.

1 Ta' Zeppu Flats,
Triq Santa Marija, Mgarr MGR 1529
CALL 99475356 / 99450972
EMAIL info@mvmalta.com

FIND US ON FACEBOOK
MV Electrical & Plumbing Installations



# The Store for all your needs

**Electrical, Plumbing, Building Materials, DIY, Lighting, Sanitary, Paints ... & more.**

# MV Hardware

176, Triq Sir Harry Luke,
L-Imġarr.

**CALL** 2157 5397
7977 0282

**FIND US ON FACEBOOK**
MV Hardware



# We've got you covered on all fronts




**Check out our range of insurance products**

## Melanie Bezzina

Tied Insurance Intermediary for Citadel Insurance p.l.c.

Ciapella Enterprises, Triq Fisher, Mġarr, MĠR 9050

99834083

mbezzina3@gmail.com

Mon-Fri: 9am-12pm; 4pm-6pm

Motor • Home • Travel
Marine • Health • Business

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised under the Insurance Business Act Cap 403 to carry on general and long term business of insurance and Melanie Bezzina is enrolled under the Insurance Distribution Act, Cap 487, to carry out tied insurance intermediary activities for Citadel Insurance p.l.c. Both are regulated by the Malta Financial Services Authority.

Citadel insurance




**At Malta's largest Land Rover vehicles only workshop, we will be pleased to assist you with any of the following:**
**Mechanical servicing, repairs and total rebuilds. Computer systems diagnostics and electronic faults clearing. Accident damage repairs, spray painting, and complete restorations. Very reasonable hourly rates and warranty on the repairs. Stockists/vehicles spare parts and accessories.**

**We represent the following brands:**
ALLMAKES 4X4 • ASHCROFT TRANSMISSIONS • ARB AIR LOCKER • BEARMACH PLC • BF GOODRICH TYRES • BRITPART • DETROIT LOCKER • EQUIPE • EXMOOR TRIM • GENERAL TYRES • GOODRIDGE • HI-LIFT • K&N PERFORMANCE FILTERS • MACH 5 WHEELS • MANTEC • MUD STUFF • PRO COMP • RING AUTOMOTIVE • SAFARI • SILVERSTONE TYRES • T-MAX MAXIMUM OFF-ROAD RECOVERY • TERRAFIRMA • TIBUS OFFROAD ENGINEERING • WARN

Ta' Hagrat Street – Mgarr MST 10. Tel: **2157 4615 / 2157 2504** Email: **adrian@ciapella.com**
Mosta Road – Lija LJA 9012. Tel: **2141 4441** Fax: **2141 6837** Email: **info@ciapella.com**

MĠARR
United
Bar & Restaurant
Since 1995

# MĠARR UNITED BAR & RESTAURANT

Triq il-Magħkuba, Mġarr
(close to Football Ground )

**T: 2157 4630 M: 7905 0283**



BOTTEGA
FRAWLI
FORMAGGI & SALUMI
ENOTECA
Salumeria
FOCACCE
VINI E TAGLIERI

2, Triq Dun Edgar
Mgarr - Malta

Booking on our Website!
bottegafrawlimalta.com

99656729

Bottega Frawli @bottegafrawli




VASSALLO IAN
IL-ĦAĠI

MEMBRU PARLAMENTARI - 7 DISTRETT
PODJATRA (SPEĊJALIST FIL-KURA TAS-SIEQ)

AWGURI
GĦALL- FESTA



**KUNTATT:** 79306420 | VASSALLOIAN@YAHOO.COM
**UFFIĊĊJU:** HAGI, 68, TRIQ SAN TROFIMU RABAT MALTA (B'APPUNTAMENT)




**Il-Festa t-Tajba**

lill-Imġarrin kollha!

**IAN BORG**

follow

+356 9977 7666

contact@ianborg.eu

# Għall-irħas xirja...

PAVI
SHOPPING COMPLEX
QORMI

PAMA
SHOPPING VILLAGE
MOSTA

SUPER PRICES
EVERYDAY

*Kulħadd jaf!*

PAVIPAMA.COM.MT


ŻGHIR B'QALB KBIRA
Viva Santa Marija
Is-Sindku s-Sur Paul Vella u l-familja jixtiequ
jawguraw il-Festa t-Tajba lill-Imġarrin kollha



Nawgura il-festa t-tajba lill-Imġarrin kollha.
MĠARR
Kunsilliera Odette Muscat
+35699832730
odettemuscat74@gmail.com




Wistin Vella
Viċi Sindku – Kunsill Lokali Mġarr
Il-Festa t-Tajba lil Kulhadd
Viva Santa Marija!
Mob: 79405148

Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lill-Mġarrin kollha

*Owen Galea*

Kunsillier Lokali

@owengalea

79280876






BOMMER
CONTRACTORS
TRENCHING
ROAD CONSTRUCTION
PLANT HIRE
CONCRETE SUPPLIES
ROCK CUTTING
RAMEL U ŻRAR
9943 4977
stephenbommer@gmail.com



# Marble, Granite, Quartz & Travertine

**Kitchen Tops, Staircases, Flooring, Pool Coping, Fireplaces & Cladding**

---

www.desanamarbles.com +356 2146 1350 | 9946 7776 info@desanamarbles.com

DESANA
MARBLES

# Aquarius Rent a Car Ltd.

117, St.Paul's Street, St. Paul's Bay SPB 3413, Malta

Tel:+356 2157 1186 / 2157 5736 Fax: +356 2158 1503

Email: info@aquariusrentacar.com

Web:www.aquariusrentacar.com

Vat Reg. No: MT 1065-9713 Com. Reg. No. C37927



# Żewġ Antifoni Marjani lill-Madonna fil-Ktieb tat-Talb għall-Aħwa Minuri Kapuċċini Maltin

**Patri Mario Attard OFM Cap**

Fil-*Ktieb tat-Talb g*ħall-*Aħwa Minuri Kapuċċini tal-Provinċja ta' Malta*, li l-provinċja Maltija ħarġet fl-2015, eżattament fir-raba' taqsima tiegħu, li għandha bħala titlu *Talb lill-Madonna*, wieħed jiltaqa' ma' seba' antifoni ddedikati lil Ommna Marija. Personalment nixtieq nitħaddet magħkom fuq it-tieni u t-tielet waħda, jiġifieri l-*Alma Redemptoris Mater* u l-*Ave Regina caelorum*.

Il-kelma "antifona" ġejja mill-kelma Griega "*antiphonon*", li tfisser kant min-naħa l-oħra, ħoss li qed iwieġeb, ħoss bil-kontra, kant alternat. B'antifona wieħed jifhem vers jew aktar minn salmi jew sentenzi mill-Kelma ta' Alla li huma kantati jew sempliċiment reċitati qabel u wara kull salm u tal-kantiku tal-*Magnificat* matul it-*Talb ta' Sbieħ il-Jum* u *It-Talba tal-Għasar*. Il-vers li jservi bħala t-test tal-antifona jħaddan il-ħsieb fundamentali tas-salm li jkun se jitkanta u anki juri l-ħsieb li minnu wieħed għandu jifhmu. Fi kliem ieħor l-antifona hi ċ-ċavetta għat-tifsira liturġika u mistika tas-salm b'rabta mal-festa li fiha jseħħ. F'sens wiesa' l-isem "antifona" kien applikat ukoll għall-introjtu, għall-offertorju u għat-tqarbin tal-quddiesa fil-Knisja tal-bidu.

Tajjeb ngħidu li f'dawn il-ħsibijiet m'aħniex se nitħaddtu fuq dawn it-tipi ta' antifoni marbuta mal-Liturġija tas-Sigħat, imma se nitħaddtu biss dwar l-antifoni tal-Imqaddsa Verġni Marija. Dawn huma l-*Alma Redemptoris Mater*, is-*Salve Regina*, l-*Ave Regina Coelorum* u r-*Regina Coeli*. F'dawn il-ħsibijiet se nikkonċentraw ħarsitna fuq l-*Alma Redemptoris Mater* u l-*Ave Regina caelorum*. Tajjeb infakkru li dawn l-erba' antifoni li semmejna kienu oriġinarjament kantati b'rabta mas-salmi li minnhom ħadu isimhom. Madankollu mis-sena 1239 dawn bdew jiġu kantati għalihom. Dan seħħ għaliex il-Papa Gregorju IX kien ordna li waħda minnhom, skont l-istaġun, tkun kantata fl-aħħar tal-uffiċċju. F'manuskritt f'San Gall tas-seklu tlettax insibu li l-*Alma Redemptoris* u s-*Salve Regina* huma parti mill-uffiċċju għall-festa tat-tħabbira tal-Verġni Mqaddsa.

Manuskritt ġewwa Pariġi tas-seklu tnax ipoġġi l-*Alma Redemptoris* u l-*Ave Regina* fl-uffiċċju jew fil-festa tat-tlugħ fis-sema. Fl-antifonarju tas-seklu tnax fil-Bażilika ta' Pietru f'Ruma r-*Regina Coeli* tqiegħdet fl-ottava tal-Għid. Il-melodiji ta' dawn it-testi huma fost l-isbaħ fir-repertorju kollu Gregorjan. Minħabba li kienu maħsuba biex jiġu kantanti mill-miġemgħa dawn l-antifoni huma mibnija b'mod sempliċi u grafiku. Fihom hemm idur spirtu reliġjuż mill-aktar profond u huma mezzi effikaċi li juru lil min ikantahom il-kontenut mistiku tagħhom u li huma jinterpretaw b'mod mużikali. Filwaqt li l-erba' antifoni ddedikati lill-Verġni Mqaddsa Marija u dawk li jitkantaw

fil-quddiesa kienu testi prolifiċi għal dawn il-kuntesti, it-tnejn li huma b'għalliema tal-polifonija klassika u anki b'kittieba moderni, dawk l-antifoni, li nsibuhom qabel is-salmi tal-Għasar, huma kważi universalment kantanti b'melodiji Gregorjani.

### L-antifona *Alma Redemptoris Mater*

Hawn hu t-test Latin tal-antifona *Alma Redemptoris Mater*.




*Alma Redemptoris Mater Alma Redemptoris Mater,*
*quae pervia caeli Porta manes,*
*et stella maris, sucurre cadenti,*
*surgere qui curat populo:*
*tu quae genuisti, Natura mirante,*
*tuum sanctum Genitorem,*
*virgo prius ac posterius,*
*Gabrielis ab ore Sumens illud Ave,*
*peccatorum miserere.*

Bl-ilsien Malti t-traduzzjoni tal-kliem ta' din l-antifona hu dan:

*Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,*
*int bieb illi jagħti għas-sema;*
*int kewkba tal-baħar, Marija! Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,*
*għajnuna tal-poplu l-maħtur,*
*li b'għaġeb nissilt 'il min ħalqek:*
*fis-siegħa li lqajt it-tislima*
*li tak Gabrijel, u bqajt xebba,*
*kif qabel, hekk wara t-tnissil.*
*Ħenn, Omm, għal uliedek midinba.*

L-istorja tal-antifona *Alma Redemptoris Mater* tmur lura għas-seklu ħdax. Hawnhekk niltaqgħu mal-Patri Benedittin u studjuż il-Beatu Hermann minn Reichenau, jew kif insibuh aħjar fl-istorja Herman iz-Zopp (18 ta' Lulju 1013 – 24 ta' Settembru 1054). Jingħad li kien hu l-awtur ta' din l-antifona lill-Madonna. Il-bażi ta' din l-antifona ġejja mill-kitbiet ta' San Fulġenzju, San Epifanju u San Irinew ta' Lyon. Din l-għanja hi msemmija wkoll *Fil-Leġġenda tal-Prijura*, f'waħda mil-*Leġġendi ta' Canterbury* miktuba minn Geoffrey Chaucer.

Darba minnhom l-antifona jew innu *Alma Redemptoris Mater* kienet użata għal ftit żmien bħala antifona għat-talb tas-Sesta għall-festa tat-tlugħ fis-sema ta' Marija. Madankollu, sa mis-seklu tlettax iddaħħlet bħala parti mill-*Kompieta* jew it-*Talba ta' Għeluq il-Jum*. Qabel kienet tintalab f'għeluq is-sigħat kanoniċi biss mill-Ewwel Ħadd tal-Avvent sal-festa tal-Purifikazzjoni (nhar it-2 ta' Frar).

F'din l-antifona wieħed isib ħsibijiet teoloġiċi tassew kbar. Fil-25 ta' Marzu tal-1987 il-Papa San Ġwanni Pawlu II kiteb l-enċiklika *Redemptoris Mater*, jiġifieri *Omm il-Feddej*. Din l-enċiklika titħaddet dwar il-Verġni Mqaddsa Marija fil-ħajja tal-Knisja pellegrina fid-dinja. Meta għalaq din l-ittra enċiklika l-Papa qaddis Pollakk ikkwota l-antifona qadima *Alma Redemptoris* u ppreżentahielna bħala riflessjoni fuq il-għaġeb

tal-fidi. It-test ta' din l-antifona hekk qadima jistedinna biex nirriflettu fuq il-kelmiet ta' dan l-innu qadim u li nkantawh waqt li qed nistennew il-millennju. Ħa nħallu lill-Papa San Ġwanni Pawlu II nnifsu jkellimna u jħeġġiġna bil-kliem mill-isbaħ tiegħu dwar din l-antifona *Alma Redemptoris Mater*.

Fost l-antifoni f'ġieħ il-Verġni Marija li bihom il-Knisja kuljum ittemm il-*Liturġija tas-Sigħat*, hemm din l-antifona:

*"Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,*
*int bieb li jagħti għas-sema;*
*int kewkba tal-baħar, Marija!*
*Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,*
*għajnuna tal-poplu maħtur,*
*li b'għaġeb nissilt lil min ħalqek."*

"B'għaġeb" – din il-kelma tal-antifona turi l-għaġeb tal-fidi li hu msieħeb fil-misteru ta' Marija bħala Omm Alla. B'xi mod dan jiġri fil-qalba tal-ħolqien kollu, u direttament, fil-qalba tal-Poplu kollu ta' Alla, fil-qalba tal-Knisja. Kemm mar 'il quddiem Alla, il-Ħallieq u s-Sid ta' kollox, biex "juri lilu nnifsu" lill-bniedem! Kif għeleb b'mod hekk tal-għaġeb "il-bogħod" bla qies li kien jifred il-Ħallieq mill-ħlejjaq tiegħu! Jekk fih innifsu Alla jibqa' mhux magħruf u mhux mifhum, wisq aktar jibqa' mhux magħruf u mhux mifhum fil-verità tal-inkarnazzjoni tal-Verb, li sar bniedem minn Marija Verġni…

Fil-qalba ta' dan il-misteru, f'nofs dan l-għaġeb tal-fidi, hemm Marija. Bħala l-omm maħsuba tal-Feddej kienet l-ewwel waħda li ġarrbet dan l-għaġeb. "B'għaġeb nissilt lil min ħalqek."

Il-kliem tal-antifona liturġika jfisser ukoll il-verità tal-bidla kbira li l-misteru tal-inkarnazzjoni *ġab għall-bniedem. Hi bidla fil-ġrajja kollha tal-bniedem, mill-bidu tagħha, bidu li ġie rivelat lilna fl-ewwel kapitli tal-Ktieb tal-Ġenesi sal-aħħar tagħha, fid-dawl tat-tmiem tad-dinja, li dwaru Kristu ma qalilniex la l-jum u lanqas il-ħin (Mt*. 25, 13). Hi bidla dejjem sejra u qatt ma tintemm bejn waqgħat u qawmien, bejn il-bniedem tad-dnub u l-bniedem tal-grazzja u l-ġustizzja…

Dan il-kliem jgħodd għal kull individwu, għal kull komunità, għan-nazzjonijiet u l-popli, għall-ġenerazzjonijiet u *ż-żm*inijiet kollha tal-ġrajja tal-bniedem, għaż-żmien tagħna wkoll, għal dawn l-aħħar snin tal-elf sena resqin lejn it-tmiem tagħhom: "Kun magħna għajnuna tal-poplu maħtur."

Din hi t-talba*ż* li qiegħda ssir lil Marija, "l-Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej", it-talba li qed issir lil Kristu, li permezz ta' Marija daħal fil-ġrajja tal-bniedem. Sena wara l-oħra l-antifona titlissen f'ġieħ Marija hija u tfakkar il-mument li fih seħħet dik il-bidla essenzjali u storika li hi dejjem sejra mingħajr ma qatt terġa' lura: il-bidla mill-"waqgħa" għall-"qawmien"… Hija u miexja 'l quddiem mal-bnedmin kollha lejn il-mument li fih it-tieni elf sena jiltaqa' mat-tielet elf sena, il-Knisja min-naħa tagħha, flimkien max-xirka kollha ta' dawk li jemmnu u f'għaqda sħiħa mal-bnedmin kollha ta' rieda tajba, tilqa' l-isfida kbira li hemm fl-antifona tal-Madonna: "Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna", biex jekk naqgħu nqumu mill-ġdid, u titlob kemm lill-

Feddej u kemm lil Ommu hija u tgħidilhom: "Ħarisna." Għaliex kif tixhed din it-talba l-Knisja f'Marija tara l-Omm qaddisa ta' Alla fil-misteru salvifiku ta' Kristu u fil-misteru tagħha stess. Hi tara lil Marija b'għeruq fil-fond tal-ġrajja tal-bniedem, fis-sejħa ta' dejjem tal-bniedem skont il-pjan providenzjali li Alla għamel għall-bniedem sa minn dejjem ta' dejjem. Hi tara lil Marija preżenti bħala omm tissieħeb fil-ħafna problemi komplikati li llum qed iġarrbu l-ħajja tal-individwi, tal-familji u tan-nazzjonijiet; taraha tgħin lill-poplu Nisrani fit-taqbida dejjem sejra bejn it-tajjeb u l-ħażin, biex tara "li ma jaqax", u jekk jaqa', "iqum mill-ġdid". B'qalbi kollha nittama li l-ħsibijiet li hawn f'din l-enċiklika jkunu jistgħu jservu wkoll ħa jġeddu din id-dehra fil-qlub ta' dawk kollha li jemmnu (nri 51-52).

**L-antifona *Ave Regina caelorum***

Antifona oħra li hemm fil-*Ktieb tat-Talb għall-Aħwa Minuri Kapuċċini tal-Provinċja ta' Malta* li l-provinċja Maltija ħarġet fl-2015 hi l-antifona *Ave Regina caelorum*.

Dan hu t-test Latin tagħha:

*Ave Regina caelorum,*
*Ave Domina Angelorum,*
*Salve radix, salve porta,*
*Ex qua mundo lux est orta.*

*Gaude, Virgo gloriosa,*
*Super omnes speciosa,*
*Vale, O valde decora!*
*Et pro nobis Christum exora.*

Bl-ilsien Malti t-test hu dan:

*Is-sliem, o Sultana tas-sema,*
*Sidt l-anġli;*
*int l-għerq u l-bieb safi*
*mnejn ġie dawl id-dinja.*
*O Verġni glorjuża,*
*ta' ġmiel u sbuħija,*
*is-sliem għalik!*
*Itlob lil Kristu għalina.*

Din l-antifona, li wkoll titkanta b'melodija Gregorjana bħal dik ta' qabilha, hi waħda mill-antifoni Marjani li hi mitluba jew kantata fil-*Liturġija tas-Sigħat* kif tagħlaq il-kompieta. Fil-brevjar Ruman, kif kien ġie rivedut mill-Papa qaddis San Piju V fl-1569, din l-antifona setgħet tintuża mill-kompieta tat-2 ta' Frar sal-kompieta tal-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Mir-reviżjoni tal-*Liturġija tas-Sigħat* fl-1969 l-unika antifona Marjana li għaliha ġie ffissat żmien partikolari hi l-antifona ta' żmien il-Għid *Regina Coeli*.

Bħal antifoni Marjani oħra l-*Ave Regina caelorum* ġiet adattata għall-mużika polifonika minn kompożituri bħal Leonel Power (m. 1445), Guillaume Du Fay (m. 1474), Tomás Luis de Victoria (1548-1611), Marc-Antoine Charpentier (1643-1704), Manuel de Sumaya (1678-1755) u Joseph Haydn (1732-1809).

Teoloġikament it-test ta' l-antifona *Ave Maria caelorum* jurina li dak li wieħed jgħid għal Marija jista' jgħidu għar-relazzjoni tiegħu ma' Kristu. Fil-fatt Kristu hu s-Sultan. Marija tirrifletti r-regalità ta' Kristu u permezz ta' vjaġġ ta' fidi hi tista' taqsam fir-regalità tiegħu, kemm fl-agunija tiegħu fuq l-art meta toqgħod taħt is-salib u fil-glorja tagħha fis-saltna ta' dejjem. L-għażla tagħha li tkun Kristoċentrika u l-wellieda ta' Alla tagħtiha dinjità 'l fuq mill-anġli. Hi ġejja mill-għerq ta' Ġessi, li minnu kien se jiġi l-Feddej. Ġufha hu l-grada li minnha d-dawl veru, Ġesù Kristu, twieled.

Marija mhux biss iġġorr lil Kristu imma wkoll ingħatat il-grazzja minnu biex tkun *il-milja tas-sbuħija*. Marija hi l-verġni glorjuża, l-isbaħ fis-sema, *l-isbaħ fost in-nisa* (Għan. 1:8; 5:9; 6:1). Ilkoll kemm aħna, meta nimtlew bi Kristu, inkunu sbieħ. Imma Marija aktar u aktar, minħabba r-rwol tagħha fil-pjan tas-salvazzjoni. Hi l-ħajja ta' Kristu, il-grazzja tiegħu, Alla waħdu, li hu sbuħija ħafna aktar milli wieħed jista' jaħseb.

Il-persuna umana tħares lejn Marija u tifraħ magħha li ngħatat il-grazzja mill-Mulej b'daqshekk abbundanza. Nitolbuha biex tfakkar lil Binha fil-bżonnijiet tagħna u li titlob għalina lil Kristu.

Nixtieq nagħlaq b'dak li jgħidilna l-Papa San Ġwanni Pawlu II meta jikkummenta fuq il-vers "*mnejn ġie dawl id-dinja*" li nsibu fl-antifona *Ave Regina caelorum*. Fl-omelija li kien għamel fil-Bażilika tat-Tħabbira nhar is-Sibt 25 ta' Marzu 2000 ġewwa Nazareth f'Iżrael il-Papa ġab paragun interessanti bejn Marija u Abraham. Qalilna: "*Biex wieħed jippenetra aktar fil-qiegħ fil-misteru, ejjew inħarsu lura lejn il-mument tal-vjaġġ ta' Abraham meta rċieva l-wegħda. Kien meta laqa' f'daru t-tliet mistednin misterjużi (ara Ġen. 18:1-15) u offrielhom l-adorazzjoni li hi magħmula lil Alla:* **tres vidit et unum adoravit**. *Dik il-laqgħa misterjuża kienet qed turi minn qabel it-t*ħabbira*, meta Marija hi meħuda b'mod mill-aktar qawwi fil-komunjoni mal-Missier, mal-Iben u mal-Ispirtu s-Santu. Permezz tal-***fiat** *li Marija lissnet f'Nazareth l-inkarnazzjoni saret it-twettiqa tal-għaġeb tal-laqgħa ta' Abraham mal-Mulej. Għalhekk waqt li qed nimxu fuq il-passi ta' Abraham ġejna Nazareth biex inkantaw it-tifħir lill-mara* ***mnejn ġie dawl id-dinja***" (l-innu ***Ave Regina Caelorum***) (nru 5).

### *Konklużjoni*

Minn din it-titwila ħafifa lejn dawn iż-żewġ antifoni ferm sbieħ u li huma ddedikati lill-Madonna ejjew nibdew nitolbu lil Ommna Marija bihom. Santu Wistin jgħidilna li min ikanta jkun qed jitlob darbtejn. Imħeġġin minn din ir-riflessjoni profonda ta' dan il-qaddis kbir u Duttur tal-Knisja ħa nibdew nidħlu f'YouTube u nittajpjaw *Alma Redemptoris Mater* u *Ave Maria caeolorum* u nkantawhom mal-*clip* li jkun hemm għad-dispożizzjoni tagħna.

Fil-minuti 1.28 u 1.02, imsieħba mill-melodija Gregorjana, ikollna tabilħaqq it-talba li tiftaħna għall-imħabba kbira u l-ħarsien bla ma jaqta' li għandha għalina Omm Ġesù u Ommna Marija.



# "KAJBOJS"

**Onor. Kav. Louis J Vella MQR**
*Konslu Ġenerali Onorarju għal Malta f'San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika*
*President Onorarju*

Niftakar xi snin ilu, meta konna għadna nikbru bħala tfal fir-raħal żgħir tal-Imġarr, meta l-Imġarr kien veru żgħir u ħafna iżgħar milli hu llum. Ta' tfal li konna kellna immaġinazzjoni fertili qatigħ, dejjem naraw x'se nivvintaw u x'se noħolmu. Konna veru nifirħu b'affarijiet sempliċi mingħajr ħafna preparamenti u kumplikazzjonijiet. Meta nagħtu ħarsa lura nsibu li veru konna tassew nifirħu bix-xejn, u lanqas biss kienu jgħaddulna minn rasna l-imġiba kultant imqarba u x'kull basla konna nidħlu fiha.



Daqqa niġru b'kopp f'idejna biex forsi naqbdu xi għasfur tal-bejt… Ħafna drabi l-għasafar kienu iżjed makakki minna u ma kinux joħorġu mill-ventilaturi ħlief wara li konna nwarrbu u nniżżlu l-kopp. Daqqa nilagħbu żorba fit-triq bil-boċċi u l-bubuni tal-ħġieġ; kultant nilagħbu abjad jew kulur bl-istampi tal-artisti jew tal-għasafar; u daqqiet niġru 'l hawn jew 'l hemm. Ir-raħal kollu kien għalina qisu għalqa kbira fejn konna nimirħu minn filgħodu sa ma nisimgħu lil ommijietna jgħajtulna biex nidħlu lura d-dar. Enerġija ma tispiċċa qatt.



*Roy Rogers u ż-żiemel tiegħu Trigger*

Naturalment l-inċidenti ma kienu jaqtgħu qatt. Daqqa nispiċċaw b'xi gundalla f'rasna jew fuq moħħna, kultant intajru xi seba' ta' xi sieq għax min jaf kemm ġrejna ħafjin! Kultant xi qatgħa jew xi girfa, speċjalment f'saqajna, però jekk ma joħroġx demm ma jkun ġara xejn. Jekk joħroġ id-demm malajr insibu xi ħawt, għadira ilma jew xi għajn u naħslu l-ġerħa hemm. Kien żmien sempliċi u bix-xejn konna nedhew.

Waħda mil-logħbiet li konna nħobbu nilagħbu u li konna tant nieħdu pjaċir biha kienet meta nimmaġinaw li se tolqotna xi vleġġa sparata minn Indjan meta konna nilagħbu tal-kajbojs u l-Indjani. Dik kienet waħda mil-logħbiet li biha konna nqattgħu

sigħat sħaħ niġġerrew barra… Naqbżu l-ħitan tas-sejjieħ, nixxabbtu mas-siġar tal-ħarrub, nistaħbew ġo xi girna u nimmaġinaw li rekbin xi żiemel abjad sabiħ bħal ta' Roy Rogers. Kultant, waqt li konna nkunu fis-sakra nilagħbu, niġru u naqbżu ħfief bħall-gidien, konna nisimgħu xi għajta mingħand xi sid ir-raba' biex ma nirfsux il-bħajra jew il-qara' aħmar jew intajru xi fergħa tad-dwieli, u erħilna ntiru b'ġirja sfrenata biex ma jagħrafniex il-bidwi u jugżana lill-ġenituri, għax ibqa' ċert li naqilgħuha konna.



*Z għal Zorro*

Din il-logħba tal-kajbojs u l-Indjani ħafna drabi kienet tiġi mit-toksijiet (is-swali taċ-ċinema) li konna naraw. Televixins ftit kien hawn, però ma konniex neqsin milli nesperjenzaw xeni ta' Indjani fuq żwiemel kuluriti u lventi jiġru wara l-kajbojs u jisparaw il-vleġeġ. U l-kajbojs iduru lura waqt li rekbin iż-żwiemel jiġru kemm jifilhu u jisparaw ir-revolvers lura lejn l-Indjani, li jkunu kważi laħquhom. Ix-xena kienet iddum sejra u l-eċitament tagħna dejjem jiżdied biex naraw min se jirbaħ it-taqtigħa. Dawn il-ħarbiet tal-Indjani wara l-kajbojs, jew xi kultant kienu l-kajbojs jiġru wara l-Indjani jew xi karattri oħrajn, kien ikollhom ċerta mużika mgħaġġla u drammatika li żżommok fuq ix-xwiek f'tarf is-siġġu tas-sala tat-tokis. Min jaf kemm-il darba immaġinajna li konna Zorro, jew il-Lone Ranger, jew il-Magnificent Seven, jew Buffalo Bill, jew il-Comancheros, u ħafna u ħafna idoli oħra. L-aħħar film li konna naraw x'aktarx li konna nispiċċaw nippruvaw nimitawh.



*Buffalo Bill maċ-chief ta' tribu Indjan*

Is-snin għaddew u ż-żmien inbidel. Il-logħob tal-kajbojs u l-Indjani twarrab biex floku daħal il-logħob tal-futbol u attivitajiet oħra ta' ġuvnotti li konna. Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Xahar wara xahar, u sena wara l-oħra, dawk it-tfal jiġġerrew mar-raħal bdew jieħdu l-*via* tagħhom u jmorru għal rashom. Min beda jaħdem, min siefer, xi wħud bdew xi relazzjoni jew iżżewġu, u kulħadd reħielha lejn triqtu.

Jien ukoll għamilt bħalma għamlu oħrajn qabli. Wara l-iskola dħalt fid-dinja tax-xogħol u wara ftit snin iddeċidejt li nħalli raħli u pajjiżi. Ħafna minn sħabi li kbirt magħhom telqu lejn l-Awstralja. Jien tlaqt lejn l-Amerka. Wara li wasalt California u bdejt nidra l-ħajja f'dan il-kontinent ġdid, u bdejt nitgħallem ftit il-kultura, is-soċjetà u l-użanzi ta' dan il-pajjiż immens, erġajt sibt ruħi nitgħallem fuq l-Indjani indiġeni


*Il-ħajja tal-cowboy hi waħda iebsa u ħarxa*

tal-Amerka kif ukoll dwar il-cowboys. Imma issa dawn ma kinux karattri fittizji u atturi tal-films. Dawn kienu nies bħali tad-demm u l-laħam.

Malta u raħal twelidi qatt ma ħarġu minn qalbi. Ta' spiss kont nagħmel xi żjara u nipprova nibqa' aġġornat dwar x'inhu jiġri kemm fl-Imġarr kif ukoll f'Malta. Wara għadd ta' żjarat, li fihom kont sikwit ninvolvi ruħi f'taħditiet fuq suġġett jew ieħor dwar il-ħajja fl-Imġarr u s-sitwazzjoni f'Malta, bdejt ninnota, speċjalment f'dawn l-aħħar snin, ċertu kliem u espressjonijiet bil-Malti li ma kontx midħla tagħhom. Huma differenti minn dawk li kont trabbejt bihom jien u li qatt ma kont smajthom qabel. Ħoll xagħrek u ġib iż-żejt! Waħda minn dawn l-espressjonijiet kienet propju dwar "il-kajbojs". Ta' sikwit kont nisma' n-nies jirreferu għal xi ħadd li hu kajboj. "Dak tgħidx kemm jaħseb li hu xi kajboj!" jew xi ħadd li għamilha jew jagħmel xi azzjoni ta' "kajboj". Għall-ewwel ma stajtx nifhem xi jridu jgħidu biha, din l-espressjoni, u ma stajtx naqbad art xi jfisser f'Malta dan il-paragun ma' figura li issa jien kont sirt naf iżjed mill-qrib. Wara li smajtha kemm-il darba u anke rajtha miktuba f'xi ġurnali bdejt nifhem li din l-espressjoni tista' tfisser li xi ħadd għamel xi ġennata jew kien xi bully jew xi ħadd jistħoqqlu li xi ħadd jagħmilha ta' kajboj miegħu, u tifsiriet oħra simili.

Il-ħsieb mill-ewwel tar għal meta konna tfal żgħar niġġerrew u nilagħbu mar-raħal u nimmaġinaw li konna kajbojs jew Indjani. U kienet mill-ewwel tiġi tbissima fuq fommi. Kont ngħid bejni u bejn ruħi kemm hu veru l-proverbju "Ħu l-fama u mur orqod"; kemm hu veru li dak li naraw fil-films jaffettwa l-ħajja tagħna ta' kuljum; kemm hu veru li l-immaġni ta' fuq l-iskrin tal-cowboy Amerikan daħlet fil-lingwaġġ tagħna l-Maltin għal raġunijiet li lanqas biss għandhom x'jaqsmu mal-ħajja reali tal-cowboy Amerikan.


*Dehra tal-cowboy li naraw illum fuq in-naħa tal-Punent tal-Amerka*

Hu komuni li fil-films il-cowboy x'aktarx jispiċċa rebbieħ waqt xi argument jew xi ġlieda. U veru li l-cowboy qisu kollox jiġih ward u żahar. Dejjem liebes sabiħ, b'saħħtu u gustuż, b'kappell kbir abjad jew iswed bit-truf tal-ġnub mibrumin ftit 'il fuq, twil u pulit, b'żiemel sabiħ u bravu... Insomma, x'aktarx li fil-films il-cowboy ikun wieħed li ma jonqsu xejn u ma jista' għalih ħadd.

Wieħed għaref darba qal: "Gidba tiġri ġirja mad-dinja f'leħħa ta' berqa, waqt li l-verità tkun lanqas biss għadha libset iż-żarbun." U hekk hu fil-każ tal-cowboy. Il-ħajja tal-cowboy ma għandha x'taqsam xejn ma' dak li naraw fil-films. Imma l-immaġni tal-cowboy Amerikan li jgħix ħajja komda, li kollox jiġih sew, li hu eroj u li meta jispara s-senter jew ir-revolver jolqot dejjem, dawn ħafna drabi mhumiex ħlief ħrejjef u bluhat tal-films, imma saħansitra ġrew mad-dinja kollha u Malta mhix eċċezzjoni.

Il-ħajja tal-cowboy Amerikan hija ħajja diffiċli, xogħol iebes minn sbieħ il-jum sa ma jidlam. Mhux l-ewwel darba li l-cowboy kien ikollu jorqod barra, kultant fil-kesħa u dejjem fil-biża' minn xi annimali selvaġġi. Kif inħolqot u ssawret il-figura tal-cowboy Amerikan? Mela l-kelma "cowboy" naturalment għandha x'taqsam mal-baqar. Il-cowboy jieħu ħsieb, irabbi, jindokra u jivvjaġġa mal-baqar minn post għal ieħor, ifittex fejn jistgħu jirgħaw il-baqar sa ma jikbru biżżejjed biex ikun jista' jagħmel negozju bihom. Il-cowboy Amerikan insibuh l-iktar fuq in-naħa tal-Punent tal-Amerka. Dawn l-inħawi huma pereżempju l-istati ta' Texas, Colorado, Oklahoma, Arizona, Nevada, California, Oregon u oħrajn. Il-baqar ġew introdotti fl-Amerka tal-Punent mill-Messiku meta l-Messiku kien għadu territorju ta' Spanja. Dawk in-nies li kienu jindukraw il-baqar kienu jissejħu "*vaqueros*". Il-kelma *vaqueros* x'aktarx li ġejja minn *vaca* jew *vacca*, li tfisser "baqra", "*cow*". Il-kelma *vaqueros* bl-Ispanjol tinstema qisa' "bakeros" u x'aktarx li għalhekk f'ċerti postijiet fl-Amerka għall-cowboys kultant insibu lil min juża l-kelma "*buckaroos*".



*Il-vaquero*

Ix-xogħol tal-*vaquero* jew cowboy kien xogħol iebes f'ġurnata twila. Minn qabel tlugħ ix-xemx il-cowboy kien jibda jipprepara ħalli l-merħla baqar tkun lesta biex toħroġ tirgħa. Jekk ikun hemm bżonn ikollu jirranġa xi lqugħ fejn jorqdu l-baqar, bħal ħitan bil-*barbed wire* jew tal-istrixxi tal-injam. Idejn il-cowboy kienu ħorox u mimlijin kallijiet. L-indafa ma tantx tirrenja fl-ambjent tal-cowboy. Irid ukoll jieħu ħsieb iż-żwiemel u l-apparat kollu ta' fuq iż-żiemel, biex il-cowboy ikun jista' jirkbu ħalli jlaħħaq mal-baqar meta dawn jibdew iterrqu minn post għal ieħor. Ħafna drabi l-cowboy ikun waħdu għal ġranet sħaħ u għalhekk hija ħajja li tista' tkun solitarja. Il-paga mhix xi waħda gwappa, anzi hi pjuttost baxxa għax-xoghol kollu li jrid isir, speċjalment dari, qabel ma ġew il-magni, it-trakkijiet u t-teknoloġija. Illum naturalment mod ieħor.

Il-cowboy tan-naħa tal-Punent tal-Amerka, li għalhekk ngħidulhom "*Western*", kien ikollhom ċertu lbies apposta biex ikunu jistgħu jagħmlu x-xogħol tagħhom aħjar. Iż-żraben, jew kif isejħulhom, *Western boots*, kienu bil-ponta. Ir-raġuni hi li bil-ponta l-cowboy ikun jista' iżjed faċilment idaħħal u joħroġ iż-żarbun mill-istirrips tax-xedd taż-żiemel u jnaqqas is-sogru li allaħares qatt jeħillu l-boots ġol-istirrips u jaqa' minn

fuq iż-żiemel, għax jibqa' sejjer bis-sieq tal-cowboy imwaħħla u l-cowboy jitkaxkar wara ż-żiemel. Dawn huma inċidenti li ġraw.

Fuq il-qalziet, li x'aktarx ikun jeans, jintlibsu dawk li jissejħu "*chaps*" tal-ġild. Iċ-*chaps* ikunu bħal qalziet wiesa' jperper tal-ġild biex jipproteġi sieq il-cowboy mix-xewk u l-għollieq jew il-kaktus li jisgħu jniggżuh jew jigirfuh. Il-cowboy kien ikollu "bandana" jew bħal qisu maktur madwar għonqu li jkun jista' jtellgħu fuq ħalqu u mnifsejh meta jiltaqa' ma' xi maltempata tat-trab. Il-cowboy x'aktarx jilbes qmis u sidrija jew ġakketta tal-ġild skont it-temp kif ukoll kappell pjuttost kbir biex jilqagħlu x-xemx. Il-kappell kultant jintuża wkoll bħala mħadda meta l-cowboy jorqod barra.



*Cowboy liebes iċ-chaps tal-ġild*

Il-cowboy hu wieħed li kapaċi jmur wara xi baqra jew għoġla li tkun infirdet minn mal-merħla, u bi preċiżjoni u kapaċità kbira minn fuq iż-żiemel igara ngassa tal-ħabel għal madwar għonq il-baqra u jwaqqafha milli tkompli taħrab f'nofs ġirja waqt li hu jkun għadu fuq iż-żiemel tiegħu. Dan rajtu jien kemm-il darba, u ħaġa tal-iskantament kemm ikunu kapaċi u preċiżi.

Bħala sport, fil-mestier tagħhom il-cowboys għandhom ir-rodeo. Dan huwa sport pjuttost perikoluż, u dawk biss li huma mħarrġin ħafna u sew jistgħu jipprattikawh. Ir-rodeo hu spettaklu popolari ħafna. Dari kienu ħafna dawk li kienu jweġġgħu wara li jaqgħu minn fuq iż-żiemel, li bl-ebda mod ma jkun irid lill-cowboy fuqu għax ikun irid jeħles mill-irbit kif ukoll mill-cowboy li jkun riekeb fuqu. Iż-żiemel tar-rodeo jibda jaqbeż u jagħti biż-żewġ b'ritmu sfrenat u jibda jaqbeż tant li l-cowboy ma jissaportix fuqu iktar minn ftit sekondi. Kultant iż-żiemel itajjar il-cowboy b'tant saħħa li jsabbtu mal-art waqt li ż-żiemel ikun għadu jaqbeż u jogħla. Jiġri wkoll li ġieli ż-żiemel jaqbeż u jinżel fuq il-cowboy bil-piż kollu tiegħu. Mhux darba u tnejn li l-cowboy iweġġa' serjament. Illum fir-rodeo modern, għalkemm perikoluż, hemm inqas lok għal korrimenti serji, peress li l-ilbies tal-cowboy m'għadux kif kien dari, jeans, *chaps*, boots, qmis u kappell. Illum l-ilbies hu ħafna iżjed raffinat u jagħti ħafna iktar protezzjoni lill-cowboy.




*Western saloon*

Mela nerġgħu għall-ħajja ta' kuljum tal-cowboy. Wara xi ġimgħa jew tnejn jiġru minn hawn u minn hemm ifittex fejn jirgħaw il-baqar, il-cowboy kien ikun imlebleb biex jgħaddi minn xi villaġġ żgħir u jbill griżmejh ġo xi bar jew *saloon*. Hawn ukoll kien jinqala' bħal

diżgwid għax is-sidien tal-ħwienet ma kienx ikollhom pjaċir bil-cowboys, għax dawn kellhom il-fama li jixorbu żżejjed u jiskru, u ħafna drabi meta n-nies ikunu fis-sakra jinqala' l-inkwiet. Is-sidien ma jkunux iridu lill-cowboys jieqfu fil-villaġġ tagħhom għax l-inkwiet mhux tajjeb għan-negozju.

Ix-xogħol tal-cowboy hu xogħol ferm importanti, speċjalment fiż-żmien li qed insemmu, ta' meta konna naraw il-films Western tal-cowboys ta' dawk iż-żminijiet. Il-cowboy kien iforni kważi l-laħam kollu li kien jiġi kkunsmat fin-naħa ta' fuq u tal-Lvant tal-Amerka, b'mod speċjali ż-żmien ta' wara l-gwerra ċivili Amerikana, meta ħafna minn dawk li kienu jrabbu u jindukraw il-baqar marru jiġġieldu fil-gwerra u meta ġew lura mill-gwerra sabu li l-popolazzjoni tal-baqar kibret bla kontroll.

Forsi minn issa 'l quddiem kull meta taqraw fil-ġurnali jew tisimgħu fil-midja lil xi ħadd jirreferi għal xi azzjoni jew xi persuni bħala cowboys intom ukoll titbissmu, għax issa għandkom idea aħjar tal-ħajja tal-cowboy Amerikan u l-ħajja kulurita u kultant iebsa tiegħu.



*Il-cowboy jindokra l-baqar u dejjem lest biex isibilhom fejn jirgħaw*






# Il-Fortizza ta' Binġemma

Janie Vassallo

L-Imġarr huwa mdawwar b'diversi għoljiet. Fin-naħa tan-Nofsinhar insibu l-Great Fault, linja naturali li taqsam lil Malta mill-kosta tal-Punent għal-Lvant. Il-Fortizza ta' Binġemma nbniet fuq din il-linja.



*Il-fortizza kif tidher mill-pjazza tal-Imġarr*

Din il-fortizza tinsab madwar 200 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, fil-limiti tar-Rabat, iżda tħares lejn l-Imġarr. Inbniet mill-Ingliżi meta Malta kienet taħt it-tmexxija tal-Gvernatur Staubenzee. Tagħmel parti mill-Victoria Lines, linja ta' fortifikazzjonijiet twila madwar 12-il kilometru. Din il-linja ta' difiża nbniet biex tipproteġi l-aktar parti importanti ta' Malta – il-portijiet. F'każ li l-għadu jinvadi minn xi bajja fin-naħa ta' fuq, din il-linja kellha sservi biex ma tħallihx javvanza lejn in-naħa t'isfel ta' Malta.

Fl-1875 bdew ix-xogħlijiet fuq il-bini tad-difiżi militari tul in-North-West Front, li aktar tard issemma "Victoria Lines" biex jitfakkar il-Ġublew tad-Djamanti tar-Reġina Vittorja fl-1897. Inbnew tliet fortizzi ewlenin tul in-North West Front. L-ewwel fortizza li nbniet kienet il-Fortizza ta' Binġemma, li kellha l-għan li tiddefendi n-naħa tal-Punent. Kellha rwol doppju għaliex riedet tħares kemm iż-żoni kostali kif ukoll dawk fuq l-art. Bnewha b'tali mod biex jinqdew kemm jistgħu bis-sies tal-Great Fault, li serva bħala difiża naturali. In-naħa li tħares lejn ir-Rabat tħaffer foss sabiex il-fortizza tiġi mħarsa minn kull naħa. Tħaffru wkoll mini biex is-suldati jkunu jistgħu jgħaddu minn naħa għall-oħra tal-forti.



*Il-Fortizza ta' Binġemma*

Oriġinarjament kienet iddisinjata biex tħares minn invażjoni min-naħa tal-Ġnejna u Għajn Tuffieħa permezz tal-kanuni muzzle-loading. Iżda d-distanza mill-fortizza sal-irdum tal-Punent kienet ta' wġigħ ta' ras għar-royal engineers, għaliex kien hemm distanza twila u l-kanuni ma kinux kapaċi jwasslu s'hemm.



*Fuq ix-xellug: Il-Fortizza ta' Binġemma. Fuq il-lemin: Post is-searchlight tal-Kunċizzjoni*

Waqt manuvri li saru f'Mejju tal-1890 instab li t-truppi setgħu jinżlu fil-bajja ta' Fomm ir-Riħ u jattakkaw il-fortizza minn wara mingħajr ma jindunaw bihom. Minħabba f'hekk saru rakkomandazzjonijiet biex jinbnew aktar linji difensivi. Inqatgħu partijiet mill-blat ħalli l-ħitan tal-fortizza minn barra jkunu iktar weqfin. Ġie ssuġġerit ukoll li l-irziezet tal-madwar ikollhom xi forma ta' difiża. Inbena ridott fit-tarf tal-Victoria Lines fejn Fomm ir-Riħ, li flimkien mal-emplacement tal-Kunċizzjoni saħħew id-difiża.

Fl-1903 tpoġġew kanuni ikbar, breach-loaders. Tneħħew żewġ kanuni tal-5 pulzieri u tpoġġew tnejn tas-sitt pulzieri BL Mk VII u ieħor BL Mk X tad-9.2 pulzieri. F'dan iż-żmien saru wkoll telephone room, workshop u Battery Command Post. Fl-1906 saret id-Defence Electric Light Post ġewwa l-Kunċizzjoni.

Meta waqt il-manuvri kienu jkunu ħa jisparaw il-kanun il-kbir in-nies tal-Imġarr kienu jiġu avżati minn qabel biex iħallu t-twieqi miftuħa. B'hekk ma kienx ikun hemm periklu li jinkiser il-ħġieġ mit-tregħid.

Waqt manuvri li saru fl-1908 suldat daħal fil-fortizza minn xaqq fil-blat lil hinn mill-kanun il-kbir u rnexxielu taparsi jeqred il-kanun. Darb'oħra kien se jiġri l-istess, imma dawk għassa ġew imwissija minn sħabhom biex joqogħdu attenti.

Malli faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija fl-1940 l-art qrib il-fortizza ġiet okkupata minn battaljun suldati tal-infanterija. Matul il-gwerra l-kanun tal-fortizza flimkien mas-searchlight tal-Kunċizzjoni kienu jħarsu l-inħawi mill-ajruplani tal-għadu.

Fil-Fortizza ta' Binġemma kien hemm gwarniġġjon ta' 75 suldat armat bir-rifles. Żewġ Tommy guns kienu jintużaw għall-għassa mill-Parachute Hunting Squad. Kien hemm erba' Lewis guns kontra l-ajruplani. Qrib id-daħla tal-fortizza tpoġġew mini u ostakli għal kontra t-tankijiet tal-gwerra. Fit-telgħa li twassal mill-Imġarr għal fejn il-fortizza, magħrufa min-nies tal-post bħala "t-Telgħa taż-Żiemel", tpoġġa ħadid kontra t-tankijiet kif ukoll roadblock.

Mill-1949 sal-1952 il-fortizza ntużat biex fiha jiġu mħarrġa ribelli Albaniżi li kienu qed jiġġieldu kontra r-reġim Komunista. Intgħażlet minħabba li tinsab f'post imwarrab u l-fatt li qiegħda fil-għoli kien jippermetti li jikkomunikaw aħjar ma' Londra. Megħjuna mill-Amerikani u l-Ingliżi rekluti Albaniżi ġew ingaġġati minn barra u



*Enver Hoxha – il-mexxej tal-Albanija mill-1944 sal-1985*

twasslu fil-Fortizza ta' Binġemma minn personnel tal-British Special Operations. Kienu magħrufa mis-Servizz Sigriet Ingliż bħala "The Pixies". Kienu ġew imħarrġa fl-ispjunaġġ, fit-tattiċi ta' gwerilla kif ukoll bħala radio operators. Wara t-taħriġ kienu jittieħdu lura l-Albanija b'mod klandestin. Dan sar biex in-nies jirvellaw ħalli l-Albanija, li kienet l-iktar pajjiż dgħajjef li kellu influwenza Sovjetika, jinqata' darba għal dejjem minn Moska. Din il-ħidma, li kienet magħrufa mis-Servizz Sigriet Ingliż bħala "Operation Valuable", falliet għaliex ħafna minn dawk li reġgħu marru l-Albanija nqabdu. Operation Valuable ntemmet fl-1954.



*Ġewwa tal-fortizza meta kienet tintuża bħala tape relay station*

Bejn l-1954 u l-1968 il-fortizza ntużat mit-235 Signal Squadron tar-Royal Corps of Signals tal-Armata Ingliża. Il-bażi tal-iskwadrun kienet l-Imtarfa, waqt li fil-Fortizza ta' Binġemma kellhom tape relay station.



*Paragliders ħdejn il-fortizza*

Fl-1981 il-gvern kera l-fortizza biex tintuża bħala razzett. Il-kirja għalqet u qed isir taħdit biex din il-fortizza ma tibqax f'idejn il-privat.

Illum il-ġurnata l-fortizza m'għadhiex tħares l-inħawi tal-Imġarr mill-attakki tal-għadu. Saret sit popolari mal-paragliders. Minflok tispara l-kanuni tagħha, bħalma kienet tagħmel fl-eqqel tal-gwerra, toqgħod tgawdi t-titjiriet li jagħmlu d-dilettanti tal-paragliding filwaqt li tiftakar x'għadda mingħaliha tul dawn is-snin li ilha wieqfa.

***Biblijografija***

Deguara, Alwiġ. *L-Imġarr – Il-Ħajja u l-Ħidma ta' Niesu mill-Qedem sal-Lum*. Malta, 1999.

Vassallo History. "Fortifications." n.d. 2024. <https://vassallohistory.wordpress.com/fortifications/>.

Hughes, Quentin. *Malta – A Guide to the Fortifications*. Said Publications, 1993.

Lord, Clif & Graham, Watson. *The Royal Corps of Signals: Unit Histories of the Corps (1920-2001), and its Antecedents*. 2004.

Lorna Baker. Intervista. 2015.

Lulushi, Albert. *Operation Valuable Fiend: The CIA's First Paramilitary Strike Against the Iron Curtain*. Arcade, 2014.

Spiteri, Stephen C. *British Military Architecture in Malta*. Stephen C. Spiteri, 1996.

# L-Inbid Isir Ħall… u Mhux il-Ħall Isir Inbid

S.F.

Hu fatt li nsibu fin-natura li oġġett tajjeb bħall-inbid jew jibqa' tajjeb jew jeħżien. Veru li l-ħall għandu l-użu tiegħu wkoll, imma liema minnhom hu l-iktar ta' valur? Meta nkunu mistednin x'nieħdu magħna, flixkun ħall jew flixkun inbid tajjeb? U min jifhem fl-inbejjed jagħmel ukoll differenza bejn inbid tajjeb u ieħor itjeb… bejn għenba u oħra.

Niftakru fl-episodju tat-tieġ ta' Kana tal-Galilija: "***Kulħadd iġib l-ewwel l-inbid it-tajjeb, imbagħad, meta jkunu mlaħalħin, dak li hu inqas tajjeb; imma int irfajt l-inbid tajjeb sa issa!***" (Ġw. 2, 10)



*Il-miraklu fit-tieġ ta' Kana*

Kemm hu sew li nikkuraw l-għeneb, biex ikollna l-inbid it-tajjeb! Kemm hu għaqli u xieraq li nikkuraw it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna biex ikollna nisa u rġiel tajbin… ċittadini ta' stoffa u ġenituri futuri ta' karattru sod u ta' valuri sbieħ!

L-inbid jgħaddi minn proċess twil biex isir. L-għeneb irid jitkisser, jingħasar u mbagħad irid jieħu ż-żmien tiegħu biex jiffermenta ġod-damiġġjani. Huma stadji skomdi għall-għeneb imma b'hekk biss toħroġ it-tjubija u l-kwalità… u s-sbuħija ta' tazza nbid tleqq li tiġbed l-għajn u li tagħti l-palat.



*Għeneb ikkultivat biex isir inbid*

Però meta l-inbid ma jiġix ikkurat u tidħollu l-arja jsir ħażin. Jekk inneħħu dak li hu skomdu, is-sagrifiċċju, u nintelqu, l-ulied jinbidlu, jittappnu u jitilfu t-togħma. U minflok ma jferrħu u jkunu l-kuruna tal-ġenituri tagħhom isiru l-imrar u l-biki tagħhom.

Allura kif se nindukraw lil uliedna, iż-żgħażagħ tagħna, f'dinja li donnha tant tiġbidhom lejn il-ħall – lejn dak li mhux fil-ħsieb ta' Alla? Xi ħsibijiet…



*Il-familja*

Il-valur tal-familja – il-preżenza tal-ġenituri jew il-kustodji, l-għaqda u l-ġabra fid-dar, l-edukazzjoni, il-valuri sbieħ li jittieħdu fl-għejxien ta' kuljum fid-dar. Niftakru li l-kliem iqanqal imma l-eżempju jkaxkar.

Il-ħajja spiritwali – ***il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix imma b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla*** **(Mt. 4, 4)**. Għalhekk il-ħtieġa li wieħed jinvesti fil-formazzjoni Nisranija, fit-talb u s-sagramenti tal-qrar u t-tqarbin.

Attenzjoni mill-influwenzi esterni bħall-midja soċjali. Nevalwaw u niddiskutu b'mod kritiku dak li naraw, naqraw u nisimgħu.



*Il-midja soċjali*

Għajnuna biex isiru għażliet għaqlin… fejn dejjem jiġu kkunsidrati l-persuna l-oħra, il-ħarsien tal-ambjent, il-ġid komuni u l-ħarsien tas-saħħa fiżika, mentali u emozzjonali.

Sostenn kontinwu bil-preżenza tagħna u bi spirtu ta' ħbiberija u ta' interess ġenwin. Inkunu ta' għajnuna fl-għażliet fejn jidħlu relazzjonijiet u ħbiberiji.

Il-kurrent hu qawwi, imma l-grazzja t'Alla hi ikbar… "**Fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja" (Rum. 5, 20)**.

Kull ċittadin hu responsabbli li jgħin bi kliemu u għemilu lill-ġenerazzjonijiet futuri… l-għalliema, il-kleru, il-politiċi, l-anzjani… Kull persuna hi fid-dmir li tagħmel dan. Bħala soċjetà għandna ngħinu biex nippreservaw il-proċess li bih isir l-inbid u nagħmlu ħilitna biex ikollna l-itjeb inbid possibbli. Ikun għajb għalina jekk inkunu aħna stess li nikkaġunaw ix-xquq fil-bettija u minħabba l-interessi jew it-traskuraġni tagħna l-inbid isir ħall. ***"Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli; imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom! Ikun aktar jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin u jitfgħuh il-baħar milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin. Oqogħdu attenti!"*** **(Lq. 17, 1-3)**

Apparti l-ħidma siewja tal-ġenituri xieraq niftakru wkoll f'dawk il-persuni kollha li ħadmu u għadhom jaħdmu bla heda u fis-skiet fil-kura tat-tfal u ż-żgħażagħ u saħansitra joffru futur sabiħ lil min ma kellux l-opportunità għal dan fil-familja.

***Ngħid għalija ma nafx b'ferħ akbar minn dak li nħoss meta nisma' li wliedi mexjin fil-verità.*** **(3 Ġw. 1, 4)**

***Ħarreġ tifel jimxi fit-triq it-tajba; ma joħroġx minnha, lanqas meta jixjieħ.*** **(Proverbji 22, 6)**

**Centric Computers**

**Computer & Laptop Repairs**
**Network Setups**
**Display and Audio**
**Cables and Peripherals**
**Custom PC Builds**
**Input / Output Devices**
**VHS to DVD/USB Conversions**
**Printer Setups & Inks**

Bayview, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar
T: 2157 4001 M: 7746 9333
F: @Centric Computers

# Thermomix TM6

*a smarter way to cook*

√ Replaces over 20 kitchen appliances

√ And it cooks!
e.g. risottos, pasta dishes, sauces, soups, stews, curries, pie filling, stock and curry pastes, butters, baby food, custards, rice pudding, jams and chutneys, yoghurt, sweets, ice cream, sorbets, cocktails/mocktails, smoothies and much more!

√ Also features multi-level cooking

SO SAVE TIME AND MONEY AND LET THERMOMIX DO THE COOKING!

*For a free demonstration and advice do not hesitate to contact your official Thermomix advisor Caroline Ciappara on 9945 7587*




Several Payment Options



THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
13, Triq Il-Fewdu, Zabbar, Malta
Tel: +356 2123 7712, +356 2124 1711 • Mob: +356 9947 0879
Email: admin@thermasealmalta.com Website: www.thermasealmalta.com




ZAMMIT
ANTIQUES
Dealers &
Restorers
30, Triq il-Kurat Schembri, Mosta
(off Constitution Street from Ta' Maria Rest.)
Tel: 2141 9420 • Mob: 9942 7126, 7925 4648





# *Karmenu Mifsud Funeral Service*
# *(daughter Dorita Mifsud)*

## *Funeral Directors*

***Coffin makers and importers***

***2 new Jaguar Hearses***
***(White & Grey)***
***2 Mercedes Hearses***
***(Black & Grey)***

***460, Victory Street, Qormi***
***Tel: 21494316, 99492458***
***info@karmenumifsud.com***
***www.karmenumifsud.com***






# Care Cuts

## Unisex Salon





Mon & Wed - Closed
Tue, Thu & Fri - 7:30am - 7:00pm
Sat - 7:00am - 6:00pm

---

'Arc En Ciel', Imqades Street, Zebbiegh, Mgarr Malta
Tel: 21574552    Mob: 79703141

# Il-Palazz

***MARBLE, RESIN, GRANITE, QUARTZ & QUARZITE WORKS***



**Francis Bugeja**

Durumblat Road, Mosta, MST 4810
Kyle: 9952 5723
Kersten: 7939 0286
Showroom: 2143 7619
9949 3391
E: info@il-palazz.com
F: il-palazz marble works

# Pet's World

## Grooming Services

At Qawra Pet's World
Dog's Wash Out
Open 24/7





A: Triq Horatio Nelson, Qawra
T: 2141 7767
F: Pets World St. Paul's Bay




A: 63, Triq il-Kaħli, San Pawl il-Baħar
T: 21580285 • 99847622 • 79663382
F: Pets World St. Paul's Bay



Simon & Edward & Daniel
Funeral Services
99449578 - 79030197 - 99854432

# WHERE EXPERIENCE MEETS INNOVATION

Framegrip









(+356) 2141 9797 • MOSTA ROAD, LIJA, LJA9010, MALTA • WWW.FRAMEGRIP.COM



## Authentic Maltese & Mediterranean Cuisine

**Opening Hours:**

Tue - Sat: 18.00 - 23.00
Sun: 12.00 - 23.00

Contact Info:

(+356) 2718 1211
conrad@damanuele.mt
www.damanuele.mt
PM us on Facebook @Trattoria Da Manuele

Trattoria
Da Manuele



# Coby
*kafè · bar*

Freshly Baked Pies - Pasta
Maltese Delight Food
Coffee - Artisan Tea - Drinks

*contact: 99834632 - fb.com/cobykafebar*


CENTRAL CEMENT LIMITED
Incorporating Jumbo Bags Ltd.
Importers & Suppliers of:
• Bulk Cement (portland, high-sulphate resistant, pozzolanic)
• Packed Cement in bags of 1500kg, 50kg & 25kg
• Different Types of Cement (grey & white)
• Sand & gravel in bulk (dolomite, limestone, basalt, silica etc)
• Gypsum in bags & other building materials
FOR BEST QUALITY & SERVICE
EXPERIENCE 40 YEARS EXPERIENCE
CENTRAL CEMENT LIMITED MALTA
PORTLAND CEMENT 42,5 R
Type II/A-LL
50 Kg
Packed in Malta
MSA-EN. 197-1:2011
'CemHouse', National Road,
Blata l-Bajda HMR 9011
admin@centralcementltd.com
www.centralcementltd.com
Office: 21 232 920 / 21 667 050 Silo Mobile: 99 064 033
Office: 99 497 023 / 99 992 920 Silo Mobile: 99 431 787
Office: 21 221 659


TRAVEL
BOAT
MOTOR
HOME
Do you need insurance? We've got you covered!
BUSINESS
HEALTH
SUSAN MICALLEF
Tied Insurance Intermediary
74, Triq Sir Temi Zammit,
Żebbiegħ, Mġarr, Malta
M: 7972 2912
E: susan.micallef@gmail.com
MAPFRE
The Products are manufactured by MMS and distributed by Susan Micallef.
Susan Micallef is an enrolled Tied Insurance Intermediary (TII) under the Insurance Distribution Act for MAPFRE Middlesea p.l.c. (MMS). MMS (C-5553) is authorised under the Insurance Business Act. Both the TII and MMS are regulated by the Malta Financial Services Authority.


Il-Festa
it-Tajba
lil kulħadd
DELIA
Adrian
DEPUTAT PARLAMENTARI

HAIR-A-HOLIC
Unisex Hair Salon
Fully qualified and experienced hair stylists
15, Fisher Road, L-Imġarr, Malta,
Tel: 2157 0949
We are recruiting!!
Let us take care of your hair...
Monday Closed
Tue – Sat 10:00am - 6:30pm
Find us on: facebook




TRANSPORT SERVICE AND SKIP HIRE

MOB: 79977920






Għajn Tuffieħa Road
Manikata, MLH 5700 - Malta
Tel: (00356) 21570215, 21521559
Fax: (00356) 21575064
www.jardinland.com.mt

Andrew Vassallo woodworks

WORKSHOP 1, TRIQ IL-PARSOT,
MOSTA INDUSTRIAL ESTATE, MOSTA

T: 9988 9599

E: VASSALLOWORKS@GMAIL.COM

*For all types of custom made and bespoke kitchens, doors, bedrooms, bathroom vanities and loose furniture. Carefully built to last*








Condominium Management
Long Let Management
Short Let Management
Commercial Management
Facility Management
Mall Management
Rent Collection
Key Holding Services
Call us today to help you with your Property Management needs.
We provide an effective and tailor made solution to suit your needs!
Victor Estate
PROPERTY MANAGEMENT




# JASON'S TRANSPORT

***For all kinds of transport such as:***
***Weddings, Airport Transfers,***
***Full and Half Day Malta and Gozo Tours***
***and all other occasions***

***Call or Whatsapp on 79469540***




VZ lines ltd.
Gear Up for the Road with Our Comprehensive Driving Lessons!
We simplify your journey to a driver's license with our 3 easy steps.
Apply online now!
www.vzlines.com.mt


Tal-Plitt
Frott u haxix frisk minn tal-Imġarr
Triq Sir Temi Zammit
Żebbiegħ - Mġarr
Tel: 9923 6219
Opening hours:
Mon-Fri: 9 am - 7pm
Sat, Sun & Public Holidays:
8:30am - 6pm



# Storja ta' 'l Fuq Minn Mitt Sena

**Emanuel Vella**
**F'isem il-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imġarr**




Dawn huma erba' kelmiet biex naqsam magħkom l-istorja tal-ħidma piroteknika tal-kamra tan-nar tal-familja Vella, li llum magħrufa bħala l-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imġarr. Mhux biss, imma ma nistax naqsam magħkom dan it-tagħrif mingħajr ma nfakkar id-diżgrazzja li laqtet lil din il-familja ftit iktar minn ħamsin sena ilu.

Il-ħidma fil-piroteknika fil-familja bdiet qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, però laħqet il-qofol tagħha wara li spiċċat il-gwerra. Ġanni Vella beda jipproduċi l-logħob tan-nar fuq skala kummerċjali bħala n-negozju tal-familja. Ix-xogħol f'din l-arti kiber u l-familja Vella kienet nominata f'dan il-qasam. Konna tnax aħwa, seba' subien u ħamest ibniet. Kulħadd kien jagħti sehmu, kemm fix-xogħol tar-raba' u speċjalment fix-xogħol tal-logħob tan-nar, min b'mod u min b'ieħor. Konna nagħmlu xogħol tan-nar għal ħafna bliet u rħula madwar Malta u Għawdex. Ġieli kien ikollna iktar minn festa waħda x'narmaw f'ġurnata.

Dan il-kumpless f'Tar-Ramlija mill-1963 serva wkoll ta' refuġju għal ħafna għaqdiet u individwi dilettanti tal-piroteknika li kellhom diffikultajiet fl-irħula rispettivi tagħhom. Il-Mosta, il-Mellieħa, ir-Rabat, Ħal Għargħur, Ħal Lija u oħrajn sabu l-kenn u kull għajnuna mingħajr interessi meta kienu fil-bżonn. Ħadd qatt ma ġie rifjutat.



*Il-vittmi tal-inċident tal-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imġarr*

Sfortunatament il-ħidma tal-piroteknika fiha element ta' periklu. Fit-23 ta' Frar 1972 inċident żgħir b'konsegwenzi kbar ħasad il-ħajja ta' tliet aħwa fil-fjur ta' ħajjithom waqt li kienu qed jaħdmu fil-kamra tan-nar. Il-vittmi kienu Jimmy ta' 28 sena, Żaren ta' 21 sena u Ġovann ta' 19-il sena. Jimmy kien ilu erba' xhur biss miżżewweġ. Din kienet traġedja kbira għall-familja iżda wkoll għar-raħal u għad-dilettanti kollha tal-logħob



*Leli Vella jaħdem fuq murtal tal-logħob*

tan-nar, peress li l-familja kienet magħrufa għall-professjonalità fil-produzzjoni tan-nar. Jimmy, Żaren u Ġovann mhuma qatt minsijin, u għalkemm uliedna ma jafuhomx, bir-rakkonti tagħna naċċertaw il-memorja tagħhom.

Illum ix-xogħol tagħna għall-festa jsir b'mod volontarju, bl-għajnuna kemm ta' individwi mir-raħal kif ukoll oħrajn li mhumiex Imġarrin. Fil-fatt ma' dik id-donazzjoni li tagħti l-Knisja dejjem ikun meħtieġ li naħdmu nar għall-festi titulari ta' bliet u rħula oħra u festivals nazzjonali, biex mill-qligħ li jibqa' nkunu nistgħu nixtru l-materjal għan-nar. B'hekk ikollna festa iktar xierqa għar-raħal tagħna.

Allura se nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li matul is-snin, fi storja ta' 'l fuq minn mitt sena, taw l-għajnuna tagħhom u wrew solidarjetà mal-kamra tan-nar Santa Marija tal-Imġarr. Iddeċidejt li ma nsemmix l-ismijiet tal-familjari, il-ħbieb u l-voluntiera li taw l-għajnuna tagħhom, ħadmu u appoġġjaw lil din il-familja, għax kieku nispiċċa nikteb ktieb. Jien illum inħossni grat, fortunat u onorat li dawn in-nies tawni ċ-ċans u l-opportunità mingħajr ebda interess. B'żewġ ġenerazzjonijiet qabżu l-mitt sena fix-xogħol tal-logħob tan-nar għar-raħal tagħna l-Imġarr.



*Ġanni Vella waqt ix-xogħol tal-piroteknika*

Issa tassew naħseb li wasal iż-żmien li allura, kif jgħidu, kull bidu għandu tmiem. Storja twila ta' sagrifiċċju, xogħol u qsim il-qalb imma wkoll mimlija sodisfazzjon. Ġrajja li issa nistgħu ngħidu li hi tal-passat. Imma l-istorja tal-familja tagħna tibqa' teżisti, memorja għażiża ta' determinazzjoni bla waqfien u sforz bla heda li għadha tispirana sal-lum biex dak kollu li nagħmlu nagħmluh b'rispett, bi mħabba u għall-ġid tagħna u ta' dawk ta' madwarna.



*Membri tal-kamra tan-nar Santa Marija flimkien mal-ħarqa preparata għal waħda mill-festi ta' Santa Marija tal-Imġarr*

Jien nispera u verament nittama li min jidħol fiż-żmien tagħna jagħmel l-istess, b'responsabbiltà u dedikazzjoni lejn ix-xogħol tal-logħob tan-nar u fl-aħħar mill-aħħar bi mħabba lejn ir-raħal u l-festa tagħna.


# Treecake Confectionery

**Caterers for all Occasions**

Jesmond Cauchi – Managing Director

Independence Avenue,
Mosta - Malta
Tel: 2143 2859
Mob: 9946 4060



# Road to my Mġarr

Deborah Scerri

After a two-week holiday in Malta, my first time visiting, I met this amazing man who followed me everywhere! But all good things come to an end. As the holiday was over we said our goodbye while promising to keep in touch, and I jetted off back to the UK.

To be honest it was a holiday romance, so I didn't really believe he would keep in contact or even remember me. Lo and behold, as I unlocked my door at home I could hear the phone ringing and it was him! From then on he phoned 2 or 3 times each day, sending letters twice a week (in the olden days). I travelled to Malta most weekends and our love blossomed.

A few months later I tried calling him and got a wrong number. From this I started my first job in Malta. Then the big one: I needed to sell my house in England in the middle of a recession. Lady luck was on my side and the first people to view the property bought it. So there I was, on a plane leaving life as I knew it and heading for a new life in Malta.

Life wasn't easy to begin with, learning new customs, a new job, and don't forget the language. But we made it. We set up home together in St Paul's Bay, ran a successful restaurant, raised two children, and let's not forget the numerous pets we kept, almost a zoo at times.

Fast forward 20 odd years later and still together we finally decided that a wedding was in order. So we did the best day of our lives and the best party we had had in years.

Now in our golden years we look at St Paul's Bay and decided it was time for a change for the better. After months of searching we finally agreed and settled in the most beautiful village of Mġarr. Thank you for making us feel welcome and your amazing community spirit.

*Żomm 'il bogħod mid-droga*
*Għid le għad-droga*

# Fid-Dell tal-Kampnari

**Nadine Zammit**

*Rebbieħa tas-sittax-il edizzjoni tal-konkors internazzjonali tal-kitba 'A Sea of Words' li sar ġewwa Barċelona f'Novembru,2023*

Ma kinitx l-ewwel darba li ntfajna bilqiegħda fuq dak iċ-ċint baxx baxx nilagħqu x-xemx. Dakinhar ersaqna f'roqgħa dell li tħobb tħalli taħtha l-ħarruba tan-nannu, li ngħiduha kif inhi, issa qdiemet daqsu u estendiet ġisimha sa nofs it-triq. Did-darba kienet iktar speċjali mis-soltu. Preparajt kollox bir-reqqa, kollox sal-inqas dettall. Ridtha tkun lejla perfetta. It-taħbita ta' qalbi tambret f'widnejja u nifdet it-tħaxwix tal-ħarruba, li bil-friegħi mislutin tagħha taptpitli fuq spallti u fakkritni biex nibqa' kalm, inlissen kliemi bil-mod u ma noħroġx ta' baħnan.

Biex nikkalma ftit ħarist lejn l-orizzont, li għalkemm issa qed jitberfel sew bil-blokkijiet tal-appartamenti u l-krejnijiet xorta waħda għadu kkaratterizzat mill-forma tal-koppla Mġarrija u tal-kampnari li fi nżul ix-xemx għadhom jixħtu dellhom fuq dawk li jippruvaw jilħquhom jew joħonquhom. Tfajt ħarsti wkoll fuq it-tabella niexfa mdendla mal-grada ta' ħdejna: "TITHOLX. PRIVET". Iż-żebgħa bjadet, it-truf ittieklu u l-ħabel li jżommha mill-ġnub iżżarrat u swied, imma l-messaġġ li ried iwassal Toni l-Għawdxi daqs għaxar snin ilu baqa' ċar u effettiv. Għal mument tbissimt. Steph donnha qratli moħħi u ħarset lejn it-tabella hi wkoll.



*L-orizzont tal-Imġarr*

"Kif qatt ma indenja ruħu jbiddilha, għid? Dejjem iddaħħaqni l-'PRIVET'."

Dak il-ħin qalbi reġgħet tat is-salt u ftakart fid-dixx sħun li kont qed inżomm fuq ħoġri – kien għoddu xwieli kuxxtejja u l-pala t'idi.

"Ħa, ħu biċċa!" Kienet moħmija perfetta: lixxa, bit-truf iqarmċu, maqtugħa preċiżament f'erbgħa.

"Ara, dik qassata tal-qara' aħmar?" staqsiet waqt li ġibdet biċċa.

"Jien 'torta' nsejħilha, imma insomma… Ija, jien għamiltha; għallmitni kif iz-zija. Togħġbok?"

Għamlitli sinjal b'rasha li jikkonferma kemm sirt xeff ta' kalibru għoli, mesħet xofftejha u tbissmitli b'għajnejha l-istess tbissima li kienet tatni l-ewwel darba li ltqajt magħha.

* * *

Fis-sjuf ta' meta kont għadni ċkejken mhux darba jew tnejn li z-zija Pawlina ħaditni magħha nagħmlu r-ronda ta' filgħodu, li kienet tibda b'parlata taħt iz-zuntier ma' kull min kien lest jismagħha u tispiċċa b'xirja ħafifa mingħand tal-grocer ftit 'l isfel mill-knisja. Marì Karm kienet ħaditha drawwa tagħfasli wiċċi wara li tkun messet it-tadam kollu fil-kannestru biex tara liema jogħġobha l-iktar, waqt li oħtha Rina kienet tipprova tevita 'l kulħadd, tixtri biss il-bżonnijiet u qabel taħrab 'l hemm tgħodd il-muniti għal darba, tnejn li ma jmurx tal-ħanut ikun serqilha xi ċenteżmu. Tessie tar-Rajxu niftakarha tidħol kull filgħodu xxandar bullettin aġġornat tal-aħbarijiet tar-raħal filwaqt li Moira Quintano kienet ta' ftit kliem, titbissem biss 'il min kienet tqisu tal-kalibru tagħha – 'il min kien jidher pulit u raffinat.

Il-ħarsa nkejjuża ta' Steph ilmaħtha l-ewwel darba qalb il-kannestri tal-qaqoċċ u l-pastard, imbagħad tħuf bejn l-ixkafef tal-għaġin u l-bottijiet tal-polpa tat-tadam. Kienet qaltli li jisimha Stephanie, li għalkemm nannitha kienet minn hawn hi kienet tgħix il-Mosta u li ċ-ċikkulata favorita tagħha kienet il-Mars. Bdejt nilmaħha kull nhar ta' Sibt filgħodu mqabbda labranzetta ma' nannitha, jien u ndur madwar il-ħanut infittex fejn tkun ħarbitli z-zija. Nannitha kienet toqgħod erba' bibien biss 'l isfel minna. Kienet tafna sew. Mhux l-ewwel darba li xtratli flixkun luminata u xi pakkett Twistees (minkejja l-protesti taz-zija Pawlina). Il-luminata kont inħobbha imma t-Twistees qatt ma kien ħabib tiegħi. Qatt ma lmentajt, però. B'dawk kienet temmen in-nanna tagħha.

Sirna ħbieb jien u Steph, u kif tfarfarna bdejt noħodha miegħi l-għalqa tan-nannu wara xi ċanfira tajba mingħand iz-zija biex noqgħod bil-għaqal u biex nieħu ħsiebha. Konna nqattgħu ġranet sħaħ miegħu: nisirqulu l-frawli minn taħt, niżfnu fuq iċ-ċnut tal-għejun, qalb qargħat ta' kull ġens ippustjati għax-xemx waħda ħdejn l-oħra, u nintelqu taħt il-ħarruba, niflu d-dell tal-kampnari minquxa f'orizzont ikkulurit. In-nannu kienet ittih rasu meta kien isibna niġru wara l-fniek u nittantawlu l-kelb tal-but anzjan tad-daqna griża jew lid-debba l-bajda, li bla dubju kienet tibża' mill-kelb iktar milli hu kien jibża' minnha.

Mill-għalqa tan-nannu l-ħaxix kien ta' sikwit isib ruħu jgħum fis-sink taz-zija Pawlina, li għadha sal-lum tieħu ħsieb lil ħuha li romol żgħir u li dejjem ħass id-dmir li jġibilha l-frott u l-ħaxix biex tkompli żżommlu kumpanija mqar għal ftit snin oħra. Kienet l-għaxqa tagħna narawha taħsel, tqaxxar u tqatta' fil-kċina miżbugħa ħadra ċara u miżgħuda bit-tiġieġ taċ-ċeramika, važetti tal-pikles u envelopes vojta tad-dawl u l-ilma – dawn kienet iżżommhom f'rokna għal meta jkollha bżonn tniżżel xi numru tat-telefown jew tħarbex xi kont malajr malajr. Jien u Steph konna nitpaxxew bih, l-ikel taz-zija. Imdawrin mal-mejda ċelesta tal-formajka fil-kċina l-ħadra xejn ma kien jinżel għasel iktar minn biċċa qassata tal-qara' kif kienet taf tagħmilha hi.

Iż-żmien għadda minn fuqna bħal moħriet, jien u Steph kbirna sew u l-knisja xegħlet b'kuluri mdawlin dakinhar li staqsejtha toħroġ miegħi l-ewwel darba. Iltqajna waqt l-Lejla Mġarrija ta' xi għaxar snin ilu, fejn konna dħaqna u għoxejna bl-ikbar u l-iktar selezzjoni ta' qargħat strambi li qatt kellna l-grazzja li naraw b'għajnejna. Bdiet tħuf u ddur fuq il-pallets tal-injam u għall-ewwel darba taħt id-dwal lewwiena

tal-kampnari nnutajt il-ħarsa nkejjuża ta' tfulitha, is-sbuħija ta' xagħarha li xeblek fuq spallejha somor u l-ħlewwa ta' ħaddejha li lanqas il-ġelat tal-Mars li xtrajtilha ma kien jibda magħhom. Bilqiegħda fuq siġġu wara l-knisja u b'xofftejha mżejnin biċ-ċikkulata kienet qaltli li hi wkoll xtaqet tibda toħroġ miegħi.



*Esebizzjoni tal-ħaxix waqt Lejla Mġarrija*

Meta bdejt insuq ħlift li nimpressjonaha kemm niflaħ billi dejjem ngħaddi għaliha jien. Ma nafx kemm qatgħet figura tajba l-Fiat Punto mqaxxra t'ommi, li kienet xebgħet iddaħħan, miżjuda b'żewġ bibien barranin u bit-twieqi difettużi. Imma insomma. Bdejna niltaqgħu iktar barra mir-raħal, imma l-Imġarr baqa' dejjem għal qalbna. Il-kampnari mdawlin tal-knisja bqajna ngawduhom kull sena f'Santa Marija, flimkien mad-daqq tal-banda u n-nar tal-festa. Ġieli gawdejniehom minn fuq iz-zuntier u ġieli mill-bogħod – minn fuq iċ-ċint baxx tal-għalqa tan-nannu.

"Meta beħsiebek titgħarras, xifajk?" qaltli z-zija l-ġimgħa l-oħra.

Ħassejt ix-xifer tal-mejda tal-formajka joqrosli minkbi u minnufih qlajt ħarsti minn fuq it-televixin. Innutajt kemm tfarfar kulur il-ħitan, kemm għakkisha ż-żmien liz-zija Pawlina u kemm akkumulaw taħthom santi tal-mejtin l-ornamenti ta' ġol-kċina.

"Biex ngħidlek il-verità ġa xtrajtilha ċurkett." Wiċċha xegħel.

"Għall-grazzja tal-Bambin!"

"... Imma nixtieq li nipproponilha sew, forsi noħodha f'xi restorant sabiħ... jew nippjana xi holiday."

"Jew forsi qed tikkumplikaha żżejjed... Ftakar minn fej' bdejtu," qaltli hi u tnewwilli l-platt.

Il-bank tal-kċina kien għadu ħa jsiefer bil-ħaxix imqatta', il-borom u d-dixxijiet. U dak il-ħin ġietni idea!

"Zi, tgħallimni kif nagħmel qassata tal-qara' aħmar?"

"Mela! Da' x'kien? Kif tiekol ġib ġiex basliet u ejja ħdejja."

*Żomm ruħek aġġornat żur is-sit uffiċjali tagħna www.bandamgarr.com*

# Il-Ħila tar-Reżiljenza

Claudine Muscat B.Ed. (Hons), MBA

Ir-reżiljenza tfisser li tkun kapaċi tlaħħaq ma' avvenimenti diffiċli tal-ħajja u terġa' tqum lura fuq saqajk. Ir-reżiljenza hija l-proċess ta' adattament meta tkun iffaċċjat minn trawma, stress jew kwalunkwe tip ta' għawġ jew tbatija emozzjonali. Pic 20

Li tkun reżiljenti ma jfissirx li ma tesperjenzax uġigħ u weġgħat. Xi ħadd li huwa reżiljenti jiffaċċja u jaffronta sitwazzjonijiet ibsin tal-ħajja bid-diffikultajiet u l-emozzjonijiet kollha li jġibu magħhom. Persuni b'reżiljenza jipproċessaw dawn iż-żminijiet ta' sfida, jibnu l-fiduċja fihom infushom u l-ħila li jkampaw matul żminijiet ibsin.

Tipi differenti ta' esperjenzi tal-ħajja li joffrulek sfida jistgħu jittestjaw ir-reżiljenza tiegħek, bħal mard, it-telfa ta' xi ħadd maħbub, avveniment trawmatiku, it-telf tal-impjieg, problemi familjari u ta' relazzjonijiet, inċident kbir jew bullying.



*Bħal fjura li ssib mezz kif tiffjorixxi f'kundizzjonijiet diffiċli, il-bniedem għandu jibni fih l-istess ħila ta' reżiljenza biex jegħleb kwalunkwe sfida*

Meta kriżi bħal dawn isseħħ f'ħajtek huwa normali li tiġġieled kontra emozzjonijiet li jweġġgħuk. Iżda huwa importanti wkoll li tiftakar li eventwalment dawn is-sentimenti se jgħaddu u se jaslu żminijiet aħjar, sabiex tibda tnissel fik il-ħila tar-reżiljenza u tibqa' tiżviluppaha aktar.

### *Għaliex hija importanti r-reżiljenza?*

Ir-reżiljenza hija importanti għax ma nistgħux naħarbu minn sitwazzjonijiet diffiċli fil-ħajja. Dejjem se jkun hemm sfida x'negħlbu, u jekk inkunu reżiljenti nkunu nistgħu niffaċċjaw dawn l-isfidi b'mod effettiv.

Ir-reżiljenza hija ħila siewja tal-ħajja, għaliex hija essenzjali biex titgħallem kif terġa' tqum u tkompli wara li tiffaċċja sfida diffiċli, tkun xi tkun. Meta nkunu reżiljenti nkunu aktar kunfidenti fina nfusna u fil-kapaċitajiet tagħna. Dawn huma kwalitajiet fundamentali għall-ħajja ġenerali tagħna, għaliex meta nemmnu aktar fina nfusna nkunu aktar motivati biex nirnexxu.

Attitudni reżiljenti hija importanti għall-oqsma kollha tal-ħajja, inklużi x-xogħol, ir-relazzjonijiet, id-dar u fuq livell personali. Oqsma differenti jistgħu jippreżentaw

sfidi fi żminijiet differenti; għalhekk li tibni reżiljenza fik se jgħinek tlaħħaq ma' kwalunkwe sfida li tiġi fi triqtek.

Il-persuni li ma żviluppawx ir-reżiljenza tagħhom spiss se jħossuhom fraġli u bla tama meta jseħħu avvenimenti diffiċli f'ħajjithom. Jista' jkun stressanti li tiffaċċja l-għawġ mingħajr ma tkun taf kif tista' tgħin lilek innifsek biex tilqa' għal dawn is-sitwazzjonijiet. Xi nies jistgħu jirrikorru għal strateġiji mhux tajbin għas-saħħa biex ikampaw fl-avvenimenti diffiċli ta' ħajjithom, bħal li jabbużaw mis-sustanzi jew jiżolaw ruħhom.

Li tkun reżiljenti jippermettilek li l-ewwel taċċetta sitwazzjoni u mbagħad tadatta ruħek għaliha, billi tgħaddi mid-diffikultà b'fiduċja fik innifsek li tista' tegħlibha. Allura għala r-reżiljenza hija importanti? Għax ir-reżiljenza tkattarlek il-ħiliet, il-kunfidenza u l-għarfien li għandek bżonn biex tgħaddi mid-diffikultajiet, tqum fuq saqajk wara l-fallimenti u tikseb dak kollu li tkun qed taħdem għalih!




*Ix-xogħol volontarju joffrilek mod kif issaħħaħ fik ir-reżiljenza. Bosta Mġarrin jagħtu sehem dirett fil-qasam volontarju, inkluż fil-preparamenti tal-festa tal-patruna Santa Marija*

### *Is-7 'k' tar-reżiljenza*

It-tabib mediku Ken Ginsburg MD żviluppa mudell, imsejjaħ is-7 'k' tar-reżiljenza, biex jgħin lit-tfal u l-adolexxenti jiżviluppaw il-ħiliet biex isiru aktar reżiljenti. Dawn jinkludu seba' kwalitajiet:

Kompetenza – Meta temmen li int kompetenti u kapaċi timmaniġġja kwalunkwe sitwazzjoni li l-ħajja tista' titfa' fuqek, dan itik is-saħħa interna biex tiffaċċja t-tbatijiet.

Kunfidenza – Tista' tiżviluppa l-kunfidenza billi turi l-kompetenza. Dan ifisser li tiffaċċja sitwazzjonijiet fil-ħajja reali u maż-żmien tibni fik il-kunfidenza li inti kapaċi timmaniġġjahom.

Konnessjoni – Li jkollok sistema ta' appoġġ madwarek huwa verament importanti biex jgħinek tiżviluppa r-reżiljenza. Konnessjonijiet mill-qrib mal-familja u l-ħbieb jistgħu jgħinuk tkampa fi ġrajjiet diffiċli f'ħajtek. Dawn ir-relazzjonijiet ituk serħan li hemm persuni affidabbli li tista' sserraħ fuqhom meta jkollok bżonn l-appoġġ.

Karattru – Individwi jistgħu jiżviluppaw l-istima u l-kunfidenza fihom infushom billi jiżviluppaw il-karattru tagħhom. Il-morali (li tkun taf x'inhu tajjeb jew ħażin) tgħinek tieħu deċiżjonijiet responsabbli, tiżviluppa il-fiduċja kif ukoll tikkontribwixxi għas-soċjetà.

Kontribut – Li jkollok sens ta' skop huwa sinifikanti biex itik motivazzjoni fil-ħajja. Il-kontribut għall-komunità tiegħek jista' jkun tassew ta' sodisfazzjon u jgħinek tiżviluppa konnessjonijiet man-nies ta' madwarek. Pic 21

Li tkampa – Ir-reżiljenza tirrelata direttament ma' kif persuna tkampa mal-istress. L-iżvilupp ta' strateġiji tajbin li jgħinuk tkampa huwa importanti biex tindirizza l-istress u l-għawġ aħjar.

Kontroll – Li tkun taf li għandek kontroll fuq id-deċiżjonijiet li tieħu f'ħajtek jista' jgħinek tħossok iktar ispirat f'ħajtek. Li tiffaċċja l-problemi b'perspettiva li se ssib soluzzjoni ghalihom jippermettilek tieħu ħsieb l-affarijiet li tista' tikkontrolla fil-ħajja, u dan juri l-kompetenza tiegħek.

Bla dubju s-suġġett tar-reżiljenza jolqot lil bosta individwi, għax finalment kull persuna se jkollha taffaċċja ċirkostanzi ibsin f'ħajjitha – din hija xi ħaġa inevitabbli. Mhux dejjem ikollna kontroll fuq dawn is-sitwazzjonijiet li jiġu fuqna, u għaldaqstant huwa importanti li nifhmu xi tfisser eżatt li persuna tkun reżiljenti. Nittama li permezz ta' dan l-artiklu tqajjem aktar għarfien dwar dan is-suġġett, filwaqt li nitgħallmu nuru aktar empatija lejn xulxin u niġġudikaw inqas… għaliex qatt ma nkunu nafu persuna x'qed taffronta f'ħajjitha jew kemm kellha triq diffiċli sakemm waslet fil-quċċata tas-suċċess.






# Id-Divorzju

**Dr Sonia Consiglio LL.D.**
**Konsulent Legali**

Għalkemm meta l-koppja jagħżlu li jisseparaw dan ifisser bidla sinifikanti fir-relazzjoni tagħhom, is-separazzjoni ma ttemmx iż-żwieġ. Malli koppja jikkuntrattaw żwieġ il-liġi tipprovdi li għandhom juru fedeltà kif ukoll appoġġ morali u materjali lil xulxin. Iż-żewġ partijiet huma obbligati li jikkontribwixxu għall-bżonnijiet tal-familja skont il-mezzi u l-kapaċitajiet tagħhom, u dawk li jkunu ġenituri għandhom id-dmir li jieħdu ħsieb, iżommu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom.

Ladarba l-koppja jisseparaw, ċerti obbligi taż-żwieġ jiġu fit-tmiem tagħhom, bħal pereżempju jintemm l-obbligu li jgħixu flimkien u li jżommu lil xulxin materjalment u emozzjonalment, madanakollu r-rabta legali taż-żwieġ tibqa' hemm. Għaldaqstant huwa importanti li ssir distinzjoni bejn separazzjoni u divorzju jew annullament, peress li huma dawn tal-aħħar li jxolju formalment żwieġ.

Is-separazzjoni tippermetti lill-koppja jgħixu separatament. Dan isir b'kuntratt pubbliku, inkella b'sentenza tal-Qorti li tkun tkopri fost l-oħrajn il-finanzi, il-proprjetà, il-kura u l-kustodja flimkien mal-aċċess tat-tfal. Dan l-arranġament jgħin lill-koppja jamministraw ħajjithom b'mod indipendenti filwaqt li jkunu għadhom miżżewġin legalment. Is-separazzjoni tista' tipprovdi perjodu ta' riflessjoni u tagħti ż-żmien lill-koppja sabiex jiddeċiedu jekk ifittxux id-divorzju jew forsi jirrikonċiljaw, inkella jżommu s-separazzjoni għal żmien indefinit.

Biex iż-żwieġ jintemm għalkollox il-koppja jridu jersqu għad-divorzju jew inkella għall-annullament. Id-divorzju huwa proċess legali li jxolji għalkollox iż-żwieġ legali u jiddikjara li l-miżżewġin jerġgħu jieħdu l-istatus ta' ġuvni jew xebba, filwaqt li l-annullament, li jista' jingħata mill-Qorti jew inkella mit-Tribunal tal-Knisja (jekk iż-żwieġ kien iċċelebrat skont ir-rit Ruman Kattoliku), jiddikjara ż-żwieġ null u bla effett, bħallikieku qatt ma eżista legalment.

Skont il-liġi kull wieħed mill-konjuġi għandu d-dritt li jitlob id-divorzju, fi kliem ieħor ix-xoljiment taż-żwieġ. Dan jista' jsir jew flimkien miż-żewġ partijiet jew minn wieħed mill-konjuġi kontra l-ieħor. Il-Qrati ta' ġuriżdizzjoni ċivili f'Malta għandhom ġuriżdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju jekk mill-inqas wieħed mill-partijiet ikun domiċiljat f'Malta fid-data tal-preżentata tat-talba għad-divorzju, jew mill-inqas wieħed mill-partijiet ikun residenti f'Malta għal perjodu ta' sena immedjatament qabel il-preżentazzjoni tat-talba għad-divorzju.

Sabiex talba għad-divorzju tiġi milqugħa jridu jkunu sodisfatti ċerti kundizzjonijiet:

1. Jekk it-talba għad-divorzju ssir flimkien miż-żewġ partijiet, dawn iridu jkunu

għexu separati għal mill-inqas sitt xhur mis-sena preċedenti. Jekk it-talba ssir minn parti waħda, iridu jkunu għexu 'l bogħod minn xulxin għal mill-inqas sena mis-sentejn preċedenti; jew

2. Fid-data tal-bidu tal-proċeduri tad-divorzju l-konjuġi jkunu separati permezz ta' kuntratt jew sentenza tal-Qorti; u
3. Il-qorti tkun sodisfatta li m'hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet; u
4. Kemm il-partijiet (sakemm dawn ma jirrinunzjawx) kif ukoll it-tfal tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn dan ikun dovut, skont iċ-ċirkustanzi partikolari tagħhom.

Ladarba l-Qorti tivverifika li l-kundizzjonijiet rikjesti mil-liġi huma sodisfatti, tipproċedi biex tisma' u tiddeċiedi dwar it-talbiet magħmula mill-partijiet.

F'każ li tkun biss parti waħda li tapplika għad-divorzju, din il-parti m'għandhiex għalfejn tattribwixxi tort lill-parti l-oħra, għaliex jekk il-partijiet ikunu diġà separati b'kuntratt jew sentenza tal-Qorti, it-talba hija limitata għax-xoljiment taż-żwieġ. Il-parti l-oħra tista' tikkontesta d-divorzju billi tipprova li l-parti li tkun applikat għalih ma tkunx qed tħallas il-manteniment dovut, u b'hekk ikun aktar diffiċli għalih jew għaliha li jiġi żgurat il-ħlas tal-manteniment jekk id-divorzju jipproċedi. Jekk ma jkunx hemm separazzjoni minn qabel, il-parti li tapplika għad-divorzju tista' tagħmel talbiet addizzjonali permissibbli f'kawża għal separazzjoni, filwaqt li l-parti l-oħra tista' tilqa' billi tressaq id-difiża kollha li dik il-parti kienet tkun intitolata tagħmel f'kawża għal separazzjoni.

Bħal fil-każijiet ta' separazzjonijiet kontenzjużi, f'kawża ta' divorzju fejn ma hemmx separazzjoni b'kuntratt jew sentenza tal-Qorti, il-Qorti tista' tapplika dawk id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti kontra dik il-parti li tinstab responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ minħabba raġunijiet speċifikati fil-liġi. Il-liġi tippermetti li kull parti f'kawża ta' separazzjoni tikkonverti t-talba tagħha f'talba għad-divorzju, u għalhekk ninnutaw li hemm ċerta flessibbiltà f'dawn il-proċedimenti legali. Il-Qorti tivverifika li l-kundizzjonijiet għad-divorzju huma sodisfatti u tiddeċiedi kif ikun xieraq.

Għal dawk il-partijiet li jagħżlu li jmorru għad-divorzju mingħajr ma jkollhom kuntratt ta' separazzjoni jew sentenza tal-Qorti f'dan ir-rigward, il-liġi timponi fuq l-avukati li dawn iridu jiddiskutu l-possibbiltajiet ta' rikonċiljazzjoni mal-klijenti tagħhom u jipprovdu lill-klijenti tagħhom id-dettalji u informazzjoni mingħand professjonisti kkwalifikati biex jgħinu fil-proċess ta' rikonċiljazzjoni. F'kelma waħda l-liġi trid li l-avukati jiżguraw li l-klijenti tagħhom ikunu konxji li jistgħu jmorru għal separazzjoni personali bħala alternattiva għad-divorzju. L-għan ta' dawn il-miżuri huwa li jissalvagwardja l-istituzzjoni taż-żwieġ u forsi anke jagħti ċans lill-partijiet jieħdu l-ħin tagħhom sabiex id-deċiżjoni tagħhom tkun waħda infurmata.

Meta parti waħda jew iż-żewġ partijiet jagħmlu talba għad-divorzju u ma jkunux separati permezz ta' kuntratt pubbliku jew sentenza tal-Qorti, il-Qorti għandha s-setgħa taħtar medjatur biex jassisti fir-rikonċiljazzjoni u jgħin lill-partijiet jilħqu ftehim dwar kwistjonijiet bħall-kura u l-kustodja tat-tfal kif ukoll l-aċċess għalihom, il-manteniment ta' kull wild u ta' xi parti jekk ikun il-każ, u d-diviżjoni tal-assi. F'kull każ waqt kawża

ta' divorzju, anke meta jkun hemm kuntratt ta' separazzjoni jew sentenza tal-Qorti, jekk meħtieġ, il-Qorti li tkun qed tisma' d-divorzju tista' wkoll taħtar avukat tat-tfal u tisma' l-opinjonijiet tat-tfal, billi tagħti prijorità lill-aħjar interessi tagħhom. Barra minn hekk il-Qorti fis-sentenza tista' tordna li l-ħlasijiet tal-manteniment jiġu żgurati b'garanzija raġonevoli, meta mill-provi fil-kawża jirriżulta illi waqt is-smigħ jew qabel ma bdiet il-kawża l-parti li kontra tagħha tkun qed tintalab il-garanzija ma tkunx ħallset il-manteniment, jew meta jkun hemm ċirkostanzi serji oħra.

Aspett kritiku tal-proċedimenti tad-divorzju huwa l-kunfidenzjalità tal-isforzi ta' rikonċiljazzjoni. Il-liġi hija ċara li kwalunkwe komunikazzjoni verbali jew bil-miktub li ssir bejn il-konjuġi, jew minn parti terza, waqt tentattivi ta' rikonċiljazzjoni jew waqt li jkunu qed jinnegozjaw it-termini għad-divorzju, hija inammissibbli bħala prova fil-Qorti. Dan sabiex id-diskussjonijiet ikunu miftuħa u onesti mingħajr biża' li kliem il-partijiet jintuża fil-Qorti kontrihom waqt il-kawża. L-għan huwa li jitrawwem ambjent li jwassal għar-rikonċiljazzjoni jew soluzzjoni bonarja.

Meta Qorti ċivili kompetenti tippronunzja divorzju, dan iġib diversi bidliet sinifikanti, fosthom id-dritt li persuna tiżżewweġ mill-ġdid. Mad-divorzju ż-żewġ partijiet jiksbu d-dritt li jerġgħu jiżżewġu u jtemmu formalment l-istat ċivili preċedenti tagħhom. Madanakollu l-pronunzja tad-divorzju ma taffettwax id-drittijiet u l-obbligi tal-ġenituri lejn uliedhom. Dak kollu li l-partijiet ikunu ftiehmu rigward uliedhom ma jintemmx bid-divorzju però jibqa' validu u fis-seħħ sakemm dawn jilħqu l-età maġġorenni. Id-divorzju lanqas ma jinvalida xi ftehim jew obbligu li diġà jkunu wettqu jew li jkunu għad iridu jwettqu l-partijiet favur terzi. Dan jiżgura li l-obbligi tan-negozju jew kuntrattwali ma jiġux affettwati bix-xoljiment taż-żwieġ.

Wara d-divorzju l-effetti kollha ċivili u l-obbligu legali għall-konjuġi li jikkoabitaw jieqaf għalkollox, għalkemm meta jkun hemm kuntratt ta' separazzjoni jew sentenza tal-Qorti dawn ikunu diġà ġew itterminati. Id-divorzju jtemm ukoll id-drittijiet tal-partijiet li jirtu minn xulxin, b'effett mid-data li fiha s-sentenza tad-divorzju ssir finali.

Il-liġi tad-divorzju tindirizza wkoll l-effetti ta' meta parti ddivorzjata tiżżewweġ mill-ġdid jew tidħol f'relazzjoni personali ġdida fejn it-tali relazzjoni ġġib magħha l-obbligu tal-manteniment. Jekk parti li tirċievi l-manteniment minn żwieġ preċedenti terġa' tiżżewweġ, jew tidħol f'relazzjoni u jirriżulta li terza persuna tassumi l-manteniment tagħha, hija titlef id-dritt li tirċievi l-manteniment mill-ex konjuġi tagħha. L-għan ta' dan huwa sabiex ma jkunx hemm obbligu doppju ta' manteniment. Madankollu, jekk il-manteniment taż-żwieġ preċedenti jkun tħallas bħala somma f'daqqa, din tibqa' mhux affettwata minn żwieġ mill-ġdid jew relazzjonijiet ġodda.

Il-liġijiet riveduti tad-divorzju taħt il-Kodiċi Ċivili jipprovdu qafas komprensiv għall-immaniġġjar tal-proċedimenti ta' divorzju, li anke jiżguraw li t-tentattivi ta' rikonċiljazzjoni jibqgħu kunfidenzjali, jiddeskrivu l-effetti tad-divorzju fuq diversi drittijiet u obbligi, u jiddefinixxu l-ġuriżdizzjoni tal-Qrati f'każijiet ta' divorzju. Dawn id-dispożizzjonijiet legali għandhom l-għan li jiffaċilitaw ix-xoljiment ġust u ordnat taż-żwiġijiet filwaqt li jipproteġu l-interessi tal-partijiet kollha involuti. Dawn il-klawżoli jipprovdu ċarezza u gwida matul dak li ħafna drabi huwa proċess emozzjonali u ta' sfida.



# Oreste Kirkop
# (1923-1998)

**mill-ktieb Għamlu Isem ta' Joe Julian Farrugia**

L-isem jitkellem waħdu. Meta ssemmi lil Oreste Kirkop tkun qiegħed tirreferi għal isem magħruf mad-dinja kollha, tenur prim kif ukoll stilla f'Hollywood, Malti li għamel isem fid-dinja tad-divertiment.

Oreste Kirkop twieled il-Ħamrun nhar is-26 ta' Lulju 1923. Ulied kienu ħdax, għalkemm wieħed miet żgħir ħafna. Oreste kien il-kbir fost is-subien. Ommhom kienet Fortunata Panzavecchia u missierhom Jean, Malti li trabba l-Alġier u Franza. Jean kien dilettant kbir tal-mużika, u għalkemm kien idoqq biss xi kordi fuq il-kitarra, kien iħobb jixtri diversi strumenti mużikali. Barra minn hekk Jean kien fost l-ewwel f'Malta li kellu radju u gramophone. Fil-familja, għalhekk, kienu joqogħdu jdoqqu l-mużika, speċjalment marċi ta' John Philip Sousa, kanzunetti Naplitani jew opri. Minbarra r-radju u l-gramophone l-aħwa Chircop kienu jagħmlu festa kbira meta xi erbat irġiel kienu jgħaddu mit-triq tagħhom idoqqu xi strumenti bħall-mandolini jew il-kitarri. Dak iż-żmien ma kontx tisma' l-mużika xħin trid, bħal-lum.

Oreste kien tifel imqareb ħafna. Paċenzja ma kellu xejn, lanqas fil-logħob. Għalhekk, għax kien jiddejjaq li fil-futbol ħutu jiħdulu l-ballun, kien jippreferi li jilagħbu r-rugby. Peress li kien ikbar minn ħutu s-subien kien juża s-saħħa biex jirbaħ dejjem. Kien iħobb anki jiddwella. Id-dar kellhom xabla mal-ħajt li missierhom ma kienx iħallihom imissuha. Għalhekk kienu għamlu waħda bħalha tal-injam għal-logħob. Kienu jinġabru fl-għalqa tal-boċċi l-Ħamrun, tfal ikunu xi 40, jinqasmu fi tnejn u jagħmlu żewġ tumbati żgħar b'bandiera fuq kull waħda. Jiġġieldu ġlieda "xwabel" u min jieħu l-bandiera tal-oħrajn jirbaħ. Oreste kien iħobb joqgħod maġenb il-bandiera tiegħu u miskin min jersaq lejh!

Il-kant kien iħobbu wisq. Kien jintasab maġenb il-gramophone u erħilu jkanta miegħu. Maż-żmien ħuh Louis beda jdoqq l-accordion u kienu filgħaxija fis-sajf joħorġu fuq l-għatba barra d-dar, Louis idoqq u Oreste jkanta bħal dawk tal-mandolini.

Hekk kif beda jikber, ħabib tal-familja tah parir biex jieħu ħsieb il-vuċi. Qallu li kien wasal iż-żmien biex leħnu jinkiser, jew jaqleb lejn il-baritonali jew it-tenorali. Tawh parir ukoll jistudja t-Taljan minħabba



*Oreste Kirkop*

l-opra. Kien żmien il-gwerra u kulħadd kien ifittex kenn f'xi xelter. Mhux l-ewwel darba li kien ikun fix-xelter il-Belt u jkun hemm Charles Lucas bil-vjolin u Frank il-Bibi Camilleri bl-accordion u Oreste joqgħod ikanta magħhom. Il-bombi neżlin iżda l-mużika ma tiqafx.

Il-gwerra ġarrfet it-Teatru Rjal u Oreste ma laħaqx kanta fih. Ġara iżda li l-vestwarju tat-teatru baqa' sħiħ u ċertu Schembri tal-għaġin mill-Ħamrun bena r-Radio City Opera House, bl-iskop li hemmhekk jibdew jagħmlu l-opri bl-artisti Maltin. Bdew ifittxu l-vuċijiet għall-kor u xi ħadd qalilhom b'Oreste. Is-Surmast Antonio Muscat Azzopardi, li kien inkarigat mill-għażla, induna li Oreste kellu xi ħaġa aktar mill-koristi l-oħrajn. Għalhekk bagħtu għand it-tenur Nicolò Baldacchino, li għamel sitt xhur jgħallmu l-*Cavalleria Rusticana*. Oreste ma qal lil ħadd b'dan, għax beża' li jidħku bih, u kulħadd baqa' mingħalih li kien se jieħu sehem fil-kor biss. Iżda meta bdew il-provi, lejn Frar tal-1945, ħareġ ċar li Oreste kien se jagħmel il-parti prinċipali ta' Turiddu. Is-suċċess kien kbir – fi ftit żmien tgħallem 10 opri differenti u beda miexi dejjem 'il quddiem.

Darba kien il-Manoel qed isegwi r-*Rigoletto*. It-tenur li kellu l-parti tad-Duka ta' Mantova ħassu ma jiflaħx u Oreste ntalab ikompliha hu. Kienet tarġa oħra lejn is-suċċess, u minn dakinhar kanta ma' kantanti famużi bħal Tito Gobbi u Maria Canaglia.

Oreste daħal jaħdem mal-kumpanija tat-telefown, jirċievi t-telefonati fl-exchange. Kien jieħu ħafna pariri siewja mingħand Dun Frans Camilleri, u hekk kif deher li l-karriera tiegħu se tkun promettenti qatt ma kien jonqos milli jmur jiftaħ qalbu għand dan il-qassis.

Darba kien ġie Malta għal btala l-baritonu Josie Satariano mill-Ingilterra. Kif sema' lil Oreste jkanta ħajru jitgħallem l-opra bl-Ingliż, biex jittanta xortih fir-Renju Unit. Meta mar l-Ingilterra Oreste ħassu *homesick* u reġa' lura ma damx. Iżda għamel il-kuraġġ u reġa' mar. Xorta baqa' jikteb id-dar kull ġimgħa, u l-ewwel impenn tiegħu kien ma' Carl Rosa, kumpanija li ddur mal-Ingilterra kollha tagħti d-divertiment f'teatri prestiġjużi. Kien hemm kritiku partikolari li kien magħruf kemm kien aħrax ma' din il-kumpanija. Infatti dakinhar li kien se jkanta Oreste ma stednuhx. Dan il-kritiku mar xorta u kkritika lill-kumpanija mod ieħor: għala ma kinux stednuh meta ġabu tenur ta' dik il-klassi! Kien saħansitra qabblu ma' Caruso.

Wara tliet staġuni ma' Carl Rosa, Oreste mar ma' Sadlers Wells u hemm ħa sehem f'għadd ta' opri famużi, fosthom fil-*Luisa Miller* ta' Verdi, li kienet ilha ma tinħadem 'il fuq minn sebgħin sena. Kien matul dan iż-żmien li Oreste kien mistieden jieħu sehem fil-Commonwealth Gala fil-Palladium ta' Londra għall-okkażjoni tal-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II. Kienu se jieħdu sehem personaġġi mill-Commonwealth kollu u Oreste kien irrappreżenta lil pajjiżna. Kanta Riccardo d'Armonia mit-*Tosca*. Deher ukoll fuq il-BBC ikanta *I Pagliacci*. Kanta wkoll fil-varjetajiet ma' orkestri kbar bħal ta' Geraldo, Jack Purnell u Johnny Dunkworth.

Wara dan kollu Oreste spiċċa wkoll Covent Garden, fejn kanta f'għadd ta' opri. Dan kien l-aħħar pass tiegħu fir-Renju Unit. Minn din l-attività kontinwa ġibed l-attenzjoni tal-manifatturi tal-films. Sarulu żewġ offerti, waħda mill-kumpanija Ingliża J. Arthur Park u l-oħra mill-Paramount fl-Istati Uniti tal-Amerika. L-audition mal-Paramount kienet ġiet spiża mhux ħażin, infatti qamet xi £5,000, li għal dak iż-żmien kienet somma fenomenali. Oreste kien insista li jkanta filgħaxija biex il-vuċi tkun qagħdet. Kien idderieġa l-orkestra l-magħruf Geraldo. Dan wassal biex Oreste ffirma kuntratt tajjeb mal-Paramount. Huwa qagħad attent biex fil-kuntratt ma jsirux l-istess żbalji li kienu saru fil-kuntratt ta' Mario

Lanza. Infatti kellu mniżżel ċar u tond li saħansitra jkollu xahrejn fis-sena ħieles minn kull rabta. Kien ħadem il-film *The Vagabond King* ma' Kathryn Grayson. Għal dan il-film kellu jitgħallem iż-żiemel, kif ukoll jiddwella, din id-darba mhux fl-għalqa tal-boċċi tal-Ħamrun b'xabla tal-injam!

Bħala promozzjoni tal-film dak iż-żmien kien isir l-hekk imsejjaħ *short*. Dan kien ikun filmat ta' xi 20 minuta kollox li fih xi personalità magħrufa tintroduċi l-film mal-pubbliku u tħajru jmur jarah. Fil-każ ta' *The Vagabond King* ix-*short* kien għamlu Bing Crosby u fih Oreste kanta silta minn *I Pagliacci*, *Begin the Beguine* u *Cara Mia*. Kull darba li kanta libes kostum differenti u dakinhar idderieġa l-orkestra Victor Young. Dik kienet ukoll l-ewwel darba li Victor Young deher waqt *short*.

Il-*premiere* tal-film sar fil-Plaza f'Londra minħabba li Oreste kien popolari ħafna fl-Ingilterra. Għall-okkażjoni telgħu Londra ommu Fortunata u ħuh Raymond. Il-film għamel suċċess kbir. Kien żmien, iżda, li beda dieħel ir-rock 'n roll, u għalhekk deher ċar li films b'vuċijiet operistiċi kienu se jingħataw il-ġenb. Oreste ma bediex jaċċetta *scripts* li ma jinvolvux kant operistiku. Wara xi żmien Oreste ħass li kellu jinħall mill-kuntratt li kellu, u dan sar biss fuq insistenza tiegħu!

Fl-Amerika ma ħax sehem fil-film biss. Kanta mal-NBC Opera Co., li ddur minn stat għal ieħor. Ħa sehem fir-*Rigoletto* meta xxandret għall-ewwel darba fuq it-televiżjoni bil-kulur. Kanta wkoll darbtejn fil-famuż Hollywood Bowl, b'orkestra ta' mitt ruħ u mija oħra fil-kor. Hemmhekk Oreste ħass li kien qed jerfa' responsabbiltà kbira, ikanta f'teatru bħal dak. L-istrapazz ta' ħafna vjaġġar beda jkiddu u ddeċieda li jiġi Malta għal btala. Waqt il-btala kanta l-*Madame Butterfly* u *La Boheme* fir-Radio City tal-Ħamrun. Tant kienu attendew nies li l-pulizija ma setgħux ilaħħqu magħhom u spiċċaw daħħlu lil kulħadd b'nofs lira bilwieqfa. Wara reġa' mar għal ftit Covent Garden u rritorna Malta biex jieqaf għalkollox mill-karriera.

Oreste żżewweġ lil Theresa fil-knisja tal-Vitorja, il-Belt. Għall-okkażjoni kien irrekordja l-*Agnus Dei* biex ikun propju hu li jkantaha lill-għarusa. Fir-recording daqqew ħuh Twanny fuq il-base guitar, ħuh Louis fuq il-pjanu u Anton Muscat Azzopardi fuq l-orgni. Oreste u Theresa kellhom żewġt ibniet: Anita u Susan.

Fil-ħin ħieles Oreste kien iħobb ħafna jixxemmex u jaqra. Kien ukoll dilettant kbir tal-films antiki. Fid-dar kien imidd idejh għal kollox. Jekk tinqala' biċċa xogħol tal-injam, il-ġebel, il-konkos jew xi ħaġa oħra, arah jaqbad u jipprova jirranġaha hu. Bħala mużika kien iħobb idoqq diski ta' Ray Conniff u bla dubju tal-favorit tiegħu, Beniamino Gigli.

Il-professjonalità ta' Oreste toħroġ mill-fatt li minn dejjem kien determinat f'dak kollu li jagħmel u ma jħalli xejn itellfu fl-għanijiet tiegħu. L-akbar sigriet li kellu kien li dejjem kanta partijiet li jixirqu lill-vuċi tiegħu. Kien ippremjat bil-Lifetime Achievement Award fil-Malta Music Awards u bil-Midalja tad-Deheb mis-Soċjetà tal-Arti, il-Manifattura u l-Kummerċ. Minħabba li rtira kmieni kellu ħin twil mal-familja, li tant kien iħobb.

Oreste miet nhar l-10 ta' Mejju 1998 fl-età ta' 74 sena. Miegħu ntemmet il-leġġenda ta' bniedem li wasal sal-aqwa teatri u saħansitra sa fuq il-liżar ċinematografiku. Dejjem kien jinsisti li fejn jissemma hu jissemma wkoll isem Malta. Kull fejn mar baqa' dejjem kburi li kien Malti. U Malta kburija daqstant li Oreste Kirkop huwa wieħed minn uliedha.


Pure
ChimiClean professional
Detergents and more....
62, Sir Harry Luke Str., Mġarr, Malta
Tel: 2157 3180 • Mob: 9944 9926
mjsammut@maltanet.net
• Laundry Liquid and Powder
• Strain Remover Powder
• Fabric Softeners
• Floor Detergents
• Sgrassatore
• Dishwashing Liquid Soap
• Hand Soap
• Bubble Bath
We also do delivery
Weekly offers (save money promotions)
Also available at Pure
Carpets
Plastics
Essential oils, Candles, Tarts
Gift Packs
Gift Vouchers
Storage Boxes
Nappies and more


Ħal Luqa
Santa Luċija
Il-Kottonera
M'xlokk
SmartCity Malta
Ħal Tarxien
B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 - Mobile 79477682 / 3 / 4 /5
Email: info@bgs.com.mt
Web: www.bgs.com.mt
STOP
- Traffic Signs
- Belishia Globes
- Road Markings Paint
- Street Furniture
- High Friction Surfacing
- Car Park Markings
- Traffic Management Services
- Building Services
We mark, others follow...


Ph. Borg Ltd
FUEL & LPG
Supplier
Diesel
Kerosene
Heating Gas Oil
BioDiesel
Bulk LPG
LPG Transporter
for LIQUIGAS
Malta Ltd.
FUEL SUPPLIER
PH BORG
Mob: 9949 1177
Fax: 2152 3215;
Email: info@phborgltd.com
www.phborgltd.com

Agius Agricultural Trading LTD
Ghall bzonnijiet agrikoli tieghek
Impurtaturi u distributuri ta
makkinarju agrikolu, fertillizanti,
xitel, frawli, bexx
AGIUS
AGRICULTURAL TRADING LTD
tel: +35621573402
e-mail: info@agiusagricultural.eu
web: www.agiusagricultural.eu

# RPJ



**New Tyres:**

- **Car**
- **4x4**
- **Light Truck and Van**
- **Heavy Truck**
- **Agriculture**
- **Off the Road**
- **Earth Moving**

- **Alloy Wheels**
- **All Tyre Repairs**
- **Wheel Balancing**
- **Car Care Products**





Sole Agents for:

LASSA Radar petlas

Also Available Brands:

Firestone GOODYEAR HANKOOK
MICHELIN BRIDGESTONE BFGoodrich
PIRELLI DUNLOP TOYO TIRES

Alloy Wheels:

MAK Arcasting




**Mobile: 99 042 285 / 99 448 417**

**Email: rpjtyresandwheels@gmail.com**

**Website: www.rpjtyres.com**

**Address: 236, Triq iz-Zebbiegh, Mgarr, MGR 9030**

**Opening Hours:**

**Monday – Friday: 7:00 – 18:00**

**Saturday: 7:00 – 13:30**




ST. MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS

**Opening Hours:**

Monday-Saturday:8.00am-12.30pm / 4.00pm-7.00pm

Saturday Afternoons:
4.30pm- 7.00pm

Tel: 21580711 • 99082404

***Family Doctor in daily attendance***

ST.MARY PHARMACY
MGARR DISPENSING CHEMISTS




# Horace Spiteri

Tan-Newwes **Funeral Services**

## Xogħol ta' Funerali ...

- *Twiebet ta' Malta u ta' Barra*
- *Karrozzi tal-Mejtin tal-istess sid*
- *Knisja u Kant*
- *Fjuri*
- *Reffiegħa*
- *Santi*
- *Xandir fuq ir-Radju*
- *Avviżi fuq il-Gazzetti*
- *Karrozzi għall-familjari*
- *Dfin u qlugħ ta' rħama*
- *Permessi u dak kollu li għandkom bżonn għall-funeral*

Prezzijiet Moderati
24 Siegħa Servizz

---

'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele, Żejtun

Ⓜ **9949 8829 / 7749 8829** · Ⓣ **2169 4212 / 2169 3247**

# IG ENGINEERING

Mechanical Engineering Works,
Metal, Aluminium and Stainless-Steel Welding and
CNC Plasma Cutting

**Isaiah Grima**

M: 99832441
E: isaiahgrima@hotmail.com

Address:
Triq Ghajn Stas, St.Paul's Bay

Laflafett Co Ltd.
Agricultural and Horticultural Products

Facebook
Website
Instagram

Fornituri ta' xitel
Tilqim ta' xitel
Xitel tal-frawli
Fertilizzanti
Serer
Servizzi oħra



John - 99403342
Richard-99899831
www.laflafett.com
agrispec@gmail.com
laflafett@outlook.com

# Vella Mechanical Services

Co. Ltd.

## LEADING SUPPLIERS & STOCKHOLDERS OF HYDRAULIC PARTS & EQUIPMENT

Triq ta' Torba, Lija LJA 2041
E: vella.jimmy@gmail.com
T: 21 413 178 M: 99 428 729 F: 21 418 882

Opening Hours: Mon - Fri: 7.30am - 5pm
Saturday: 7.30am - Noon







## CUSTOMISED SOLUTIONS

**Leading Suppliers and Stockholders of:**

- All types of hydraulic, industrial, medium & high pressure hoses
- Hydraulic & pneumatic custom made cylinders and power units
- Various types of hydraulic pumps, motors, oil coolers and control valves
- Pressure seals and o rings
- Lifting chains & belts, wire ropes/slings, ratchet straps etc…
- Computerised testing machine with certification printout of wire slings, chains etc…
- Truck part, air brake components, engine parts, clutch parts, gaskets etc…
- Repairs of truck gearbox
- Custom made mechanical cables for various cars and trucks



# Verbena Wine & Dine
Local Mediterranean Restaurant

☎ 79062933
verbenamalta@gmail.com

Saint Anne Street, Żebbiegħ, l/o Mgarr
(near Żebbiegħ Church)



# J & L Supermarket

Variety of Fruit, Vegetables, Groceries and Delicatessen

Main Street, l-Imġarr, Malta
Tel: 21579397

## Explore More with Kerċem A' Tours
## Where Every Journey is an Adventure

1. Germany With a Touch of France & Switzerland
   22nd – 29th August
2. Short Break in Poland
   30th August – 4th September
3. Poland B'Differenza
   2nd – 8th September
4. Lourdes
   7th – 11th September
5. Agriturismo Partinico 2
   12th – 15th September
6. Alberobello – Puglia – Basilikata
   16th – 20th September
7. Germany With a Touch of France & Switzerland
   18th – 24th September
8. Serbia Adventures with a Touch of Bosnia
   20th – 27th September
9. Short Break in Lisbon & Fatima
   10th – 13th October
10. Christmas Markets in Austria & Germany
    1st – 5th December
11. Rhine Metropolises
    11th – 15th December
12. New Years in Black Forest
    27th December – 2nd January



**KERĊEM A.TOURS**

Call Us: +356-21564828 +365-99402511
Email Us: info@kercematours.com


Manuel Bezzina Co Ltd
IMPORT - EXPORT
ŻERRIEGĦA TAL-PATATA U
FERTILIZZANT ĠERMANIŻ TA' L-AQWA KWALITÀ
HERMOSA
Patata bikrija, reżistenti għall-mard u
għammiela ħafna li ser tiġi impurtata f'Ottubru
SANTE
Bikrija
DRUID
Ħamra
BUFFALO
Bajda
SLANEY
Bajda
ALPHA
Safra
CARA
Ta' Għajna Ħamra
Aktar tagħrif Manuel Bezzina Co Ltd, 'Springfield', 24, Excelsior Street, Għargħur
Tel: (Res) 2141 0204, (Ta' Qali) 2141 8192 • Mob: 9949 7346
Fax: 2141 2587 • Email: info@manuelbezzinacoltd.com

SWEET KING
Homemade products the professional way
Large variety of Fresh Cakes,
Cream Tarts, Hand made Ravioli,
Frozen items, party items
and much more
Burmarrad Road, Burmarrad (next to church)
Tel: 2733 3578

# IL-FESTA T-TAJBA
# GAWDI L-FESTA U ĦU ĦSIEB SAĦĦTEK

## EVITA S-SĦANA
Ibqa' ġewwa u oqgħod f'post għall-frisk fl-iktar parti sħuna tal-ġurnata.

## IXROB TA' SPISS
Ixrob ilma b'mod regolari, anki meta ma tkunx bil-għatx. Evita l-alkoħol u l-kaffeina.

## KUL IKEL ĦAFIF U FRISK
Kul ikel ħafif u b'kontenut għoli ta' ilma, bħall-insalati u l-frott.

## IPPROTEĠI RUĦEK MIX-XEMX
Ilbes ħafif, imxi fid-dell, indilek b'sunscreen, u ilbes kappell jekk se toħroġ barra.

## NIEĦDU ĦSIEB XULXIN
Niftakru fl-anzjani, it-tfal, u f'dawk li jbatu minn kundizzjonijiet kroniċi.

## ŻOMM DAREK FRISKA
Agħlaq it-twieqi u l-blinds/purtieri matul il-jum u iftaħhom meta x-xemx tkun inqas qawwija.

## EŻERĊIZZJU FIL-FRISK
L-eżerċizzju fiżiku ippjanah minn qabel u agħżel ħinijiet li fihom ix-xemx tkun inqas qalila. Evita li tagħmel l-eżerċizzju bejn il-11 AM u l-4 PM meta x-xemx tkun fl-aqwa tagħha.

## FITTEX GĦAJNUNA MEDIKA
Jekk kawża tas-sħana qed tħoss sintomi bħal sturdament, dardir, tirremetti u uġigħ fil-muskoli, ċempel fuq 21 231 231.

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

BEAT THE HEAT

Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard

C. Gatt Midland Steel Works

# C Gatt Midland Steel Works

Block D Midland Micro-Enterprice Park
Triq Burmarrad, Naxxar NXR6345
Mob No: 99823982
Tel. No: 27036638
Email: cgattweld@gmail.com
http://www.facebook.com/cgattweld

**- Gates - Certified Overhead Cranes**
**- Spiral Staircase - Railings**
**- Balconies - Steel Structures**
**- Window Grills - Steel Stairs**
**- Skylights - Boat Trailers**













Britannia

YOUR HOLIDAY STARTS HERE!

**Noel Farrugia**
*Managing Director*

Britannia House, 652,
Saint Joseph High Road,
Ħamrun ĦMR1012

Tel: +356 2247 4812, 2123 8039

# Ta' Falzon Landrovers Ltd.

**VALLEY ROAD, MSIDA. MALTA. MSD 9022**

**Tel: 2149 2186 - Fax: 2148 7504**

James Falzon - 9949 2387  Colin Falzon - 9942 8383

email: colfal@onvol.net

www.jcfalzon.com





*After you have seen the rest,*
*Come and buy it from the best!*


ECLIPSE STATIONERY
9, Fisher Road, Mgarr, Malta
21525248/99442106
eclipsemgarr@gmail.com
Stationery
Greeting and occasional cards
Toys
Gift Ideas
Photocopy service
Binding
Laminating
One4All Gift Vouchers
Newspapers
Mobile/Public Transport Top-Up vouchers
Printer Cartridges
Educational Games
Craft supplies
And several other products and services


Ballut Farm Ltd
Traditional Barn Reared
Local Product ... Quality Guaranteed
FARM CHICK
Did you try our cage free Omega 3 eggs?
... Better nutrition!
We offer fresh local graded eggs packed Small, Medium & Large
Available at Supermarkets & Retail Shops.
We also supply Catering Establishments
(+356) 9980 1719
(+356) 21 573 488
ballut.farm@maltanet.net
www.ballutfarm.com
Għajn Tuffieħa Rd, Għajn Tuffieħa, Malta




*Triq Tal-Milord, Il-Bidnija MST 1000*

*Mobile: 7770 0818*






**Triq iż-Żebbiegħ, Mġarr**
**21575749 • 99849688**

Opening Hours:
Mon - Sat: 4am - 5pm
Sunday: 7.30am - 1pm

Drinks & Appetizers
Daily specialities
ħobż, wraps, salads, pasta
Reasonable Prices



7949 0760
PALMIER
DEMOLITION & EXCAVATION

# PALMIER DEMOLITION & EXCAVATION

We provide top-quality demolition and excavation services. With a focus on safety and efficiency, we prepare the groundwork for future projects with unmatched precision and care.

**CONTACT US**

+356 7949 0760










PAPER SOURCE
STATIONERY
TOYS & GIFTS
OPEN
WITH EVERY €100 SPENT, YOU'LL GET €10 WORTH OF STATIONERY, TOYS AND GIFTS
GREAT PRICES IN STORE!
Email us on
papersource19@gmail.com
31 Triq il-Kbira Mgarr Malta
Call us on 21572051


Pd
GATES & GARAGE DOORS
DEA
Specialists in Garage Doors, Gates & Automation
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
ROLLER SHUTTER DOORS
RESIDENTIAL & INDUSTRIAL, SLIDING & WING GATES IN VARIOUS DESIGNS AND FINISHES
REMOTE CONTROL AUTOMATION AVAILABLE
t. 21419275 m. 99498269 e. patrick.pds@gmail.com
Midland Micro Enterprise Park, Block D, Plots 10 & 11, Triq Burmarrad, L/O Naxxar, NXR 6345 - Malta
find us on facebook

# WHY STRAIN? GET A CRANE

CRANE FLEET RANGING FROM 25 TO 200 TONNES




- Self Erecting / Static Tower Crane
- Sales, Rentals, Erection & Dismantling
- Specialising in Crane Parts for European & Japanese Cranes
- All Type of Crane Repairs, Structural & Hydraulics
- Safe Load Indicator Crane Computer Sales & Repairs
- Industrial Remote Controllers as Fitted to Tower Cranes, High Up Cranes & Tow Trucks

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

Vella Garage, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4892

Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362

Email: swaey@swaey.com

**GPS Codes**
35. 902961
14.415860




www.swaey.com

## SWAEY BROS. LTD.

*Crane Services*

difast s.r.l. sollevamento oleodinamica DIFLEX PAT

- Hydraulic Sales, Repairs and Installations
- Hydraulic Hoses and Fittings • All Types of Control Valves
- Lifting Slings, Endless & Conventional Chains, Lifting Tackles, Wire Ropes and Special Hooks
- Rental of Electronic Weighing, Remote Control Load Cells up to 25 Tonnes
- PTOs, Pumps and Fittings
- Crane Repair - Hydraulic Hammer Sales and Repair
- Pneumatic Jack Hammers & Jiggers
- Supply of Chisels for any type of Hammer

BPE Electronics · Demac · Atlas Copco · Rock Tools · PENTA HYDRAULIC POWER · Chicago Pneumatic · FABERCOM Electronics and hydraulics for mobile machines · PZB · YOKE Safety is our first priority

Vella Garage, Triq il-Kuncizzjoni, Mosta MST 4892
Tel: 21 433 380 Mob: 99 492 362
Email: swaey@swaey.com Web: www.swaey.com

**GPS Codes**
35. 902961
14.415860


MĠARR
YN SPORTS BAR
Mġarr Football Ground, Triq il-Plejju, Mġarr, Malta
99491017 79064229


MGARR PHARMACY
MAIN STREET L-IMĠARR MALTA
+356 21577784
+356 79577784
pharmacymgarr@gmail.com

MALTA SUNRIPE
A TASTE OF MALTA

A farmers-owned trade of Maltese Traditional Delicacies
Quality - Tradition - Culinary Heritage




Malta Sunripe Company Ltd., St Peter Street, Mġarr - Malta - MĠR1545
T: +356 2158 3269 - M: +356 7926 1490 / +356 7925 2339
E: msunripe@maltanet.net - W: www.maltasunripe.com






TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

- Weddings
- Engagements
- Parties and Private functions

- Wines & Spirits
- Beers & Minerals
- Tobacco
- Snacks & Confectionery
- Foodstuffs
- Ice Cubes & Flakes
- at wholesale prices

- Rabat
- Dingli
- Bahrija,
- Mosta
- Attard
- Zebbug,
- Lija
- Iklin
- Balzan
- B'kara
- Fleur De Lys
- Mgarr
- Bidnija
- Naxxar
- Gharghur

TA' KARLA cellars
WINES • SPIRITS • BEERS • TOBACCO • SNACKS
Cash & Carry

Vincenzo Ciapara Street, Rabat
Tel: 21 454 876 • 21 459 925 • Fax: 21 451 079
Email: info@takarla.com


FLOWERS BY PHYLLIS
Flowers for all occasions
18, Triq il-Kaħli, St. Paul's Bay
T: +356 99 111 688
f: @flowersbyphyllismalta
W: www.flowersbyphyllis.com/shop


White Tower Lido
White Tower
Lido & Restaurant
Il-Bajja ta Torri L-Abjad, Mellieħa
Mobile 99666292
Owner Mr Mario Cassar


MARKET LEADERS
• Importers, Growers, Wholesalers & Retailers
• Seasonal & Non-Seasonal Fruits & Vegetables
• Fresh & Dry Herbs and Fruits • Pre-packed Salads
• Delivery to all parts of the Maltese islands
• Fleet of Refrigerated Trucks & Vans
FNG
SUPPLIES CO. LTD
We also supply to:
Hotels
Grocers
Supermarkets
Ship Chandlers
Restaurants
Catering Establishments
We also import exotic fruits & vegetables from all over the world
FREE SAME DAY DELIVERY
mobile: 99 455 911 • 99 892 959
99 422 593
Il-Warda, Triq Ras il-Wied, Wardija, San Pawl Il-Bahar SPB 6642 | F: 21 584 077
sales@fngmalta.com | www.fngsuppliesltd.com


RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL
24HR TOWING & RECOVERY SERVICE
RFL Towing was established in 2005 and currently operates in association with Mapfre Middlesea p.l.c.
RFL Towing understands that having problems on the road is frustrating and inconvenient, which is why the company operates everyday and at all hours, with timeliness and efficiency in mind. Organisation and responsibility are also key factors in the way RFL Towing is managed.
Roadside assistance is given to those who require it, and services include tyre changing, battery replacements and battery boosts, amongst others.
RFL Towing offers its services in both Malta and Gozo, and prices vary depending on the type of vehicle and the severity of the situation. A special rate is available for companies that make use of the service.
RFL Towing Services, Ta Saliba, Wardija Crossroads, Malta
Find us on Facebook: RFL Towing Service Website: www.rfltowing.com Email: rflt@go.net.mt
(+356) 9945 1593 / 9957 9240


CN Marble Granite
Mifsud
m: +356 9988 5191
e: contact@cnmarbleandgranite.com
w: www.cnmarbleandgranite.com
Blokk D, Midland Micro-Enterprise Park
Triq Burmarrad. L/O Naxxar

PARADISE BAY
RESORT

# EVENTS

## SERVICE FOR EVERY OCCASION










**Weddings | Conferences | Birthdays | Graduations | Baptism | Holy Communion | Confirmation**

***Get in touch with us today to discuss your event and get a tailor-made quotation based on your unique requirements.***

+(356) 2289 5000 events@paradise-bay.com

# 19 Meter Cherry Picker For Hire

(SAFETY FIRST)

**Contact Lawrence on 79087797**




CREATIVE *Glams*

**PERSONALISED GIFTS & HOME DECOR**

Occasional Home Décor & Gifts

Personalised Gifts

Specialising in Wedding Accessories

39, FISHER ROAD, MGARR, MALTA.

CREATIVE GLAMS

WWW.CREATIVEGLAMS.COM


HOLY WINES
PEYRE
LA GAZETTE
SYRAH GRENACHE CARIGNAN
N° 009. Rouge-Red
PEYRE
L'APOSTROPHE
SAUVIGNON VIOGNIER
N° 008. Blanc-White
PEYRE
PAPARAZZI
CINSAULT GRENACHE CARIGNAN
N° 010. Rosé-Rose
PATRICIA ALEXANDRE
PEYRE
Antipasti aux Deux Tomates
PEYRE
Caviar d'Aubergines
PEYRE
Tapenade Noire
Order Online and Wines will be Delivered to Your Door!
www.holywines.com.mt
+356 7953 9865
adrian@holywines.com.mt
BLACKETT
TAWNY
RESERVE
NETZU
EDLES TAL
Château Ventenac
Le Mas
Soalheiro

Peel 'n' Go

EST.1994

# UNIVERSAL STATIONERY

STATIONERY ITEMS
HELIUM SERVICE
LAMINATION
PASSPORT PHOTOS
BINDING
CARDS/TOYS
HOME GOODS







22, Triq Ras il-Ġebel, Iż-Żebbiegħ l/o L-Imġarr
Tel: 27456284
Email: printer@universalstationerymalta.com

# Francesco Garden Centre








Wied Rini, Baħrija, l/o Rabat, Malta
T: +356 7945 6689, 7947 4802
E: francesco.pgc@gmail.com
f: Francesco Garden Centre






VELLA WHOLESALERS
Groceries, Toiletries, Detergents and Pet Shop
'St. Michael', Sir Temi Zammit Street, Zebbiegh
Tel - 21 522 805
Mob - 99 837 837


IL-MIXTLA
pets & plants
170 Triq il Kbira
L-Mgarr, Malta
7793 6703
c.muscat@hotmail.com
fb.me/MixtlaMgarr
Indoor & Outdoor Plants
Fresh Flowers for All Occasions
Garden Supplies
Pet Food & Accessories
Variety of Candles
Free Delivery [Mġarr & Żebbiegħ]

**Mr James Muscat**
*Director*
**Prime Factory**

**Prime Meat Shops are located in**
**Fgura, Marsa, Mellieħa, Naxxar, Qawra, Swieqi,**
**St Paul's Bay, Żabbar, Żebbuġ, Żejtun and Gozo**

**J AND A GARAGE**
**MECHANIC AND CAR**
**DEALER**



99427072
99455462

ST.PAULS BAY,
TRIQ DESGUANEZ



SCHEMBRI DRAINAGE
SERVICE WORKS
99240524
• Grease Trap Cleaning • Drain Repairs
• Jetting Drain Unblocking • Sewer Cleaning
• Camera Inspection




James Falzon
Insurance Approved
Spray Painting & Panel Beating
Oven bake spray
Importer of second hand parts
James Falzon
Auto Body Shop Ltd.
Tas-Sriedaq Lane, Mosta.
Tel: 9944 4719
Email: jamfal99@yahoo.com
VAT No: MT2199-9916

TRY OUR

# BBQ RANGE

**We have a wide and extensive range of delicious hand pre-prepared BBQ products for every size of BBQ.**

Our selection includes sausages, burgers, kebabs, ribs and much more.
All are homemade and of course great tasting.









## KEBABS

Chicken, Beef, Lamb Kofta, Chicken Satay

## STEAKS

Rib-eye, Cuberoll, Pork collar

## POULTRY

Buffalo Wings & Drumsticks, Chicken Breast in various flavours

## RIBS

Pork & Beef

## SAUSAGES

Fantastic homemade range including Rabbit, Veal, Chicken, Pork and Beef

## BURGERS

Extensive homemade range including Beef, Pork, Lamb, Chicken

MEAT & POULTRY MARKET

Snow White

Zebbiegh Road, Mgarr, MGR 9036, MALTA
t: +356 21575346 e: info@snowwhite.com.mt
www.snowwhite.com.mt


Convenience Shop
Opening Daily 6am-9pm
Bakery, Breakfast, Confectionery,
Drinks, Fresh & Frozen Food,
Groceries, Coop Products,
Personal Care and Detergents
coop
ITALIAN PRODUCTS
MORE QUALITY VALUE
19, Fisher Road, Mgarr, Malta
T: (+356) 2249 8430 | M: (+356) 99576215 | W: www.theconvenienceshop.com


Vella Supermarket
Loyalty Scheme Available
Variety of Fresh Food, Fresh Bread, Food
Cupboard, Frozen Food, Drinks, Pets,
Household and Detergents
Open Monday to Saturday 7am-7pm, Sunday 8am-12pm
St. Paul's Street, Mgarr
Tel: 21574800


St. Mary's Bakery
Tal-Pewx
Suppliers of Traditional Maltese & Fancy Bread
for Grocers, Confectionery, Restaurant and Snacks Bars
Mob: 9947 5459 / 7723 7702


THE PROFESSIONALS
58 Mill Street, Qormi
Mob: 99490574 Tel: 27445571
the professionals malta
web: www.theprofessionalsmalta.com
PARQUET, DECKING &
FEATURE WALLS


BJORN'S GARAGE
School Transport / airport / point to point transfers
: 356 9903 4447
: bjorncamilleri90@gmail.com



# MICHAEL AGIUS

***Agricultural Machinery***
***Sales & Services***

10, Triq l-Iskavi cr.
Triq il-Banjijiet Rumani,
l-Imġarr Malta

T: 2158 3262
M: 9987 5035
E: michael.a.agius@gmail.com










FRESH DAILY
RODNEY'S
— ESTD. Fish Shop 2014 —

EXCLUSIVE SHOP FOR

**Summer Opening Hours** (1 May – 31 Oct)

| | |
|---|---|
| Monday | CLOSED |
| Tuesday to Friday | 08:45 – 18:00 |
| Saturday | 08:45 – 14:00 |
| Sunday | 08:45 – 11:45 |

**Winter Opening Hours** (1 Nov – 30 Apr)

| | |
|---|---|
| Monday | 08:45 – 15.00 |
| Tuesday to Friday | 08:45 – 18:00 |
| Saturday | 08:45 – 14:00 |
| Sunday | CLOSED |

98, Vjal l-Indipendenza, Mosta — Tel: 2142 4311

# REĠJUN TRAMUNTANA

Il- Mellieħa, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Pawl il-Baħar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard, l-Imtarfa

## "Empowering Our Community, Building a Brighter Tomorrow Together"


21572770

WWW.FACEBOOK.COM/REGJUNTRAMUNTANA

#REGJUNTRAMUNTANA

REGJUN-TRAMUNTANA.DLG@GOV.MT




Il-Kumitat Sezzjonali
tal-Partit Nazzjonalista tal-Imġarr
jixtieq jawgura
l-festa t-tajba lil kulħadd

Il-President is-**Sur Giovanni Gatt**

jawgura kull suċċess
lill-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**
u jwiegħed
lill-Imġarrin l-appoġġ
sħiħ tiegħu biex tissokta
tikber u tissaħħaħ.

Viva l-Banda
**“Marija Mtellgħa s-Sema”**,
tal-Imġarr

